# DISKORS TAL-BUDGET 2024

**CLYDE CARUANA**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Malta GUSTA

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-FINANZI
U X-XOGĦOL

# Diskors tal-Budget
# 2024

Sur Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol
Malta
30 ta' Ottubru, 2023

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol,
Triq in-Nofsinhar,
Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25998259
Sit Elettroniku: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-publikazzjoni**

**Malta.** Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol
Diskors tal-Budget, 2024 / Clyde Caruana.
Valletta: Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, 2023

ISBN: 978-99957-58-73-8

1. Budget - Malta
I. Titlu II. Clyde Caruana

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni,
3, Pjazza Kastilja,
Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22001700

Mitbugħ fl-iStamperija tal-Gvern
Prezz: **€2.00**

# Werrej

paġna

Introduzzjoni ........................................................................ 1

Kapitlu 1 - L-andament u t-tbassir ekonomiku u fiskali ........................ 7

Kapitlu 2 - Ninvestu f'pajjiż b'ruħ soċjali ........................................16

Kapitlu 3 - Ninvestu fl-ikbar riżors ta' pajjiżna: In-nies ........................41

Kapitlu 4 - L-ekonomija li rridu għal futur sostenibbli ..........................52

Kapitlu 5 - Ninvestu f'infrastruttura li tixraq lil pajjiżna ........................68

Kapitlu 6 - Ninvestu f'ambjent aħjar bi żvilupp sostenibbli ......................81

Kapitlu 7 - Ninvestu f'pajjiż ġust, sigur u ugwali ...................................91

Kapitlu 8 - Ninvestu fil-wirt kulturali, l-arti u l-isport ..........................102

Konklużjoni ........................................................................105

## Introduzzjoni

Sur President,

Matul dan il-perjodu tas-sena, kulħadd jgħid tiegħu dwar x'jistenna mill-budget.

Bħal kull sena kien hemm min qal li dan ser ikun eżerċizzju ieħor simili bħal dawk ta' qablu. Xejn ġdid, xejn differenti. More of the same.

Min jgħid hekk Sur President, jew għax ma jsegwix dak li qed jiġri madwarna jew irid jiżgwida lin-nies.

Ma nistax, Sur President, ma nirreferix għall-fatt, li d-dinja ħarġet minn pandemija 18-il xahar ilu, faqqgħet gwerra fil-Lvant tal-Ewropa s-sena l-oħra, numru ta' ekonomiji fl-Ewropa jinsabu għaddejjin minn kważi riċessjoni, għandna inflazzjoni - jiġifieri ż-żieda fil-prezzijiet - li rajna bħala ħamsin sena ilu, u barra minn hekk jaf tfaqqa' gwerra fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, bi prezz taż-żejt li dejjem qed joqrob lejn il-$100 il-barmil.

Naħseb semmejt biżżejjed fatti, biex wieħed jifhem minn xiex inhi għaddejja d-dinja, l-Ewropa u r-reġjun li ninsabu fih.

Fid-dawl ta' dan kollu, aħna hawnhekk gżira ċkejkna f'nofs baħar mingħajr ebda riżorsa naturali, iżda xorta waħda għadna fuq saqajna, f'saħħitna u b'saħħitna aktar minn qatt qabel!

Sur President, fid-diskors tiegħi llum, ser ikolli l-opportunità nispjega kif din l-ekonomija tagħna qiegħda u ser tkompli toħloq il-ġid u kif dan il-Gvern ser ikun qiegħed jamministra t-tqassim tar-riżorsi b'mod ekwu u ġust sabiex nassiguraw li nkomplu ntejbu l-għejxien tal-poplu Malti u Għawdxi.

Sur President, dan kollu mhux b'kumbinazzjoni. Dan kollu mhux għax l-affarijiet jiġu tajjeb. Dan kollu mhux għax aħna ffurtunati. Dan kollu huwa possibbli għax aħna kapaċi nieħdu l-aħjar deċiżjonijiet fl-iktar mumenti diffiċli.

M'aħniex Gvern perfett, għandna n-nuqqasijiet tagħna, iżda bil-ħażin u t-tajjeb kollu tagħna, l-ekonomija Maltija s-sena d-dieħla ser tkun fost l-aktar b'saħħitha fl-Ewropa.

Qabel ngħaddi sabiex nagħti spjegazzjoni fuq l-indikaturi ekonomiċi, irrid nagħti żewġ eżempji ta' kif aħna differenti minn ħaddieħor u għaldaqstant ir-riżultati tagħna jkunu differenti u aħjar.

Nibda l-ewwel billi nħares ftit lil hinn minn xtutna, lejn il-Ġermanja. Il-Ġermanja hija l-akbar pajjiż fl-Unjoni Ewropea bl-akbar ekonomija. Madwar xahar ilu, il-Ministru tal-Finanzi tagħhom ippreżenta l-budget għal pajjiżu għas-sena li ġejja. In-numri juru li bħala pajjiż, is-sena d-dieħla ser ikollhom tnaqqis drastiku fin-nefqa fuq is-saħħa, anqas infiq fuq l-edukazzjoni u anke l-qasam soċjali spiċċa vittma ta' anqas flus.

Aħna Sur President, Malta, l-iżgħar pajjiż, bl-iżgħar ekonomija. Kuntrarju għal dan kollu, illum niġi hawn b'wiċċi minn quddiem

u ngħid li għas-sena d-dieħla dan il-Gvern minkejja l-isfidi kollha, ser jonfoq aktar fuq is-saħħa, l-edukazzjoni u wisq iżjed fuq il-qasam soċjali! X'differenza dik, Sur President!

Nifhem li l-paraguni huma odjużi, imma Sur President, irrid inqabbel ftit meta ffaċċjati mir-realtajiet li ġġib magħha l-ħajja kif inġibu ruħna aħna u kif iġibu ruħhom tan-naħa l-oħra. Iż-żmien kultant inessi, imma għall-benefiċċju ta' kulħadd Sur President, se nagħmel referenza għad-diskors tal-budget għas-sena 2010. Irrid inkun ġust u ngħid li dak iż-żmien ukoll pajjiżna kien qed jaffaċċja numru ta' sfidi internazzjonali. Għalhekk xtaqt illi nikkwota xi ftit siltiet mid-diskors tal-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien.

Fil-konklużjoni jgħid hekk:

*"L-ekonomija mondjali nħakmet minn maltemp kbir. Ħakimna maltemp ħafna akbar milli qatt ħadd kien jimmaġina. Rajna l-ekonomija tad-dinja f'xifer katastrofi. Għixna l-waqa' ta' organizzazzjonijiet finanzjarji kbar, ekonomiji jiċkienu, postijiet tax-xogħol jintilfu, u qtigħ il-qalb li mess lil tant u tant familji.*

*Mr. Speaker,*

*Malta wkoll sabet ruħha f'dan l-akbar taqlib ekonomiku li ġarrbet id-dinja moderna. Batejna u għadna qed nitħabtu. Imma f'dan it-taqlib mexxejna b'għaqal kbir, bi tmexxija soda, u b'politika ta' tama li ngħelbu kull xkiel".*

Taf x'kienet ir-risposta għal dan kollu Sur President? Nikkwota minn paġna 40 tal-istess diskors:

*Mr. Speaker,*

*Malta hija totalment dipendenti fuq iż-żejt biex tiġġenera l-elettriku u ssaffi l-ilma baħar. Il-prezz internazzjonali taż-żejt għadu instabbli ħafna u qed jiżdied.*

*Mr. Speaker, Iż-żidiet fil-prezz taż-żejt iridu nħalsuhom bilfors biex nixtru ż-żejt li għandna bżonn. In-nefqa li nagħmlu tista' tinġabar biss b'żewġ metodi: jew mit-tariffi li jħallas kulħadd, jew permezz tas-sussidji li jinġabru mit-taxxi. Dan il-Gvern minn dejjem uża ż-żewġ metodi – sussidji u tariffi – u hekk bi ħsiebna nkomplu nagħmlu.*

*Hija illużjoni li naħsbu li t-tariffi tad-dawl u l-ilma mhux se jogħlew meta jogħla ż-żejt minn barra, jew li ma jorħsux meta ż-żejt jorħos. Veru li aħna għamilna snin twal ma nċaqalqux it-tariffi tagħna għax konna nżidu jew innaqqsu s-sussidju, imma dan kien possibbli biss sakemm iż-żejt kien għadu bl-20 jew 30 dollaru l-barmil, u mhux kif inhu llum!*

*Mr. Speaker, Il-Gvern huwa konxju li l-prezzijiet internazzjonali għolja taż-żejt, li wasslu għal żidiet fit-tariffi tad-dawl u l-ilma, tefgħu piż fuq il-familji tagħna. Dawn it-tariffi affettwaw l-inflazzjoni u allura wasslu sabiex jogħla l-kumpens għall-għoli tal-ħajja li qegħdin nagħtu f'dan il-baġit. Minħabba li l-prezz taż-żejt reġa' tela', it-tariffi tad-dawl u l-ilma se jerġgħu jiġu aġġustati mill-1 ta' Jannar li ġej.*

Xi jfisser dan kollu, Sur President? Ħaġa waħda. Kienu jafu li n-nies qalbhom maqtugħa, kliemhom stess dan jekk ma tridx, u flok kienu ta' spalla sallbuhom aktar.

Aħna llum qed niġu hawn u f'diskorsi ser inkun qed ngħid, li għal darb'oħra, f'mument diffiċli bħal dan, itqal minn ta' dakinhar, dan il-Gvern ser ikun qiegħed jerfa' l-piż tal-enerġija biex ma jogħtrux in-negozji u l-familji Maltin.

X'differenza dik, Sur President! Mhux biss fl-attitudni iżda anke fil-kompetenza.

Għalfejn qed ngħid hekk, Sur President? Qed ngħidu dan għax li kieku għabbew lin-nies u lin-negozji b'dawn il-piżijiet imma l-pajjiż mar aħjar, tgħid paċenzja, dan partit Konservattiv lemini u jħaddan dik il-politika, m'hemmx x'tagħmel.

Imma Le, Sur President, anke l-politika fiskali tal-pajjiż bażwruha. F'paġna 8, tal-istess diskors li għamilt referenza aktar kmieni għalih, il-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien kien qed ibassar li l-piż tad-dejn nazzjonali imqabbel ma' dak li nipproduċu kellu jkun ta' aktar minn 68%.

Illum Sur President, minkejja dak kollu li għaddejna minnu, dak li qed nesperjenzaw, id-diżastri kollha li jsemmu, il-verità hi, li l-piż tad-dejn ta' pajjiżna s-sena d-dieħla se jkun ta' 55% - 13-il punt perċentwali anqas minn ta' dakinhar. Jiġifieri mhux biss talli qed nagħmlu dak li ma għamlux huma, iżda iktar minn hekk mhux qed ngħabbu lill-pajjiż b'piżijiet li ma jiflaħx.

Dik hija d-differenza fil-politika u l-kompetenza fiskali li jiddistingwu ż-żewġ naħat.

Hawnhekk Sur President, irrid nagħmel punt importantissimu. Aħna qed inwettqu u nemmnu f'dan kollu li għidt. Iżda rrid ngħid ukoll li dan kollu huwa mertu tal-għaqal u d-dixxiplina fiskali.

Ma jkun qatt li naċċetta li nbigħu għada biex ngħixu llum.

Filwaqt li aħna differenti mill-Ġermanja kif nallokaw ir-riżorsi tagħna, aħna bħal Ġermanja nemmnu fid-dixxiplina fiskali u nħares 'il quddiem li jkollna qbil fuq livell Ewropew fuq ir-regoli l-ġodda marbuta mal-Economic Governance Framework.

U għalhekk Sur President, li minkejja dan kollu li semmejt, fil-qafas tar-regoli l-ġodda li għandna quddiemna, iva pajjiżna għas-sena d-dieħla ser ikompli jnaqqas id-defiċit tiegħu.

Irridu nkomplu mexjin b'dan il-pass meqjus tat-trażżin fid-defiċit iżda deċiżiv biex nassiguraw li dan il-pajjiż jibqa' b'saħħtu finanzjarjament mingħajr ma jitfa' piżijiet fuq il-ġenerazzjonijiet li ser jiġu warajna.

# KAPITLU 1. L-ANDAMENT U T-TBASSIR EKONOMIKU U FISKALI

Dak li jkun qed jiġri madwar id-dinja jaffettwa lil kull pajjiż. Malta mhix eċċezzjoni.

Għalhekk, biex nifhmu aħjar l-andament ekonomiku u fiskali ta' pajjiżna kif ukoll il-miri tal-Gvern għas-snin li ġejjin, se nagħti ħarsa lejn l-ambjent ekonomiku globali u dak fl-Unjoni Ewropea (UE).

## L-andament u t-tbassir globali

It-tkabbir ekonomiku globali naqas fl-2023, hekk kif l-inflazzjoni għolja baqgħet persistenti matul din is-sena u b'hekk kompliet tnaffar il-konsum tal-familji u l-attività ekonomika.

Fis-snin li ġejjin, l-isfidi tat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-għoli tal-ħajja huma mistennija li jkomplu jkunu l-kwistjonijiet globali ewlenin. Issa aktar minn qatt qabel b'dak li sfortunatament qed jiġri fil-Lvant Nofsani.

Esperti jbassru tkabbir ekonomiku globali dgħajjef meta mqabbel mal-passat.

Skont il-Fond Monetarju Internazzjonali (l-IMF), l-attività ekonomika globali hija mbassra li tonqos minn 3.5% fl-2022 għal 3.0% fl-2023 u 2.9% fl-2024.

Dan jirrifletti t-tkabbir kajman fil-kummerċ dinji. Barra minn hekk, l-ekonomiji avvanzati, inklużi l-Istati Uniti, il-Ġappun, u r-Renju Unit, huma antiċipati li jiffaċċjaw tnaqqis fit-tkabbir minħabba fatturi bħall-inflazzjoni persistenti, u politika monetarja aktar stringenti. Infatti l-IMF qiegħda tbassar li t-tkabbir fl-ekonomiji avvanzati huwa mistenni jonqos minn 2.6% fl-2022 għal 1.5% fl-2023 u 1.4% fl-2024.

## L-andament u t-tbassir fl-UE

L-ekonomija Ewropea kompliet tnaqqas ir-ritmu tat-tkabbir ekonomiku fl-ewwel kwart tal-2023, bi tkabbir irreġistrat ta' 1.3% fl-UE u 1.4% fiż-Żona Ewro. Matul it-tieni kwart, l-ekonomija tal-UE ma rreġistrat l-ebda tkabbir, filwaqt li l-ekonomija taż-Żona Ewro rat żieda żgħira ta' 0.2%. Fl-aħħar tbassir tas-Sajf tal-Kummissjoni Ewropea, it-tkabbir ekonomiku fl-UE ġie rivedut 'l isfel bl-ekonomija Ewropea mistennija tikber b'0.8% fl-2023 u b'1.4% fl-2024.

## L-andament f'pajjiżna

Sur President, din is-sena, minkejja li pajjiżna għadda minn pandemija globali, minkejja li qed jesperjenza r-riperkussjonijiet globali tal-Gwerra fl-Ukrajna u minkejja li għalhekk qed jgħaddi minn perjodi globali diffiċli fosthom rata ta' inflazzjoni għolja, xorta baqa' jirreġistra tkabbir ekonomiku b'saħħtu, rata iżjed baxxa ta' nies f'riskju ta' faqar, tkabbir qawwi fl-impjiegi, l-inqas rati ta' qgħad fl-UE u parteċipazzjoni ogħla tan-nies fis-suq tax-xogħol. B'sodisfazzjon ninnota li anke r-rata ta' nisa b'impjieg issa qabżet għall-ewwel darba l-medja tal-UE.

Fl-2022 l-ekonomija Maltija kompliet l-irkupru tagħha u kibret b'6.9%, bid-domanda domestika tkun il-mutur ewlieni għal dan it-tkabbir. Dan it-tkabbir kien 3.5 punti perċentwali iktar minn dak tal-Unjoni Ewropea.

Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) reali kiber b'4.4%, filwaqt li l-PDG nominali kiber b'10.3%, immexxija primarjament mill-esportazzjoni.

Ir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol telgħet għal 78.8% f'Ġunju tal-2023, filwaqt li l-impjiegi kibru b'6.7% matul l-ewwel nofs ta' din is-sena u r-rata ta' nies qiegħda niżlet għal 2.7% fl-istess perjodu. Ir-rata ta' nies fir-riskju ta' faqar naqas b'0.2 punti perċentwali bejn l-2021 u l-2022. Dan huwa wkoll 1.5 punti perċentwali inqas mill-medja tal-UE.

Dan ma sarx b'kumbinazzjoni. Dan riżultat ta' Gvern li qed jagħti direzzjoni b'saħħitha lil dan il-pajjiż.

Biex wieħed jifhem, kemm jiftakar kif taħt Gvern preċedenti, kriżi waħda ħafna iżgħar minn dawk tal-lum, il-kriżi finanzjarja tal-2008 u l-2009, spiċċat biex żiedet il-qgħad f'pajjiżna għal kważi 7%, ħalliet l-ekonomija Maltija staġnata u tefgħet piżijiet kbar fuq il-familji u n-negozji.

X'inhi d-differenza? Id-differenza hi li aħna ħdimna qatigħ biex nagħmlu dak kollu possibbli biex kemm jista' jkun intaffu l-piżijiet fuq il-familji, il-ħaddiema, is-self-employed u n-negozji. Filwaqt li l-Oppożizzjoni tal-lum ma ħabblet moħħha xejn u tefgħet il-piżijiet fuq in-nies.

Waqt il-pandemija introduċejna l-wage supplement u tajna vouchers biex jintefqu fi ħwienet, ristoranti u lukandi b'nefqa ta' €976 miljun.

F'dawn l-aħħar sena u nofs, tajna sussidju sabiex ma jiżdidux il-prezzijiet tal-enerġija u l-fjuwils. L-uniċi fl-Ewropa li żammejniehom stabbli. Tajna għajnuniet fuq iċ-ċereali, tajna ċekkijiet ta' stimolu lin-nies, komplejna nraħħsu t-taxxa fuq id-dħul mill-overtime u l-part-time u introduċejna l-COLA addizzjonali b'nefqa totali li mistennija tlaħħaq is-€672 miljun fl-aħħar ta' din is-sena.

Jekk tanalizza l-miżuri tal-pajjiżi fl-UE tara li l-maġġoranza tal-pajjiżi fl-UE ħabbru xi tip ta' tnaqqis fit-taxxi u charges fuq l-elettriku, il-gass u l-fjuwils u taw għajnuna finanzjarja biss lil familji l-iktar vulnerabbli. L-Italja pereżempju taw roħs fil-kontijiet biss għal familji bi dħul baxx. Fil-Ġermanja, il-Gvern implimenta capping biex il-prezzijiet xorta għolew imma m'għolewx iktar minn ċertu ammont. Fil-Greċja, il-Gvern ta sussidji lil familji u n-negozji biex ikopru biċċa biss miż-żieda tal-prezzijiet tal-enerġija.

Ħa nkun ċar. Kieku għamilna bħalhom konna nkissru l-middle class u n-negozji. Ma ridniex hekk.

F'pajjiżna, il-Gvern mhux talli raħħas it-taxxa fuq l-enerġija, mhux talli żied l-għajnuna finanzjarja lil familji li huma l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet, iżda mar pass oltre mill-pajjiżi l-oħra u assorba ż-żidiet kollha fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwils. Dan ifisser li l-Gvern refa' l-piż kollu minn fuq kulħadd, kemm jekk int

student, kemm jekk int ġenitur, kemm jekk int ħaddiem, kemm jekk int pensjonant, kemm jekk int taħdem għal rasek u anke jekk int sid ta' negozju.

Is-sena d-dieħla se nagħmlu l-istess. Dan se jfisser li l-Gvern se jonfoq €350 miljun oħra fuq dawn is-sussidji s-sena d-dieħla. B'hekk il-Gvern se jkun nefaq qrib €931 miljuni f'temp ta' tliet snin fuq sussidji biss. Dan kollu sabiex kull Malti u Għawdxi ma jara l-ebda żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, il-fjuwils u ċ-ċereali, qmuħ u għalf tal-annimali.

Li kieku l-Gvern ma jagħtix din l-għajnuna, kieku l-prezz tad-diżil jiżdied għal €1.91-il litru bħall-Italja minflok b'€1.21-il litru kif qiegħed Malta. Allura persuna li bħalissa tonfoq €20 fil-ġimgħa biex tagħti d-diżil lill-karozza, kieku jkollha tonfoq €32 fil-ġimgħa. Dan ifisser li f'sena mill-paga tiegħek se jkollok bżonn tonfoq madwar €624 iktar fuq id-diżil.

L-istess għall-petrol, li f'Malta qiegħed €1.34-il litru filwaqt li fl-Italja dan qiegħed €1.94-il litru. Jekk persuna tagħti €20 petrol fil-ġimgħa, allura f'sena li kieku m'hemmx sussidji jkollha tonfoq madwar €468 iktar fuq il-petrol.

Bis-sussidji fuq l-elettriku, il-kont tad-dawl għal żewġ persuni mingħajr il-kont tal-ilma u mingħajr service charges u charges relatati mal-kiri tal-meter huwa ta' madwar €403 f'sena.

Li kieku kellu jiżdied il-prezz tad-dawl għal kif qed jinbiegħ bħalissa kieku l-kont tad-dawl biss mingħajr il-kont tal-ilma u ċ-charges jitla' għal €822 f'sena, jiġifieri iktar mid-doppju. L-istess

jiġri għal żewġ ġenituri b'żewġt itfal li bħalissa jonfqu madwar €672 fis-sena fuq kont tad-dawl biss. Li kieku ma nagħtux is-sussidju, kieku din il-familja jkollha tonfoq madwar €1,275 fuq il-kont tad-dawl biss, kważi d-doppju.

Għalhekk nemmnu f'din il-miżura. Għax nafu jekk irridu ngħinu lin-nies quddiem l-inflazzjoni, dan il-piż ma jistax imur fuqhom.

Iżda mhux kull Gvern Malti kien lest li jagħmel dan.

L-Oppożizzjoni meta kienet fil-Gvern, x'għamlet waqt kriżi? Friżat il-pensjonijiet, għolliet il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ntaxxat lil persuni fuq paga minima! Bilħaqq u tat ħames bozoz.

Imbagħad stagħġbet għax l-ekonomija ta' pajjiżna staġnat.

Sur President,

Din l-istabbiltà hi l-bażi li fuqha dan il-Budget mhux biss ser ikompli jgħin biex itaffi mill-piżijiet tal-inflazzjoni fuq il-familji Maltin u Għawdxin, iżda ser ikompli jinvesti fis-setturi ta' prijorità. U se naraw li dan kollu se jkun sostenibbli mil-lat ekonomiku u dak fiskali.

## It-tbassir ekonomiku u fiskali

L-ekonomija Maltija mistennija żżomm il-momentum pożittiv fil-kumplament ta' din is-sena, hekk kif sal-aħħar tas-sena huwa previst li l-ekonomija tkun kibret b'4.1% f'termini reali.

Il-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku huwa mistenni li jkun l-esportazzjoni netta.

Is-suq tax-xogħol mistenni jibqa' wieħed b'saħħtu hekk kif din is-sena, l-ekonomija Maltija mistennija tirreġistra tkabbir fl-impjiegi ta' 4.7%, filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jilħaq rata baxxa ta' 2.7%. L-inflazzjoni mistennija tilħaq il-5.7%, primarjament minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u s-servizzi. Kieku l-Gvern ma ssussidjax il-prezzijiet tal-enerġija, din il-figura tal-inflazzjoni kienet tkun ħafna ikbar.

Is-sena d-dieħla, l-ekonomija Maltija hija mbassra li tikber b'4.2% f'termini reali, u b'7.4% f'termini nominali. Huwa antiċipat li d-domanda domestika tkun il-mutur ewlieni tat-tkabbir hekk kif hija mistennija li tikkontribwixxi 3.6 punti perċentwali. L-esportazzjonijiet netti huma mistennija li jikkontribwixxu biss b'mod marġinali 0.6 punti perċentwali għat-tkabbir, f'konformità mad-deterjorazzjoni fl-ambjent estern li tiegħu m'għandniex kontroll. Il-konsum privat huwa mistenni li jikber b'rata aktar moderata, b'4.5%, filwaqt li l-investiment huwa antiċipat li jikber b'5.5%.

B'dan it-tkabbir previst, ifisser li s-sena d-dieħla qed nistennew li jkollna żieda ta' 4.4% fl-impjiegi filwaqt li l-livell tal-qgħad mistenni jibqa' baxx, b'rata ta' 2.7%. L-inflazzjoni mistennija tbatti għal 3.7% hekk kif iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u s-servizzi huma mistennija li jippersistu iżda b'rata aktar moderata.

Skont l-indiċi tal-prezzijiet, il-kumpens għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser ikun dak ta' €12.81 fil-ġimgħa.

Matul din is-sena l-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta l-aktar riforma estensiva tar-regoli tal-governanza ekonomika tal-UE. Aħna dejjem sostnejna li l-*one size fits all* ma jaħdimx u ninnota li l-Kummissjoni qiegħda tirrealizza li s-sitwazzjonijiet fiskali, l-isfidi u l-prospetti ekonomiċi jvarjaw ħafna f'kull membru tal-Unjoni. Il-proposti jfittxu li jimxu lejn qafas ta' sorveljanza aktar ibbażat li jpoġġi s-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku fil-qalba tiegħu, filwaqt li jippromwovi t-tkabbir sostenibbli u inklużiv.

F'dawn il-proposti, is-salvagwardji komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn se jibqgħu fis-seħħ u l-valuri ta' referenza ta' 3.0% għad-defiċit u 60.0% tal-PDG għad-dejn se jibqgħu l-istess. Il-pajjiżi se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn perjodu estiż ta' aġġustament fiskali, iżda se jkunu marbuta li l-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG se jkollu jkun aktar baxx fi tmiem il-perjodu tal-estensjoni; u l-aġġustament fiskali minimu ta' 0.5% tal-PDG fis-sena bħala punt ta' referenza se jkollu jiġi implimentat sakemm id-defiċit jibqa' 'l fuq minn 3.0% tal-PDG. Barra minn hekk, l-Istati Membri li se jibbenefikaw minn dan il-perjodu estiż ta' aġġustament fiskali se jkollhom jiżguraw li l-isforz fiskali ma jiġix pospost għas-snin imbiegħda.

Il-Gvern se jkompli jsostni l-għajnuna li qed tingħata sakemm ikun hemm bżonn minkejja l-pressjoni mill-Unjoni Ewropea biex il-Gvern iwaqqaf kull tip ta' għajnuna.

Naturalment dan għandu impatt fuq il-finanzi tal-Gvern. Għalkemm bid-dixxiplina anke hawn irreġistrajna titjib.

Id-defiċit niżżilnieh minn 7.8% fl-2021 għal 5.7% fl-2022. Din is-sena d-defiċit mistenni jkompli jinżel għal 5.0% u jkompli jonqos għal 4.5% fl-2024. Il-Gvern huwa kommess li jnaqqas gradwalment id-defiċit matul l-erba' snin li ġejjin b'medja ta' 0.5% tal-PDG potenzjali fis-sena, biex b'hekk inkunu konformi mar-regoli ġodda tal-UE u sal-2027 inkunu lħaqna l-mira ta' 3.0%.

Id-dejn pubbliku bħala proporzjon mill-PDG, mistenni jkun ta' 52.8% fl-2023 u jiżdied ftit għal 55.3% fl-2024. Ta' min wieħed jinnota illi d-dejn għadu iktar baxx mill-kriterji Ewropej ta' 60.0%, u huwa fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea. Dan kollu huwa frott ta' politika fiskali responsabbli fl-aħħar snin li tatna l-ispazju neċessarju biex insostnu l-ekonomija meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Gvern se jibqa' kommess li jżomm id-dejn pubbliku taħt is-60.0% fis-snin li ġejjin.

# KAPITLU 2. NINVESTU F'PAJJIŻ B'RUĦ SOĊJALI

Sur President,

Aħna l-isfidi ma jaqtgħulniex qalbna. U propju għax ekonomija b'saħħitha u jsir kontroll fuq il-finanzi tal-pajjiż biex b'hekk nistgħu nwieżnu lin-nies. Dan hu budget bl-ikbar nefqa soċjali li qatt saret f'pajjiżna.

## Żieda oħra għall-pensjonanti

Għad-disa' sena konsekuttiva se nerġgħu nagħtu żieda oħra lill-pensjonanti kollha fuq iż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

B'kollox biż-żieda tal-għoli tal-ħajja inkluża, kull pensjonant tal-irtirar, ir-romol, dawk tal-invalidità u dawk li jieħdu l-pensjoni tal-età se jiżdiedu €15 fil-ġimgħa jew €780 fis-sena.

Din hija l-akbar żieda li qatt ħadu l-pensjonanti f'sena waħda.

## Mekkaniżmu li jiggarantixxi żidiet adegwati lill-pensjonanti fil-futur

Fl-2006, il-Gvern ta' dak iż-żmien kien qasam il-pensjonanti bejn dawk li twieldu qabel l-1962 u dawk li twieldu wara. Lil dawk li twieldu qabel iggarantixxewlhom iż-żieda għall-għoli tal-ħajja biss. Lil dawk li twieldu wara l-1962 daħħlulhom mekkaniżmu fil-liġi sabiex kull sena jiżdiedu b'persentaġġ li 70% tiegħu huwa bbażat fuq iż-żieda fil-pagi u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni.

Sur President, kienu tan-naħa l-oħra li qasmu lill-pensjonanti f'tal-ewwel u t-tieni klassi kif qed isejħulhom huma llum. Iżda se nkunu aħna li nneħħu din id-diskriminazzjoni li kien daħħal Gvern Nazzjonalista fil-liġi.

Mis-sena d-dieħla, l-istess mekkaniżmu li diġà japplika għal dawk li twieldu fl-1962 jew wara se jkun japplika wkoll għall-pensjonanti li twieldu qabel.

## Dħul Pensjonabbli Massimu wieħed

Mhux se nieqfu hemm. Tan-naħa l-oħra meta kienu fil-Gvern kienu wkoll illeġiżlaw biex l-Ogħla Dħul Pensjonabbli ta' dawn il-persuni llum huwa €6,407 fis-sena anqas minn ta' dawk li twieldu wara.

Il-Gvern preżenti jħoss li dan għandna nibdew nindirizzawh bil-galbu. Mis-sena d-dieħla għalhekk dawk il-pensjonanti li twieldu qabel l-1962 u li s-salarju kurrenti tagħhom li kieku għadhom jaħdmu jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu tagħhom, se jkunu qed jirċievu żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom li tvarja skont is-salarju.

Minn din il-miżura huma mistennija jibbenefikaw kważi 10,000 pensjonant.

## Eżenzjonijiet mit-taxxa għall-pensjonanti

Se nerġgħu ntejbu l-eżenzjonijiet mit-taxxa li japplikaw mill-età ta' 61 sena 'l quddiem għall-pensjonanti. Dan b'mod li jkunu

inklużi fl-ammonti eżentati ż-żidiet kollha li qed inħabbar għall-pensjonanti.

Barra minn hekk, mis-sena d-dieħla 'l quddiem il-Pensjoni tar-Romol mhux se tibqa' taxxabbli għal romol li jkunu għadhom ma għalqux il-61 sena. B'dan il-mod se nkunu qed inwettqu ġustizzja ma' dawn il-persuni wkoll.

## Aġġustament ieħor fil-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja

Se nkomplu wkoll il-proċess li bdejna fl-2022 sabiex nindirizzaw anomalija oħra li kienet inħolqot fl-2008. Din tikkonċerna l-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja li r-rata tiegħu tvarja skont meta l-pensjonanti jkunu bdew jieħdu l-pensjoni.

Bit-tkomplija tal-proċess li issa se jidħol fit-tielet sena tiegħu, dawk li bdew jieħdu l-pensjoni fl-2009 jew wara se jieħdu żieda addizzjonali fil-bonus tal-għoli tal-ħajja tagħhom sa massimu ta' ftit aktar minn €1.00 oħra fil-ġimgħa. B'kollox se jibbenefikaw mat-53,000 pensjonant minn dan it-titjib.

Irid jingħad illi kieku m'aħniex naġixxu biex inwettqu dan il-proċess, kieku l-bonus tal-għoli tal-ħajja ta' dawn il-persuni huwa saħansitra sa kważi €9 anqas fil-ġimgħa minħabba din l-anomalija.

## Żieda addizzjonali fil-Pensjonijiet tar-Romol

Se nkomplu wkoll il-proċess li bdejna fl-2022 li bih il-pensjonanti romol gradwalment se jibdew jirċievu l-pensjoni sħiħa li kieku kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom kieku għadhom ħajjin.

Mill-aġġustament tas-sena d-dieħla se jgawdu kważi 7,000 armla li se jaraw żieda addizzjonali fuq dik mogħtija lill-pensjonanti l-oħra.

## Titjib għall-pensjonanti tas-servizz

Mill-ġdid il-pensjonanti tas-servizz se jaraw l-ammont tal-pensjoni tas-servizz tagħhom li ma jiġix ikkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jiżdied b'€200 oħra. B'hekk aktar pensjonanti tas-servizz se jkunu qed igawdu minn din il-miżura waqt li jgawdu wkoll mill-miżura li malli jagħlqu 72 sena l-ammont kollu kkommutat mill-pensjoni tas-servizz ma jibqax jiġi kkunsidrat.

Barra minn hekk, pensjonanti tas-servizz li jkunu ġew boarded-out u ħarġu bil-pensjoni tas-servizz kmieni minħabba mard, se jibdew jaraw l-aġġustament imsemmi tal-parti tal-pensjoni kkommutata jsir wara 12-il sena minn meta jkunu bdew jieħdu l-pensjoni tas-servizz u mhux meta jagħlqu 72 sena.

B'kollox minn dawn il-miżuri kollha se jibbenefikaw qrib 6,000 pensjonant tas-servizz.

## Titjib għall-pensjonanti tas-servizz li ma jaħdmux u m'għandhomx benefiċċji

Fl-aħħar ġimgħat ġew implimentati żewġ wegħdiet primarji tal-Manifest Elettorali li huma l-introduzzjoni ta' pensjoni tas-servizz lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati u tisħiħ  fil-pensjoni ta' servizz bi 23% u allowance b'saħħtu lil dawk li jagħżlu li jagħtu servizz lil hinn minn 29 sena.

Sur President, se ndaħħlu miżura ġdida għall-pensjonanti tas-servizz li jkunu għadhom ma laħqux l-età tal-irtirar, u li la jaħdmu u lanqas jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali. Dawn sal-lum ma jieħdu ebda żidiet tal-għoli tal-ħajja, filwaqt li dawk li jaħdmu jew jieħdu pensjoni tas-sigurtà soċjali jieħdu l-COLA.

Għalhekk mis-sena d-dieħla 'l quddiem dawn il-persuni se jibdew jirċievu Bonus Addizzjonali għall-Għoli tal-Ħajja ekwivalenti għaż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja.

Dan il-bonus jibqa' jakkumula kull sena biż-żieda tal-għoli tal-ħajja sakemm il-persuna jew tibda taħdem, inkella tibda tieħu xi pensjoni jew benefiċċju tas-sigurtà soċjali. Fl-istess ħin xorta jibqa' jitħallas anke meta jiġri dan bir-rata kif tkun akkumulat sa dakinhar.

## Titjib fl-inċentiv għal min jibqa' jaħdem minflok jieħu l-pensjoni

Fl-2016 konna daħħalna inċentiv għal min ikompli jaħdem flok jibda jieħu l-pensjoni.  Dan l-inċentiv jibda minn żieda addizzjonali

ta’ 5% fuq il-pensjoni għal min jipposponi l-pensjoni tiegħu b’sena u jista’ jitla’ sa 23% għal min jipposponi l-pensjoni b’erba’ snin.

Dan l-inċentiv irnexxa tant li mill-2016 ’l hawn, in-numru ta’ dawk li jirtiraw kmieni, ċioè ta’ 61 sena, niżel bin-nofs. Huwa għalhekk li l-Gvern iħoss li għandna nkomplu ntejbu dan l-inċentiv. Mill-2024 ’il quddiem, kull min ikun jista’ jieħu l-pensjoni tal-irtirar iżda jagħżel li jkompli jaħdem minflok, se jkun intitolat għal żieda ta’ 6.5% (1.5% aktar minn bħalissa), min jipposponi b’sentejn ikun intitolat għal żieda ta’ 13.5% (3% aktar minn bħalissa), min jipposponi bi tliet snin ikun intitolat għal żieda addizzjonali ta’ 21% (4.5% iżjed minn bħalissa), u għal min jipposponi l-pensjoni b’erba’ snin iż-żieda addizzjonali se tkun ta’ 29%, jiġifieri 6% aktar mir-rata preżenti.

## Dħul awtomatiku f’pensjoni privata

Dan il-Gvern jemmen li jekk jista’ jkun kull ħaddiem ikollu l-opportunità sabiex jinvesti fi skema ta’ pensjoni privata li meta jirtira tgħinu jissupplimenta d-dħul mill-pensjoni tal-istat. Bl-istess mod nemmnu li min iħaddem għandu jiffaċilita lill-ħaddiema tiegħu f’dan ir-rigward.

Fl-aħħar snin daħħalna inċentivi fiskali kemm għall-ħaddiem u kemm għal min iħaddem sabiex l-ammonti li dawn jinvestu fi skemi ta’ pensjoni privata ma jkunux intaxxati.

Il-Gvern konxju li xi msieħba soċjali bdew diskussjoni fuq din il-materja u se nkunu qed nistiednu l-imsieħba soċjali biex issir

konsultazzjoni wiesgħa ma' kulħadd matul is-sena li ġejja biex il-kunċett tat-tielet pilastru jilħaq aktar nies.

Nemmnu li rridu naslu fi stat fejn kull ħaddiem jidħol awtomatikament fi skema ta' pensjoni privata għalkemm jibqa' jkollu l-għażla li joħroġ minnha b'mod volontarju.

## Żieda fil-bonus lil min ma jikkwalifikax għall-pensjoni

Fl-2015 konna daħħalna bonus għal min ikun ħallas xi bolol iżda ma ħallasx biżżejjed biex jikkwalifika għall-pensjoni.  Dan il-bonus baqa' jiżdied kważi kull sena u hekk se jerġa' jiġri s-sena d-dieħla fejn se nkunu qed inżiduh.

Fil-fatt fl-2024, il-bonus għal min ikun ħallas minn sena sa erba' snin bolol se jitla' minn €450 għal €500 waqt li ta' dawk li ħallsu minn ħames sa disa' snin bolol se jitla' minn €550 għal €600 fis-sena.  Minn din il-miżura se jgawdu madwar 16,000 persuna.

## Tisħiħ tal-mekkaniżmu addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja

Kif diġà spjegajt nifhmu li l-isfida tal-għoli tal-ħajja hi waħda mill-ikbar għall-familji Maltin u Għawdxin.

Fil-Budget li għadda kont ħabbart mekkaniżmu ġdid sabiex titħallas COLA addizzjonali lill-eluf ta' familji biex ngħinuhom jilħqu mal-għoli fil-prezzijiet.

Din is-sena sejrin nestendu l-eliġibilità ta' dan il-mekkaniżmu ħalli jilħaq aktar familji.

Grazzi għal dan it-tibdil, maqbul wara diskussjonijiet mal-unjins u għaqdiet oħra relevanti, fil-fatt in-numru ta' familji eliġibbli kważi se jirdoppja għal 95,000 familja.

Il-prinċipju se jibqa' li l-benefiċċju jingħata lil dawk li jkollhom dħul aġġustat għan-numru ta' membri fil-familja tagħhom li ma jaqbiżx id-Dħul Medjan Nazzjonali.

Dan il-benefiċċju se jkun ta' bejn €100 u €1,500 fis-sena, liema rati jvarjaw skont id-dħul u l-membri fil-familja.

Il-pagament ta' din l-għajnuna se jibda jinqasam f'darbtejn, bl-ewwel pagament se jsir f'Diċembru u bit-tieni pagament isir f'Mejju. Din l-għajnuna kontra l-għoli tal-ħajja se tkun qed taqbeż is-€26 miljun is-sena d-dieħla.

## Żieda fl-Allowance tat-Tfal

Gvern Laburista minn dejjem fittex li jkun ta' sostenn b'diversi miżuri biex jgħin familji bit-tfal. Fil-fatt ħamsin sena ilu, kien Gvern Laburista li introduċa l-Allowance tat-Tfal.

Fil-Programm Elettorali, bħala parti mill-Garanzija għat-Tfal wegħedna li tul din il-leġiżlatura se nżidu l-Allowance tat-Tfal b'€450 kull wild, b'żieda ta' €90 fis-sena għal ħames snin.

Bdejna nwettqu din il-wegħda s-sena li għaddiet, b'żieda ta' €90. Din is-sena nħossu li għandna bżonn naċċelleraw it-twettiq ta' din il-miżura ta' sostenn għall-familji. Għalhekk minflok nerġgħu nżidu l-Allowance tat-Tfal b'€90, sejrin nagħtu żieda ta' kważi

tliet darbiet iktar. B'hekk mis-sena d-dieħla l-Allowance tat-Tfal ser tiżdied b'€250 kull wild.

Din hija l-akbar żieda li qatt ingħatat fil-ħamsin sena li ilu jeżisti dan il-benefiċċju u ser tolqot aktar minn 41,000 familja bi 62,000 tifel u tifla. Dawn ser igawdu minn sostenn ta' €15.5 miljun.

## Allowance Speċjali għal dawk li jkomplu l-edukazzjoni wara l-età obbligatorja

L-Allowance tat-Tfal tingħata lill-ġenituri sakemm uliedhom jilħqu l-età ta' 16-il sena, ħlief f'każijiet speċjali ta' familji bi dħul baxx fejn tingħata allowance speċjali sakemm it-tfal jilħqu l-età ta' 18-il sena.

Fil-Programm Elettorali wegħedna li ser ngħinu lil dawk il-ġenituri li wliedhom ikomplu bl-edukazzjoni tagħhom wara l-età obbligatorja.

Filwaqt li l-ulied jingħataw stipendju, inħossu li rridu ngħinu wkoll lill-ġenituri ta' dawn l-istudenti biex jibqgħu ta' appoġġ għalihom. Fid-dawl ta' dan, meta jintemm iż-żmien meta jkunu eliġibbli għall-Allowance tat-Tfal, il-ġenituri ser isiru eliġibbli għal Allowance Speċjali meta wliedhom ikomplu bl-edukazzjoni full-time. Din l-Allowance Speċjali ser tkun ta' €500 fis-sena għal tliet snin, sakemm it-tfal jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħhom u jkunu studenti full-time.

Dan il-benefiċċju ser jibda jingħata lill-ġenituri ta' dawk li bdew l-ewwel sena tal-edukazzjoni post-sekondarja tagħhom mis-

sena skolastika preżenti u jitħallas fi tmiem is-sena skolastika. B'hekk ser igawdu minnu madwar 4,800 familja fl-ewwel sena, liema ammont jitla' għal kważi 15,000 familja sa tliet snin oħra b'nefqa ta' €7.5 miljun.

## Żieda oħra fil-Bonus għat-Twelid u Adozzjoni

Fl-2020 introduċejna Bonus ġdid biex ngħinu familji b'wild ġdid jew adozzjoni.

Għat-tieni darba ser inżidu dan il-bonus u minn €400 għal kull wild mis-sena d-dieħla se jitla' għal €500 għall-ewwel wild u minn €400 għal €1,000 għat-tieni wild ġdid jew aktar fil-familja.

Nistmaw li madwar 3,200 familja ser igawdu minn dan it-titjib.

## Titwessa' l-eliġibilità għal krediti tat-trobbija

Sal-lum ġenituri li jkunu bdew jaħdmu u li jinterrompu l-karriera biex jibnu familja jibbenefikaw minn krediti fil-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal kull wieħed mill-ewwel tlett itfal li jkunu rabbew.

Mis-sena d-dieħla dan il-benefiċċju ser jitwessa' sabiex ġenituri li l-ewwel bnew familja u mbagħad daħlu fid-dinja tax-xogħol, ikunu wkoll intitolati għal dawn il-krediti tat-trobbija minħabba li sal-lum mhumiex.

## Żieda fl-Għotja lill-Anzjani

Se nerġgħu ngħollu l-Għotja li tingħata lill-anzjani li jkunu għadhom jgħixu f'darhom jew f'xi dar tal-anzjani li għaliha jħallsu totalment minn buthom.

Fil-fatt l-Għotja għal dawk li għalqu t-80 sena se togħla b'€50 għal €450 fis-sena. Dawk li għalqu l-75 sena iżda mhux it-80 sena jibqgħu jirċievu €300 fis-sena.

Mill-ħlas sħiħ ta' din l-għotja se jgawdu 48,000 anzjan b'nefqa totali ta' €16-il miljun għas-sena d-dieħla.

## Żieda fl-iskema Carer at Home

Sejrin nagħtu żieda fl-iskema Carer at Home. Minn Jannar 2024, dan se jiżdied b'€1,000 oħra għal €8,000 fis-sena.

## Żieda fl-Allowances għal Carers

L-Allowance Miżjuda għal Carer u l-Allowance għal Carer ukoll se jkunu qed jiżdiedu bil-COLA sħiħa, ċioè €12.81 fil-ġimgħa. B'hekk l-Allowance Miżjuda għal Carer se titla' għal €173.78 fil-ġimgħa waqt li l-Allowance għal Carer se titla' għal €120.68 fil-ġimgħa.

## Djar tal-Anzjani

Il-Gvern hu impenjat li matul l-2024, jibda l-proġetti tad-Dar tal-Anzjani ta' Bormla li fl-aħħar ġimgħat ħareġ l-outline permit tiegħu u jkompli x-xogħol fuq id-dar tal-Imsida, filwaqt li jitlestew

ix-xogħlijiet u ftuħ ta' klinika multidixxiplinarja ġdida fid-Dar tal-Anzjani tal-Furjana.

F'Marzu, f'Għajnsielem Għawdex se tibda topera Dar San Ġużepp li se tkun waħda tal-ogħla standards u aċċessibbli u se tikkonsisti f'żoni mdaqqsa ta' spazji soċjali u spazji ħodor fuq barra.

Matul l-2024, ser tidħol ukoll fis-seħħ il-Liġi biex titwaqqaf l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

## Residenza San Vinċenz

Dan il-Gvern se jkompli jinvesti fir-Residenza San Vinċenz fejn ser naqilgħu mill-qiegħ il-Wards ta' St. Francis 1 u 2 li huma l-aħħar żewġ wards tan-nisa li għadhom ma ġewx modernizzati, b'nefqa ta' €1.6 miljun. Sejjer jitlesta t-tieni sular tal-blokka tal-Farmaċija u ser jinxtara aktar apparat mediku biex noffru aktar kura ta' kwalità. Sejrin niftħu aktar kliniċi li qed iservu lir-Residenti ta' San Vinċenz kif ukoll dawk li jgħixu fil-komunità. Barra minn hekk ser jinfetaħ Therapeutic Petting Farm and Recreation Centre b'nefqa ta' €700 elf.

## Introduzzjoni tal-kunċett ta' invalidità parzjali

Fil-Manifest Elettorali wegħedna li se nkunu qed indaħħlu l-kunċett ta' invalidità parzjali. Dan sabiex nindirizzaw każi ta' persuni li jkunu temporanjament mhux tajba għax-xogħol minħabba mard imma li jkunu mistennija jirritornaw għax-xogħol fil-futur. Dawn il-persuni li jkunu ilhom aktar minn sitt xhur fuq il-benefiċċju tal-mard se jibdew jieħdu rati ugwali għal dik tal-pensjoni tal-invalidità.

## Rati ogħla fil-Benefiċċju tal-Qgħad

Il-qgħad illum niżżilnieh għal livelli minimi li ekonomija jista' jkollha, iżda rridu li f'dawk l-istanzi fejn persuni jitilfu l-impjieg tagħhom u jiddependu fuq il-Benefiċċju tal-Qgħad sakemm isibu impjieg ieħor jagħmlu dan b'dinjità.

Se nirriformaw dan il-benefiċċju sabiex ir-rati jkunu aktar relatati mas-salarji jew il-qligħ li persuna kellha qabel tilfet l-impjieg tagħha. Dan se nagħmluh iżda mingħajr ma ndaħħlu xi diżinċentiv għax-xogħol.

Ir-rata tal-benefiċċju fl-ewwel sitt ġimgħat bla xogħol se tibda tkun ta' 60% tas-salarju jew il-qligħ tal-individwu fl-aħħar impjieg, fl-għaxar ġimgħat ta' wara r-rata tkun ta' 55% u fl-aħħar għaxar ġimgħat ir-rata tinżel għal 50%.

L-inqas rata tal-benefiċċju se tinħadem fuq il-Paga Minima Nazzjonali, filwaqt li l-massimu tar-rata se jinħadem fuq 175% tal-Paga Minima Nazzjonali.

Dan se jġibna konformi ma' standards internazzjonali f'dan ir-rigward.

## Żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja għal min qiegħed fuq l-Għajnuna Soċjali

Minkejja li din id-dipendenza soċjali naqset b'60% fl-aħħar 10 snin, xorta r-ruħ soċjali tagħna ma tħalliniex ninsew lil dawk li jkunu għadhom jeħtieġu l-appoġġ tal-istat. Għalhekk, mill-ġdid

se nkunu qed nagħtu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja li min jiddependi fuq l-għajnuna soċjali.

## Konċessjoni favur benefiċjarji tal-Assistenza għal Mard

Fil-budget tal-2022, daħħalna miżura ġdida favur dawk li jkunu wirtu wara li bdew jieħdu l-pensjoni tal-età mhux kontributorja.

F'dawk il-każi fejn persuna tkun ilha tirċievi l-pensjoni għal mill-anqas ħames snin, il-limitu tal-kapital fit-test tal-mezzi jitla' sa €50,000 għall-miżżewġin u €30,000 għall-persuni waħidhom, jekk l-eċċess ikun ġej unikament minn wirt.  Kien iddaħħal ukoll titjib li jirrigwarda donazzjonijiet lit-tfal.

F'ġieħ il-ġustizzja soċjali, din il-konċessjoni issa ser tibda tapplika għal dawk il-persuni li jkunu qed jirċievu l-Assistenza għal Mard ukoll.

## Żieda oħra fil-Carers Grant

Minn din is-sena ġenituri li ma jaħdmux biex jieħdu ħsieb lil uliedhom minħabba d-diżabiltà severa tagħhom bdew jirċievu benefiċċju ekwivalenti għal nofs il-Paga Minima netta.

Għalhekk is-sena d-dieħla bis-saħħa taż-żieda fil-paga minima, il-Carers Grant se tkun qed tiżdied b'€487 fis-sena oħra biex issa se tilħaq kważi €5,000 fis-sena.

## Żieda fl-Assistenzi għal Diżabiltà

Meta nedejna r-riforma f'dik li kienet il-Pensjoni tad-Diżabiltà, konna stabbilixxejna tliet livelli ta' assistenza biex persuni b'livelli differenti ta' diżabiltà jiġu megħjuna kif meħtieġ.

Filwaqt li l-Gvern se jibqa' viġilanti kontra kull abbuż se jibqa' determinat li jgħin lil min hu ġenwin.

Bis-saħħa tar-riforma li għamilna fl-2017, konna stabbilixxejna li l-Assistenza Miżjuda għal Diżabiltà Severa tkun ekwivalenti għal Paga Minima netta.  Għalhekk b'riżultat taż-żieda mħabbra fil-Paga Minima u tal-COLA, din l-assistenza se tkun qed tiżdied bi €17.39 fil-ġimgħa.

Min-naħa l-oħra, l-Assistenza għal Diżabiltà Severa se tiżdied bi €12.81 fil-ġimgħa waqt li l-Assistenza għal Diżabiltà se tiżdied bi €8.54 fil-ġimgħa.

## Assistent Personali

Dan il-Gvern se jibqa' kommess li jinvesti aktar fl-inklużjoni u fir-riformi meħtieġa biex jgħin persuni b'diżabiltà u lill-familji tagħhom.

Wara li s-sena l-oħra investejna €4.2 miljun f'dan is-servizz, din is-sena se nkunu qed inżidu din in-nefqa b'€1 miljun għal €5.2 miljun. B'hekk se nkomplu nsostnu l-kunċett li aktar persuni b'diżabiltà jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja aħjar u aktar indipendenti f'darhom stess.

## Żieda fit-tax credit għal terapija ta' tfal b'diżabiltà

Wara li fl-aħħar budget il-Gvern approva tax credit lill-ġenituri ta' tfal b'diżabiltà li jattendu terapija oħra apparti dawk offruti mill-Gvern, is-sena d-dieħla l-Gvern se jkompli jsaħħaħ dan l-inċentiv lil dawn il-ġenituri. Iż-żieda fit-tax credit għall-użu minn terapija se jitla' minn €200 għal €500 kull sena fuq kull wild b'diżabiltà.

## Nikkonsolidaw l-evalwazzjoni medika ta' persuni b'diżabilita'

Bi twettiq ta' wegħda elettorali li nikkonsolidaw l-evalwazzjoni medika għal persuni b'diżabiltà, mis-sena d-dieħla dawn il-persuni se jibdew jidhru  quddiem bord interprofessjonali li ser jinħoloq għal dan il-għan.

It-termini għall-evalwazzjoni ser ikunu msejsa fuq standards internazzjonali dwar saħħa u diżabiltà kif imħaddma mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

## Kumpens lill-vittmi tat-Thalidomide

Ftit tal-ġimgħat ilu ħabbarna li ser jingħata kumpens ta' €3 miljun ex-gratia lill-vittmi ħajjin li soffrew diżabiltà permanenti riżultat tal-mediċina Thalidomide. Fil-ġranet li ġejjin mistenni jinbeda proċess ta' screening ta' kull applikazzjoni sottomessa, fejn dawk eliġibbli se jintalbu jidhru quddiem bord mediku biex isirilhom assessment. Minn dan l-eżerċizzju, għandu jkun determinat il-persentaġġ ta' diżabiltà tal-persuna u li fuqu se jinħadem il-kumpens finanzjarju.

### Żieda fl-assistenza għal persuni li jkunu fuq programm ta' rijabilitazzjoni

Fl-2024 se nżidu wkoll l-assistenza soċjali li nagħtu lil persuni li fuq ordni tal-qorti jkunu qed jagħmlu programm ta' rijabilitazzjoni minn vizzji.

Din l-assistenza se tiżdied b'€10 għal €50 fil-ġimgħa biex tilħaq kważi d-doppju li kienet fl-2015.

### Inkomplu ngħinu persuni b'kundizzjoni mentali severa

Il-Gvern jibqa' konxju tal-problemi li jolqtu persuni bi problemi mentali severi.

Wara li din is-sena daħħalna miżura biex nagħtu sentejn krediti ta' bolol lil kull min ma jkunx ħadem minħabba problemi ta' saħħa mentali għal xi perjodu bejn l-età ta' 18 u 30 sena, issa jmiss li ndaħħlu miżura oħra.

Din il-miżura ser tagħti l-opportunità lil persuni li jbatu minn xi kundizzjoni mentali severa li jikkwalifikaw għal pensjoni tal-invalidità jekk l-applikant ikollu mill-anqas 50 kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tul ħajtu.

### Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi

Wara li fl-aħħar snin għalaqna l-iskemi għall-uffiċjali tal-pulizija u eksħaddiema tax-xatt, fi ftit  ġimgħat oħra ser inkunu qed inħallsu l-aħħar pagamenti lil dawk il-persuni li kienu fil-korpi u

wara l-1979 daħlu jaħdmu mal-Gvern. B'hekk se nkunu żammejna kelmtna ma' dawn ukoll.

L-iskema tgħodd ukoll għal eksapprentisti u studenti-ħaddiema li kienu daħlu mal-Gvern wara Jannar tal-1979 wara li temmew korsijiet ta' taħriġ li bdew qabel. Minħabba l-età tagħhom grupp żgħir minn dawn il-kategoriji għadhom jaħdmu u għalhekk l-iskema ser tibqa' fis-seħħ biss għal dawn il-persuni biex jitħallsu meta jilħqu l-età tal-irtirar.

Skema li ser tiġġedded is-sena d-dieħla hija dik li tapplika għal eksmembri tal-korpi li wara sabu impjieg fis-settur pubbliku; għal eksħaddiema tal-Gas Board u għal apprentisti tal-Malta Electricity Board li kienu ngħaqdu mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1977. Minn din is-sena bdew jibbenefikaw ukoll grupp ta' eksħaddiema li daħlu mal-Korporazzjoni Telemalta bejn Jannar tal-1978 u Jannar tal-1979.

Is-sena d-dieħla wkoll, se nsostnu l-kumpens finanzjarju li jingħata lill-eksħaddiema tat-Telemalta. Se nagħtu wkoll kumpens finanzjarju lil aktar minn 500 persuna li kienu tneħħew minn għadd ta' entitajiet qabel Marzu 2013, inkluż it-tarznari, b'mod arbitrarju u li kien wassal għal telf sostanzjali fid-dħul tagħhom.

Madwar 2,300 persuna ser jibbenefikaw b'kollox minn dawn il-miżuri.

Iva, Sur President, illum nibqgħu nagħmlu ġustizzja mal-inġustizzji li ħoloq ħaddieħor.

## Strateġija Nazzjonali sabiex inkomplu niġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali

Matul is-sena d-dieħla, se nħejju l-istrateġija nazzjonali għal 10 snin li jibdew mill-2025 sabiex inkomplu niġġieldu l-faqar u naħdmu favur aktar inklużjoni soċjali. Din il-ħidma mibnija fuq konsultazzjoni pubblika se tkompli tibni fuq l-istrateġija preżenti li tintemm fl-2024.

## Tnaqqis ta' taxxa fuq donazzjonijiet lill-għaqdiet volontarji

Nemmnu li l-volontarjat għandu rwol soċjoekonomiku importanti fil-pajjiż. Se nkomplu ninvestu biex niffaċilitaw il-mod ta' kif joperaw l-NGOs f'pajjiżna. Matul l-2024 se nkunu qed niftħu one-stop-shop ieħor, din id-darba fin-Naħa t'Isfel ta' Malta. Biex inkomplu nsaħħu lis-settur tal-volontarjat, ażjendi li jagħtu donazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet volontarji reġistrati mal-Kummissarju tal-Volontarjat u li joperaw b'mod dirett fil-qasam ta' natura soċjali, ambjentali jew b'riżq l-annimali ser jingħataw kreditu ta' taxxa fuq donazzjonijiet sa massimu ta' €500.

## Akkomodazzjoni soċjali u affordabbli

Sur President, dan huwa budget ieħor fejn is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli qiegħed jerġa' jara żieda fl-allokazzjoni.

Dan il-Gvern poġġa l-Housing bħala pilastru ewlieni fil-politika tiegħu. Il-budgets preċedenti wasslu biex eluf ta' familji jkunu kapaċi jaċċessaw is-suq tal-proprjetà għall-ewwel darba permezz ta' skemi u programmi ta' assistenza differenti li jolqtu nies minn kull sfond soċjoekonomiku.

## Tibqa' stabbli l-waiting list għall-akkomodazzjoni alternattiva

Sur President, f'perjodu ta' inflazzjoni globali u pressjonijiet qawwija fuq is-swieq internazzjonali tal-proprjetà, il-Gvern irnexxielu jżomm stabbli l-figura tan-nies japplikaw għall-akkomodazzjoni alternattiva għaliex żamm ritmu tajjeb ta' allokazzjonijiet ta' units ta' housing soċjali. Infatti, sal-aħħar ta' Ġunju kienu telgħu għal madwar 700 il-familji li qegħdin jgħixu fi proprjetajiet tal-akkomodazzjoni soċjali li jinkrew mingħand il-privat permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu, b'aktar allokazzjonijiet mistennija jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Qegħdin naraw ukoll numru ta' siti ta' żvilupp ta' akkomodazzjoni soċjali madwar Malta li qed joqorbu lejn il-konklużjoni tagħhom wara li fl-2023 il-Gvern inawgura s-siti f'Ħaż-Żebbuġ u Ħal Kirkop, filwaqt li dak taż-Żurrieq għandu jkun inawgurat fil-ġimgħat li ġejjin.

Beda wkoll ix-xogħol fuq tmien appartamenti ġodda biswit il-Housing Estate taċ-Ċawla f'Għawdex biex jiżdied in-numru ta' akkomodazzjoni soċjali. L-ispazju miftuħ fi qrib ser jiġi rinnovat u mkabbar għat-tgawdija tal-familji u residenti tal-inħawi. Fil-fatt l-appartamenti l-ġodda ser jokkupaw 9% biss tas-sit.

## Bidliet fil-benefiċċju tal-kera (Private Rent Housing Benefit Scheme)

Sur President, dan il-Gvern jifhem li l-mod kif is-suq qiegħed jevolvi jesiġi li nibqgħu nwessgħu l-għajnuniet li noffru lill-inkwilini. Għalhekk, f'dan il-budget qegħdin inħabbru pakkett

ta' għajnuniet li sejjer isaħħaħ il-benefiċċju tal-kera b'mod sostanzjali.

L-ewwel nett il-massimu li jista' jingħata taħt din l-iskema ser jiżdied minn €3,600 għal €4,200 għal persuna waħedha, minn €4,800 għal €5,400 għal familja b'wild wieħed u minn €5,000 għal €6,000 għal familja b'żewġ ulied jew aktar.

Ser jogħla wkoll il-minimu li jista' jingħata lil benefiċjarji tal-iskema għal mhux inqas minn €125 fix-xahar.

## Akkomodazzjoni għall-istudenti Għawdxin u qraba ta' pazjenti rikoverati f'Malta

Barra l-benefiċċju għal kiri ta' akkomodazzjoni, l-istudenti Għawdxin se jkomplu jiġu megħjuna billi tiġi offruta akkomodazzjoni ġewwa Malta. Ix-xogħol strutturali f'Villa Lauri f'Birkirkara tlesta. Matul is-sena d-dieħla se jitlestew ix-xogħlijiet tat-tlestija, l-installazzjoni tal-għamara, appliances u l-lifts.

Il-Gvern beda jaħdem fuq proġett ieħor ta' akkomodazzjoni għall-istudenti f'Dar Fatima fi Gwardamanġa.

## Tneħħija tat-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà għas-sidien u l-inkwilini li jaqgħu taħt ċertu skemi tal-Awtorità

Sur President, għandna 700 familja li preżentament jgħixu fi proprjetajiet li huma mikrija mill-Awtorità tad-Djar mingħand sidien privati permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu u l-iskema li kienet tippreċediha l-Iskema Kiri. Għexieren oħra qegħdin

jgħixu fi proprjetajiet li ġew rijabilitati permezz tal-iskema RVU u mikrija għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali għal 10 snin. Il-Gvern jixtieq li jippremja dawk l-inkwilini li jirnexxilhom itejbu l-qagħda ekonomika tagħhom tul il-perjodu li huma jkunu qed jibbenefikaw mill-akkomodazzjoni soċjali allokat lilhom u fl-istess ħin jaġevola lil dawk is-sidien li jkunu offrew dawn il-proprjetajiet għal skopijiet soċjali.

Għaldaqstant, se titneħħa t-taxxa tal-boll fuq l-inkwilini soċjali u t-taxxa fuq il-bejgħ fuq is-sidien soċjali fuq l-ewwel €200,000 tal-prezz tal-proprjetà sabiex nippromwovu l-istabbiltà tal-inkwilini li jistgħu jibqgħu jipprogressaw fl-istess komunità u nħeġġu lil aktar sidien li joffru djar residenzjali għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali.

## Tneħħija tat-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà għas-sidien u l-inkwilini li jibbenefikaw mill-Iskema tal-Benefiċċju tal-Kera

Fil-budgets preċedenti, il-Gvern nieda għadd ta' miżuri fiskali biex jippremja sidien ta' proprjetajiet li krew djar residenzjali b'mod affordabbli għal għadd ta' snin lill-istess inkwilin u sussegwentement jagħżlu li jbigħu din il-proprjetà residenzjali lill-inkwilin jew lil terzi persuni. Il-Gvern jixtieq jibni fuq dawn il-miżuri billi jestendi t-tneħħija tat-taxxa fuq bejgħ u xiri ta' proprjetà fuq l-ewwel €200,000 tal-prezz tal-proprjetà għal kull min ibigħ proprjetà mikrija lill-inkwilini li jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-kera.

## First-time Buyer Scheme

Fil-budget li għadda ħabbarna l-akbar investiment fil-first-time buyers fl-istorja ta' pajjiżna, b'għotja ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin lil kull min xtara l-ewwel dar tiegħu mis-sena 2022 lil hawn. Fl-ewwel sena kellna madwar 2,600 persuna jew koppja li bbenefikaw minn din l-iskema li rat investiment ta' madwar €3 miljun fl-ewwel sena tagħha, liema allokazzjoni se tikber għal 5 miljun u mitejn elf ewro fis-sena 2024.

## Emendi fl-iskema tal-Għotja biex tgħin lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u/jew Tkomplija tal-Ewwel Residenza Tagħhom ('GFR')

Sur President, ir-realtà tas-suq tal-proprjetà preżenti qiegħda turina li aktar persuni waħedhom qegħdin jagħżlu li jixtru l-ewwel residenza tagħhom. L-iskema tal-GFR, kif inhi magħrufa, hija għotja fejn koppji u individwi jingħataw rifużjoni tal-ammont li huma jħallsu f'VAT meta jkunu qed jirranġaw, jibnu u jkomplu l-ewwel dar tagħhom. Kif inhi bħalissa l-iskema, hemm anomalija fejn koppja tirċievi ferm aktar minn persuni li jixtru waħedhom. Sabiex titneħħa din l-anomalija l-Gvern sejjer ibiddel it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskemi biex żgħażagħ li jixtru l-ewwel dar tagħhom waħedhom jieħdu daqs koppji u jkollhom għotja li ma tiddiskriminax kontrihom.

## Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli

Sur President, fil-budget preċedenti l-Gvern ikkommetta l-ewwel allokazzjoni annwali ta' fondi lejn il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli li waqqafna f'Jannar tal-2022

flimkien mal-Arċidjoċesi ta' Malta biex nagħtu spinta lis-settur tal-akkomodazzjoni affordabbli. F'din l-ewwel sena u nofs ta' operazzjoni tal-Fondazzjoni, din l-entità strutturat ruħha sew u bdiet taħdem sabiex toffri soluzzjonijiet għal persuni li ma jistgħux jaċċessaw l-akkomodazzjoni soċjali offruta mill-Awtorità tad-Djar iżda qed isibuha bi tqila jaċċessaw is-suq privat.

Għal din il-faxxa tal-popolazzjoni, il-Fondazzjoni qiegħda taħdem biex ikun hemm provvista ġdida ta' djar, ikun hemm għodda finanzjarji alternattivi, programmi mmirati bl-għajnuna tal-privat, u qiegħda twettaq studji u riċerka sabiex nifhmu eżattament kif l-aħjar nistgħu ntejbu l-qagħda ta' dawn il-persuni.

Għal sena oħra, il-Gvern sejjer jonora l-obbligi tiegħu bħala wieħed mill-Fundaturi u jalloka fondi għall-amministrazzjoni tal-Fondazzjoni.

## Estensjoni tal-iskemi fuq bejgħ u x-xiri tal-proprjetà

Barra minn hekk, se nerġgħu nestendu għal sena oħra l-iskemi tat-tnaqqis fit-taxxa tal-Boll għall-first-time buyers u s-second-time buyers.

## Għawdex – gżira tal-villaġġi

F'dan il-budget qed inħabbru diversi miżuri u inizjattivi għal Għawdex.

Kollox parti minn strateġija mnedija ftit tal-ġimgħat ilu. Minn Għawdex irridu gżira tal-villaġġi.

Għalhekk l-iskema ta' rata ta' boll imnaqqsa għal proprjetajiet f'Għawdex mhux ser tiġi estiża wara Diċembru li ġej.

Għaldaqstant dawk kollha li jilħqu jiffirmaw konvenju sal-aħħar ta' din is-sena, se jkunu qed jibbenefikaw mir-rata mnaqqsa ta' bħalissa.

Għawdex xorta ser jibqa' jingħata inċentivi speċjali. Fejn jidħol xiri ta' proprjetajiet UCA jew li ilhom vakanti minn first-time buyers, mis-sena d-dieħla se nżidu l-grant li nagħtu lil first-time buyers ta' dawn il-proprjetajiet f'Għawdex minn €30,000 għal €40,000. Dan minbarra l-għajnuniet b'saħħithom l-oħra ta' eżenzjoni mit-taxxa għal kull min jixtri din it-tip ta' proprjetà.

# KAPITLU 3. NINVESTU FL-IKBAR RIŻORS TA' PAJJIŻNA: IN-NIES

Sur President,

Se ninvestu b'iktar saħħa fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema tagħna sabiex intejbu l-kwalità tal-impjiegi f'pajjiżna u l-produttività tal-ħaddiem. B'hekk inkunu nistgħu naċċertaw livell ta' għajxien aħjar għall-ħaddiema ta' pajjiżna.

## Il-Politika Nazzjonali għax-Xogħol 2021-2030

Il-Politika Nazzjonali għax-Xogħol 2021-2030 fasslet il-viżjoni ħolistika tal-Gvern għal impjiegi f'Malta, din il-viżjoni tinvolvi ħidma kontinwa, bi wħud mir-rakkomandazzjonijiet tagħha jiġu implimentati kull sena.

Fl-2023, ġew ippubblikati l-ewwel riżultati mill-Istħarriġ Nazzjonali dwar il-Ħiliet. Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani f'Malta u nuqqasijiet persistenti fil-ħiliet, dan l-istħarriġ serva bħala eżerċizzju nazzjonali sabiex jittieħed rendikont tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-popolazzjoni fl-età li tista' taħdem u li hija residenti ta' Malta u Għawdex. Biex tkompli tikkumplimenta din il-viżjoni, fl-2023 ġie stabbilit Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet. Il-Kunsill għandu rwol strumentali biex jiżgura li Malta tkun preparata aħjar biex taffaċċja realtajiet ġodda tas-suq tax-xogħol. L-għan ewlieni tiegħu huwa li juża prattiċi bbażati fuq l-evidenza biex jifhmu u jantiċipaw ħiliet attwali u futuri fi ħdan is-suq tax-xogħol biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu mfassla miżuri adatti.

## Nippremjaw lil min hu bieżel

Dan il-budget se jkompli jibni fuq ta' qablu u għalhekk bi pjaċir nerġa' nħabbar, li barra li s-sena d-dieħla ser ikomplu l-miżuri li jtejbu l-pagi tal-ħaddiema bħat-tnaqqis fit-taxxa tal-part-time u t-taxxa tal-overtime, it-Tax Refund li beda jingħata f'dawn l-aħħar snin minn dan il-Gvern ser jerġa' jingħata s-sena d-dieħla. Iċ-ċekk ser ikun bejn €60 u €140 bl-ogħla somma tibqa' tingħata lil dawk bl-aktar dħul baxx (ara Tabella 3.1).

Se nagħmilha ċara qabel jibda l-ispin ta' kull sena tal-Oppożizzjoni. Din mhux taxxa li tkun ħallast u nagħtuhielek lura. Iżda, din għotja li tippremja s-sehem fis-suq tax-xogħol.

Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 'il fuq minn 250,000 persuna b'nefqa totali ta' €26 miljun.

## Aġġustament għal ħelsien mit-taxxa għall-pensjonanti attivi

Fil-Budget għall-2022, konna ħabbarna li f'temp ta' 5 snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa. Dan sabiex ninkoraġġixxu l-pensjonanti jibqgħu attivi u jkomplu jaħdmu wara li jilħqu l-età tal-irtirar. F'dan l-isfond, l-ammont li għas-sena d-dieħla jiġi injorat għal fini ta' taxxa ser jerġa' jiżdied b'20% għal 60%. B'dan il-mod, pensjonanti li jkollhom dħul addizzjonali fuq il-pensjoni jgawdu minn tnaqqis akbar fit-taxxa.

Din il-miżura ser tkun qed tfisser li madwar 17,000 pensjonant li jaħdmu ser jaraw żieda totali ta' €27 miljun fid-dħul tagħhom.

**Tabella 3.1: Tax Refund**

| Komputazzjoni: Singola | Ammont |
|---|---|
| **Dħul** | |
| | **2024** |
| €0 - €15,000 | €125 |
| €15,001 - €30,000 | €95 |
| €30,001 - €59,999 | €60 |
| | |
| **Komputazzjoni: Miżżewġin** | |
| **Dħul** | |
| | **2024** |
| €0 - €20,000 | €140 |
| €20,001 - €40,000 | €110 |
| €40,001 - €59,999 | €65 |
| | |
| **Komputazzjoni: Ġenitur** | |
| **Dħul** | |
| | **2024** |
| €0 - €15,000 | €135 |
| €15,001 - €30,000 | €105 |
| €30,001 - €59,999 | €60 |

## Aktar titjib fir-rati tal-In-Work Benefit

Minn meta fl-2015 varajna dan il-benefiċċju mmirat għal ġenituri li jaħdmu, tejjibna kemm-il darba r-rati tal-benefiċċju u wessajna l-limiti tad-dħul mill-impjieg.

Ta' min isemmi wkoll li l-għadd ta' dawn il-familji mis-sena l-oħra 'l hawn aktar minn tripla bl-introduzzjoni ta' sistema awtomizzata li tidentifika l-benefiċjarji mingħajr il-ħtieġa li wieħed japplika.

Se nżidu €50 għal kull wild fil-familja taħt it-23 sena. Din hi l-ewwel minn erba' żidiet li wegħedna fil-Manifest Elettorali.

Din iż-żieda ser tolqot madwar 23,000 familja b'34,500 tifel u tifla. B' kollox in-nefqa fuq l-In-Work Benefit se tkun qed titla' għal €16-il miljun.

## In-Work Benefit għal ħaddiema b'ħinijiet atipiċi

Fil-Budget għall-2022, konna daħħalna għotja ġdida ta' €150 fis-sena għal dawk il-ħaddiema li għandhom paga bażika li ma teċċedix l-€20,000 li jaħdmu ħinijiet atipiċi fis-setturi tal-akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, servizzi amministrattivi u ta' sapport, manifattura, trasport u ħażna, u bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Din is-sena l-benefiċċju ser jitħallas f'Diċembru 2023. Kif imwiegħed, il-miżura ser tiġi estiża għas-sena d-dieħla u b'hekk madwar 25,000 ħaddiema ser ikunu qed jirċievu ċekk ta' €150 b'nefqa totali ta' €3.8 miljuni.

## Il-Paga Minima

Mis-sena d-dieħla l-paga minima se tissaħħaħ b'mod sostanzjali fuq numru ta' snin bi qbil mal-imsieħba soċjali. Sal-2027, il-paga minima ser tiżdied bejn €12 u €18 fil-ġimgħa u dan minbarra l-COLA statutorja li trid tingħata fil-perjodu msemmi.

B'mod sempliċi l-ewwel żieda tfisser li minn Jannar 2024, il-paga minima titla' minn €192.73 fil-ġimgħa għal €213.54 fil-ġimgħa.

## Ftehim Settorjali

Dan Gvern li jinvesti fil-komunità u l-oqsma tas-saħħa, is-sigurtà u l-edukazzjoni huma kruċjali għal komunitajiet b'saħħithom. Għalhekk ilħaqna ftehim mal-infermiera u l-pulizija biex tejjibna l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-Gvern se jkun qed jagħmel l-almu tiegħu biex fix-xhur li ġejjin jiġi konkluż u ffirmat il-ftehim tal-edukaturi.

Kull darba li npoġġu mal-mejda tan-negozjati naraw li nżidu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, b'mod b'saħħtu iżda li jkun ukoll sostenibbli. Hekk tfisser Malta Ġusta.

Fis-sena li ġejja wkoll, il-Gvern ser ikun qed ipoġġi bilqiegħda ma' numru ta' unjins li huma firmatorji għal kategoriji varji ta' ħaddiema fis-Servizz Pubbliku biex jiġi diskuss l-akbar ftehim kollettiv tal-pajjiż. Il-Gvern ser ikun qed jara li l-ħaddiem jieħu dak li jixraqlu biex ikun jista' joffri servizz għoli liċ-ċittadin, iżda fl-istess ħin jiggarantixxi li jkompli jħares, kif dejjem għamel, il-bilanċ bejn produttività u sostenibbilità fejn jidħlu talbiet finanzjarji.

## Ħaddiema barranin b'kompetenza u kwalifiki għoljin

Irridu li l-Maltin ikunu mħejjija biex jieħdu l-aqwa impjiegi, imma hija realtà wkoll li għandna opportunitajiet f'oqsma importanti fejn għad m'għandniex biżżejjed ħaddiema. Għalhekk il-liġi tat-taxxa toffri inċentivi fiskali biex Malta tattira l-impjieg ta' persuni

barranin f'ċerti kategoriji speċjalizzati. Se nirrevedu r-regoli kollha li ħarġu maż-żmien biex nikkonsolidawhom taħt sistema waħda b'kundizzjonijiet uniformi. Barra minn hekk, ser jiġu aġġornati sabiex ikunu iktar konformi mal-esiġenzi tal-iżvilupp ekonomiku ta' dawn l-aħħar snin.

## L-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024-2030

Dan il-budget se jkompli jibni fuq dak ta' qablu hekk kif ħa jkompli jsaħħaħ l-investiment fl-infrastruttura edukattiva u fil-kwalità tal-edukazzjoni.

Fl-2024, qed naraw li fil-qasam edukattiv inkomplu nagħtu viżjoni għas-snin li ġejjin. Għalhekk, l-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024-2030 biex permezz tal-pilastri msejsa fuq il-benesseri, il-ħiliet kif ukoll l-inklużjoni, naraw li jkompli jkollna edukazzjoni ta' kwalità. Id f'id ma' din l-istrateġija se tibda l-ħidma permezz tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet biex tiġi żviluppata Strateġija Nazzjonali għall-Ħiliet.

## One Tablet per Child

Matul din is-sena, kompliet l-estensjoni tal-inizjattiva One Tablet per Child, filwaqt li bdiet il-ħidma biex jitqassam laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena.

## Rinnovar tal-iskejjel u skejjel ġodda

Fin-Nadur, Ħal Għaxaq u r-Rabat l-istudenti daħlu fi skejjel ġodda u totalment mibdula, u tlestew ukoll is-Sala Teatru u l-Kumpless

Sportiv ta' Santa Luċija. Ix-xogħol fuq l-iskola tal-Imsida għaddej ukoll b'ritmu tajjeb.

Fl-2024, se tibda l-ewwel fażi ta' rinnovar u modernizzar fuq l-Iskola Primarja ta' San Ġorġ, f'Ħal Qormi, filwaqt li jibdew il-fażijiet preliminari fuq skejjel Primarji ġodda fil-Mosta u fil-Mellieħa.

Fir-Rabat, Għawdex għaddej b'pass tajjeb il-bini tal-iskola Primarja ġdida u kif ukoll l-estensjoni u r-rinnovar estensiv tal-Middle School b'investiment li jeċċedi l-€21 miljun. F'Jannar tas-sena d-dieħla x-xogħlijiet fuq il-Middle School se jkunu tlestew u b'hekk l-istudenti u l-għalliema se jkunu jistgħu jidħlu fl-iskola l-ġdida. L-iskola Primarja mistennija tkun lesta sa Awwissu 2024.

## Stipendji

Is-sena d-dieħla l-istipendji se jkunu qed jerġgħu jiżdiedu bir-rata tal-għoli tal-ħajja pro-rata. Dan ifisser żieda ta' €64 f'sena.

Iżda mhux hekk biss. Il-Gvern se jkompli jżid b'mod sostanzjali l-istipendji f'korsijiet partikolari. Qed nindirizzaw il-bżonn ta' iktar nies imħarrġa f'setturi kruċjali għat-transizzjoni ekonomika ta' pajjiżna jew f'oqsma importanti fejn il-pajjiż għandu nuqqas bħal għalliema ta' livell primarju jew għalliema tal-istudji xjentifiċi u matematiċi.

Hekk ukoll naraw li t-transizzjoni ekonomika li nitkellmu dwarha tieħu l-ħajja.

## Programmi eżistenti ta' scholarships u tax credits

Is-sena d-dieħla se nkomplu nsaħħu programmi eżistenti ta' Scholarships  u nkomplu nipprovdu tax credits għal dawk l-istudenti li jixtiequ javvanzaw bl-istudji tagħhom fil-livell ta' Masters u Dottorat permezz tal-iskemi Get Qualified u Higher Educational Qualifications fejn bi pjaċir inħabbar li s-sena l-oħra madwar 4,600 persuna bbenefikaw minn total ta' €8 miljuni.

## Ninvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni

Se invaraw l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni f'Malta u Għawdex. Matul din is-sena wkoll, kompla jiżdied l-investiment fosthom permezz ta' programm ġdid Technology Extension Support filwaqt li kompliet titwessa' l-parteċipazzjoni fil-programm Horizon Europe fejn mill-bidu tal-programm, 121 entità Maltija ffirmaw 97 Grant Agreement u rċevew aktar minn €31 miljun. Investejna wkoll u ħa nkomplu ninvestu fl-Esplora biex tkompli fit-tixrid tal-edukazzjoni STEM fil-komunità.

Kompla jissaħħaħ in-National STEM Community Fund filwaqt li allokajna aktar minn €6 miljuni, fosthom bil-programm FUSION. Għat-tielet sena konsekuttiva, se jiżdied il-fond tal-Community Development and Innovation Scheme li minnu, is-sena li għaddiet, ibbenefikaw dawk kollha li applikaw, b'kollox 30 għaqda volontarja, bi proġetti li se jkomplu jsaħħu u jiffaċilitaw il-ħajja tan-nies fil-komunità.

## Diġitalizzazzjoni, teknoloġiji avvanzati u komunikazzjoni

Skont ir-rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea li jagħti ħarsa dettaljata lejn il-progress marbut mal-miri tad-Deċennju Diġitali

2030, Malta rreġistrat prestazzjoni ogħla mill-medja Ewropea fil-progress lejn dawn il-miri.

Għall-ewwel darba din is-sena ġew organizzati Summer School u Bootcamp Permezz tal-iskemi Pathfinder u AI Applied Research Grant, komplejna nassistu finanzjarjament lil min hu interessat ikompli l-istudji tiegħu fuq livell ta' Post Graduate. Huwa ppjanat li skemi u miżuri simili jkunu rrepplikati s-sena d-dieħla.

## Inkomplu ninvestu fil-qasam tas-saħħa

Konvint li l-poplu Malti u Għawdxi apprezza, mhux ftit, il-passi kbar li għamilna fil-qasam tas-saħħa matul is-snin li għaddew.

Fl-2023, komplejna ninvestu u nsegwu l-progress fuq numru ta' proġetti kapitali, fosthom iċ-Ċentru Reġjonali Ċensu Moran b'fondi tal-UE li mistenni jibda jopera s-sena d-dieħla.

Insemmi wkoll l-immodernizzar tas-swali fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Monte Karmeli, il-proġett tal-bini ta' Bank tad-Demm ġdid, l-infrastruttura l-ġdida tad-Dipartiment tal-Emerġenza, id-Dipartiment tal-Medical Imaging, it-tielet Cardiac Catherisation Suite, kif ukoll l-akkwist tal-MR Linac.

It-tfassil ta' dawn il-proġetti u oħrajn li huma ppjanati li jitwettqu fuq medda ta' snin - ħa inkonsiderazzjoni x-xejriet demografiċi ta' pajjiżna u l-iżviluppi mediċi u teknoloġiċi fil-qasam tas-saħħa biex nassiguraw li kull investiment li nagħmlu jkun wieħed għaqli u fit-tul.

F'April ta' din is-sena l-Gvern ħa t-tmexxija tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, l-Isptar Karin Grech u l-Isptar San Luqa wara li bit-termini tiegħu għamel dak magħruf bħala control step in. Dan filwaqt li assigura s-servizz u l-impjieg tal-ħaddiema.

Għas-sena d-dieħla biex imexxi l-Isptar ta' Għawdex u Karin Grech, il-Gvern se jkun qed jinvesti €75 miljun, flimkien mal-ħlas tal-pagi tal-ħaddiema. Dan ifisser li biex iħaddem l-isptarijiet il-Gvern qed jinvesti daqskemm kien jinvesti s-sena li għaddiet, u anke iktar.

Fl-istess ħin f'arbitraġġ quddiem l-International Chamber of Commerce, il-Gvern qed jaħdem sabiex ikompli jħares l-interessi ta' Malta.

Is-sena d-dieħla se nkomplu nevalwaw il-ħtiġijiet kliniċi u mediċi kif ukoll id-domanda għall-għoti tas-servizzi pprovduti mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex, dan kemm fl-immedjat, fejn diġà ħadna inizjattivi importanti bħat-tender għal magna tal-MRI,  kif ukoll fuq medda itwal ta' snin.

Abbażi ta' dan, se nifformulaw il-Brief Mediku - aġġornat bil-ħtiġijiet kollha neċessarji għat-tiġdid tal-isptar - biex nassiguraw l-għoti ta' kura sostenibbli u tal-ogħla kwalità.

## Mediċini

Matul din is-sena komplejna nwessgħu l-Formularju tal-Gvern permezz tax-xiri ta' iktar mediċini u trattamenti effettivi għall-kura tal-mard, inkluż dak kroniku u rari, kif ukoll kundizzjonijiet

tas-saħħa. Bi pjaċir inħabbar li fl-2024, il-Formularju tal-Gvern se jkompli jespandi biex jinkludi mediċini li se jingħataw bla ħlas lill-pazjenti tal-IVF, lil dawk li jbatu mill-kundizzjoni tal-ażżma, mill-Pulmonary Fibrosis u dawk li jiffaċċjaw sfidi ta' saħħa mentali.

## Servizzi tas-saħħa

Investejna bis-sħiħ fil-kura primarja fejn immodernizzajna diversi Ċentri tas-Saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u daħħalna servizzi ġodda f'dawn iċ-ċentri. Fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qed niftħu ċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ġewwa r-Rabat, Għawdex u li minnu se nkunu qed noffru numru ta' servizzi li s'issa kienu jingħataw biss mill-isptar. Is-servizz ta' GU Clinic fil-komunità wkoll mistenni li jibda jingħata fil-ġranet li ġejjin.

Fl-2024 se nkomplu nimmodernizzaw iċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, tal-Furjana u ta' Bormla u niftħu kliniċi ġodda. Beħsiebna nintroduċu u nestendu numru ta' servizzi, fosthom is-servizz ta' trasfużjoni tad-demm fil-livell ta' kura primarja.

Servizz ieħor li se jiġi estiż huwa dak tar-Remote Patient Monitoring li se jkunu qed igawdu minnu dawk kollha li jbatu mid-Dijabete Tip 1. Barra minn hekk, l-Isptar Mater Dei se jkollu tim dedikat ta' speċjalisti mħarrġa fl-immaniġġjar tal-kumplikazzjonijiet li jsofru minnhom pazjenti morda bil-kanċer u se nkomplu nestendu s-servizz ta' Infermier Navigatur. Se nwessgħu wkoll is-servizzi oftalmiċi ta' matul il-jum, inkluż il-ftuħ ta' teatru għall-operazzjonijiet minuri. Ser inkomplu nimplimentaw ukoll l-istrateġija dwar is-saħħa mentali.

## KAPITLU 4. L-EKONOMIJA LI RRIDU GĦAL FUTUR SOSTENIBBLI

Il-burokrazija żejda hija ta' ostaklu għall-ekonomija u għalhekk komplejna bid-diskussjonijiet biex nissimplifikaw il-proċess sabiex negozji ma jkollhomx bżonn jissottomettu l-istess dokumentazzjoni għal numru ta' drabi ma' entitajiet regolatorji differenti. Se jinħoloq Repożitorju Komuni Ċentrali tad-Data, li ser jiffaċilita l-proċess ta' identifikazzjoni tal-applikanti meta dawn ikunu qed jagħmlu negozju f'Malta.

Nemmnu wkoll fid-dritt li n-negozji kollha jkollhom aċċess għal kont bankarju bażiku. U għalhekk għaddejja konsultazzjoni mal-banek biex din il-wegħda titwettaq ukoll.

Fl-aħħar ta' din is-sena se naraw ukoll it-tnedija ta' portal ġdid mir-Reġistru Malti tal-Kumpaniji. Dan se jiffaċilita l-proċess biex sħubijiet kummerċjali, kumpaniji u l-fergħat tagħhom jiġu rreġistrati u jissottomettu dokumenti onlajn bl-użu ta' firma elettronika kkwalifikata u ċċertifikata.

Barra minn hekk, biex innaqqsu l-ispejjeż amministrattivi ta' kumpaniji żgħar, se jsir allinjament, sa fejn hu possibbli, bejn l-obbligi li bħalissa għandhom ċertu kumpaniji taħt liġijiet differenti bħall-Att dwar il-Kumpaniji u l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.  Ser innaqqsu l-obbligu li dawn il-kumpaniji żgħar għandhom, biex iqabbdu awditur biex jagħmel rapport dwar ir-riżultati finanzjarji tagħhom għal finijiet tat-taxxa fejn dan l-obbligu ma jeżistix fl-atti li semmejt. Iżda fl-istess ħin se naraw li l-integrità tar-riżultati finanzjarja tagħhom ma tkunx

kompromessa. Dan għandu jwassal sabiex aktar kumpaniji jirregolaw ruħhom u jibagħtu l-formoli tat-taxxa tagħhom fil-ħin.

## Startups

Biex ngħinu kumpaniji startups fl-ewwel snin tagħhom, partikolarment dawk bi prodotti teknoloġiċi innovattivi u li normalment ma jkunux jistgħu jġibu self mill-banek kummerċjali, introduċejna l-ewwel Venture Capital Fund.

Inizjattiva oħra li ser terġa' titnieda s-sena d-dieħla hija dik tas-Seed Investment Scheme. Din l-iskema toffri inċentivi fil-forma ta' krediti ta' taxxa lill-kumpanji Maltin wara li jkunu investew fi startups u għaddew mid-due diligence.

## EU Startup Summit

Bħala parti mill-impenn tal-Gvern fis-sena 2023, il-Malta Enterprise għalqet in-negozjati mal-EU Startups Summit, fejn għall-ewwel darba dan l-avveniment ser ikun qed isir Malta fis-snin 2024, 2025 u 2026. Għall-aħħar snin, dan is-summit kien isir Barċellona. Fis-snin li ġejjin qed nistennew li l-EU Startups Summit se jkun qed jiġbed lejn Malta 4,500 parteċipant fuq medda ta' 3 snin.

## iStartup Finance

Għal sena oħra, il-Malta Enterprise se tkun qed testendi l-iskema tal-iStartup Finance. Dan, minbarra t-tnedija tad-dokument għal konsultazzjoni dwar qafas legali maħsub biex jissimplifika l-ħajja tan-negozji startups, b'mod partikolari dawk l-iktar innovattivi.

Dan bil-għan li pajjiżna jkollu strateġija ddisinjata esklussivament għal startups.

## Skemi li jsaħħu l-intrapriżi

Għal sena oħra, se jiġu estiżi l-iSkills Development Scheme, ir-Rent Subsidy Scheme, l-iskema Innovate u l-iskemi Smart & Sustainable u Investment Aid for Energy Efficiency Projects.

Barra minn hekk l-iskema ta' assistenza għal kumpaniji żgħar u medji biex jirċievu servizzi ta' konsulenza rigward l-ESGs u kif jistgħu jtejbu s-sostenibbilità tal-operat tagħhom se tkun qed tiġi estiża fis-sena 2024.

Wara diskussjonijiet li saru mal-istakeholders ewlenin fil-pajjiż bħaċ-Chamber of Commerce, Chamber of SMEs, MHRA u ACE fost l-oħrajn, matul is-sena d-dieħla, se norganizzaw ukoll numru ta' workshops fuq green transition fejn se jkun hemm tagħrif dwar l-iskemi li qed joffri l-Gvern lill-industrija u jiġu diskussi prattiċi sostenibbli li jistgħu jiġu implimentati mill-intrapriżi lokali.

## Is-settur tal-microchips

Din kienet sena importanti għal Malta u għall-qasam tal-microchips li huwa meqjus bħala qasam strateġiku fl-ekonomija globali. Dan is-settur jimpjega aktar minn 1,800 persuna f'pajjiżna u jwassal għal iktar minn €600 miljun f'esportazzjoni fis-sena.

Fit-8 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li l-proġett tal-Malta Enterprise flimkien mal-ST Malta kien fost dawk

il-proġetti strateġiċi Ewropej li ġie aċċettat bħala parti mill-IPCEI fil-qasam tas-semiconductors u komunikazzjoni. Malta kienet waħda minn 13-il stat membru li ġiet aċċettata f'dan il-programm. Dan il-proġett għandu jwassal għal iktar investiment u innovazzjoni fil-qasam tal-microchips f'Malta.

## Blue Med

Kif imwiegħed, il-Malta Enterprise nediet inizjattiva ġdida fir-rigward tal-ekonomija l-blu, il-Blue Med. Din l-inizjattiva se tkompli tiġi żviluppata biex tkompli tinġabar informazzjoni mis-settur lokali u barrani ta' kif nistgħu nkomplu ngħinu kumpaniji bbażati f'Malta. Dan qed isir permezz ta' studju ekonomiku dwar is-settur u l-potenzjal ta' niċeċ ġodda f'dan is-settur.

## Ċentru ta' Kompetenza fil-qasam tal-industrija tas-Semiconductors

Biex inkomplu niżviluppaw dan is-settur u nattiraw anke niċeċ ġodda fil-qasam tas-semiconductors u microchips, il-Malta Enterprise se tkun qed taħdem fil-qafas tal-European Chips Act sabiex f'Malta jkollna Ċentru ta' Kompetenza fil-qasam tas-semiconductors. Dan iċ-ċentru ta' kompetenza se jiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema tal-futur f'dan il-qasam. Permezz ta' din l-inizjattiva, se nkomplu ninkoraġġixxu wkoll l-iżvilupp ta' startups u SMEs Maltin, kif ukoll nattiraw lejn pajjiżna investiment dirett barrani fil-forma ta' kumpaniji li jiddisinjaw iċ-ċipep fabless – xi ħaġa li f'Malta sal-lum ma ssirx.

Dan qed ipoġġina fuq il-mappa Ewropea f'qasam daqstant importanti fit-tellieqa tat-teknoloġija globali.

## Manifattura

Ser inkomplu naħdmu sabiex nattiraw lejn pajjiżna industriji li jġibu magħhom impjiegi ta' kwalità għolja u li jagħmlu impatt akbar fuq l-ekonomija bl-anqas impatt possibbli fuq l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja.

Bħalissa għaddej xogħol intensiv mill-INDIS sabiex is-sena d-dieħla nkunu qegħdin inħabbru numru ta' proġetti b'investiment dirett barrani f'diversi lokalitajiet. F'Ħal Far qed nippjanaw kumpless għan-negozji żgħar u medji, biex ikollhom post dedikat għalihom u maqtugħin mill-ispazji residenzjali. B'hekk inkunu qed innaqqsu mill-inkonvenjent għar-residenti tal-madwar.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-industrija tal-avjazzjoni f'Malta qed tkompli tikber. Għalhekk, iktar kmieni din is-sena, inawgurajna t-Taxiway Lima biex hekk l-ajruport issa jista' jilqa' fih ajruplani ikbar għall-manutenzjoni tagħhom, bħala parti mill-industrija tal-MRO f'pajjiżna.  Matul is-sena d-dieħla ser isir investiment biex toħloq faċilitajiet oħra għall-parkeġġ tal-ajruplani.

## Gaming

Fis-settur tal-Gaming, il-Gvern iħares 'il quddiem biex tkompli tiġi implimentata l-istrateġija nazzjonali tal-esports filwaqt li se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi diversi biex l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tal-logħob diġitali jkompli jissaħħaħ.  Il-politika tagħna dwar l-esports żgurat li l-ESL Pro League Season, li huwa league tal-esports rikonoxxut fuq livell internazzjonali, se jkompli jsir ġewwa pajjiżna anke għas-sena d-dieħla.

Fejn tidħol ir-regolamentazzjoni tal-qasam tal-gaming, l-Awtorità responsabbli qed taħdem bis-sħiħ fuq it-tisħiħ tal-qafas regolatorju biex jiġi assigurat li dan jibqa' rilevanti biex jilqa' l-isfidi ta' din l-industrija dinamika filwaqt li pajjiżna jibqa' kkunsidrat bħala ġurisdizzjoni ewlenija f'dan il qasam.

## Tassazzjoni internazzjonali

Fil-qasam tat-tassazzjoni internazzjonali, kompliet il-ħidma fi ħdan l-OECD dwar l-hekk imsejħa Two Pillar Solution. B'mod ġenerali, Pillar 1 jittratta r-rijallokazzjoni tad-drittijiet tat-tassazzjoni bejn il-pajjiżi filwaqt li Pillar 2 jittratta t-tassazzjoni minima globali (jiġifieri rata ta' taxxa effettiva ta' 15%) għal kumpaniji li jiffurmaw parti minn gruppi multinazzjonali kbar li għandhom dħul ta' €750 miljun jew aktar. Il-qafas globali tat-taxxa minima taħt Pillar 2 diġà huwa realtà bl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jaqblu dwar Direttiva għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas fi ħdan l-Unjoni Ewropea u bosta pajjiżi diġà bdew il-proċess lejn l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli.

Id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea li timplimenta t-taxxa minima globali se tidħol fis-seħħ fl-2024. Madankollu, din id-Direttiva tagħti l-għażla lill-Istati Membri sabiex ma japplikawhiex għal massimu ta' sitt snin fejn japplikaw ċertu ċirkostanzi partikolari – bażikament, fejn fl-Istat Membru partikolari ma jkunx hemm l-preżenza ta' ħafna kumpaniji multinazzjoniali kbar.

F'dan il-kuntest ikun jaqbel lil pajjiżna li ma ndaħħlu l-ebda mill-komponenti tar-regoli tal-Pillar 2 fl-2024. Jiġifieri, mhux se ndaħħlu top-up ta' taxxa li twassal għar-rata ta' taxxa minima ta' 15% skont il-miżuri kkuntemplati fil-Pillar 2, l-hekk imsejħa

Income Inclusion Rule (IIR), Undertaxed Payments Rule (UTPR) u l-Qualified Domestic Minimum Top-up Tax (QDMTT). Dan sabiex aħna nkunu nistgħu nsegwu żviluppi globali u nkunu nistgħu nieħdu azzjoni kif ikun hemm bżonn fil-kuntest ta' dawn l-iżviluppi. Lanqas m'aħna se nbiddlu s-sistema ta' taxxa li għandna preżenti. B'hekk, din is-sistema ta' taxxa (il-full imputation system) se tibqa' tapplika bħal qabel.

Sadanittant ser nibqgħu naħdmu biex ikollna l-miżuri u inċentivi f'forma ta' grants jew krediti ta' taxxa (hekk imsejħa Qualified Refundable Tax Credits jew QRTCs) konformi mar-regoli tal-EU u tal-OECD. Għaldaqstant, minkejja li fil-perjodu transitorju, it-tassazzjoni ta' dawn il-kumpaniji tista' tiżdied xi ftit, se nkunu qed nassiguraw li Malta tibqa' kompetittiva għal dawn il-kumpaniji.

## Strateġija tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Sur President,

Aktar kmieni din is-sena nedejna l-Istrateġija tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li hu pjan fit-tul biex terġa' tagħti enerġija u tittrasforma l-industrija tas-servizzi finanzjarji f'Malta, billi tibni fuq il-pedamenti u r-reputazzjoni sodi tagħha. L-istrateġija tħejjiet b'ħidma kbira mill-Kunsill Konsultattiv tas-Servizzi Finanzjarji Malti (l-MFSAC), bil-kontribut attiv tal-Gvern, ir-regolaturi tas-servizzi finanzjarji, u l-partijet interessati tal-industrija. Din l-istrateġija ser twassal biex nagħmlu minn pajjiżna ġurisdizzjoni finanzjarja sostenibbli, fejn ikun faċli biex tagħmel negozju, u li tmexxi t-tkabbir u l-innovazzjoni fis-settur. Matul is-sena li ġejja, ser inkunu qed naraw ħidma qawwija fuq numru ta' prijoritajiet li se jiġu implimentati matul it-18-il xahar li ġejjin.

## Wealth & Asset Management

Is-settur tal-fund and wealth management huwa wieħed importanti għall-pajjiż u jirrappreżenta niche market tipiku li jiġġenera impjiegi high end u b'livelli għoljin ta' governanza.

Il-working group fuq asset and fund management imwaqqaf fi ħdan il-Malta Financial Services Advisory Council (l-MFSAC) għamel numru ta' proposti lill-MFSA li huma ntiżi prinċipalment sabiex ikunu jistgħu jsiru strutturi differenti li jitwaqqfu ġewwa Malta għall-investituri internazzjonali speċjalment fil-private equity. Iżda, qabelxejn l-ewwel  sar studju dwar il-possibilitajiet li jeżistu f'qafas legali tad-direttivi tal-Unjoni Ewropea fuq is-suġġett sabiex kwalunkwe proposta tkun studjata u legalment ġustifikata.

F'dan il-kuntest, l-MFSA tinsab fil-proċess li timplimenta għadd ta' bidliet regolatorji, inklużi dawk relatati ma' Notified Professional Investor Fund u Limited Partnerships kif ukoll bidliet oħra.

## Negozji tal-familja

F'pajjiżna n-negozji tal-familja huma s-sinsla tal-ekonomija. Madwar id-dinja, in-negozji tal-familja jiffaċċjaw sfidi kumplessi. Minoranza żgħira biss ta' negozji tal-familja jagħmlu b'suċċess it-transazzjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Konxju ta' dan, is-sena d-dieħla, il-Gvern se jkompli jassisti lin-negozji tal-familja billi nerġgħu nestendu l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar.

Barra minn hekk, negozji tal-familja reġistrati mal-uffiċċju għan-negozji tal-familja jistgħu jibbenifikaw minn capping ogħla f'tax credits fuq l-investiment li jkunu għamlu fin-negozju tagħhom minn dak applikabbli lil negozji oħrajn.

Se nkomplu nibnu fuq il-qafas maħluq mill-Att dwar in-Negozju tal-Familja permezz ta' miżuri li jiżguraw li n-negozji tal-familja jkunu liberi li jistrutturaw bil-mod li jaqbel l-aħjar għar-realtajiet speċifiċi tagħhom mingħajr ma r-regolamentazzjoni jew it-tassazzjoni jkunu fattur deterrenti. Se naraw li ċ-charters tal-familja jkunu espressament rikonoxxuti f'termini ta' liġi u regolati b'mod xieraq bħala forma speċjali ta' kuntratt; u se nappoġġjaw in-negozji tal-familja, permezz ta' inċentivi fiskali, hekk kif jinternazzjonalizzaw, jinnovaw u jiddiġitalizzaw.

Barra minn hekk, il-bidliet li ssemmew fil-kuntest tal-Wealth Management se jservu wkoll biex jattiraw Family Offices ġodda lejn Malta. Dawn huma differenti mill-Wealth Management peress li joffru soluzzjoni totali għall-immaniġġjar tal-ħtiġijiet finanzjarji u ta' investiment ta' individwu jew familja li għandhom il-ġid.

## REITs

Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed inniedu konsultazzjoni dwar inċentivi fiskali għal Real Estate Investment Trusts (magħrufin bħala 'REITs') biex insaħħu r-regolamenti tal-Borża ta' Malta f'dan il-qasam. Ir-REITs huma maħsubin bħala mezz kif investituri żgħar jingħataw l-opportunità li jinvestu f'ishma ta' kumpaniji li għandhom portafoll ta' proprjetajiet mikrijin u li jintrabtu biex iqassmu mhux inqas minn 85% tal-qligħ tagħhom f'dividendi kull sena.

## Aircraft Leasing

Il-Gvern qed jaħdem biex fix-xhur li ġejjin jiffaċilita l-infrastruttura finanzjarja biex isaħħaħ il-kiri tal-ajruplani. Biex dan iseħħ irridu naħdmu fuq emendi f'liġijiet relevanti, nippreparaw qafas speċjalizzat għal deprezzament u nattiraw banek li joffru servizz sħiħ sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw din l-inizjattiva. Pajjiżna diġà għandu numru ta' professjonisti f'dan is-settur li qed jaħdmu ma' pajjiżi oħra f'dan il-kamp. Għaldaqstant nemmnu li pajjiżna jista' jistabbilixxi lilu nnifsu sew f'dan is-settur u sal-aħħar tas-sena d-dieħla jkun kapaċi jattira investiment ġdid hawn ukoll.

## Sustainable Finance

Se titnieda wkoll konsultazzjoni dwar proposti ta' inċentivi fiskali maħsuba biex kumpaniji kif ukoll investituri jingħataw inċentiv biex jagħmlu investimenti sostenibbli bħalma jsir meta jinħarġu Green Bonds kif regolati mill-Borża ta' Malta.

Il-Gvern qed imexxi bl-eżempju u l-Water Services Corporation diġà ħarġet l-ewwel green bonds, iżda issa rridu li jkollna struttura biex insaħħu u nippromwovu inizjattivi simili.

Permezz ta' dawn l-inċentivi, il-Gvern jixtieq jinkoraġġixxi lil persuni biex jinvestu flushom u jkunu parteċipi fi proġetti sostenibbli biex, flimkien noħolqu ambjent aktar san u nadif, filwaqt li nixprunaw it-tfaddil.

## Is-Suq Kapitali f’Malta

Flimkien mal-industrija, qed inħarsu b’reqqa kif nistgħu nsaħħu s-suq kapitali f’Malta, u dan fil-kuntest globali li jħaddan prinċipji ta’ sostenibbiltà fil-kamp finanzjarju. Filwaqt li nħarsu ’l quddiem, nibqgħu naħdmu biex inżidu l-likwidità f’pajjiżna, billi nattiraw strumenti internazzjonali, inklużi bonds maħruġa minn kumpaniji barranin, fil-Borża ta’ Malta.

## Turiżmu

It-turiżmu kien u għadu fost il-muturi ewlenin tal-ekonomija Maltija. Waqt il-pandemija, għinna lin-nies u lin-negozji u grazzi għal din id-deċiżjoni ssaħħet il-fiduċja biex l-investiment f’din l-industrija jibqa’ għaddej.

Wara dawn iż-żminijiet ta’ sfida, illum ir-riżultati qegħdin juruna li l-Gżejjer Maltin kienu minn ta’ quddiem nett li rkupraw iżjed malajr minn dak previst. Irkupru li jissupera dak miksub minn pajjiżi ġirien ta’ Malta.

Minkejja li komplejna nissuperaw ir-riżultati tal-2019, l-istess sena li rreġistrajna rekord fit-turiżmu, l-istorja tat-turiżmu trid tgħaddi għall-kapitlu li jmiss.

Illum id-diskussjoni turistika f’pajjiżna m’għadhiex iċċentrata ma’ kemm ġejjin turisti fis-sena, iżda dwar x’tip ta’ turisti rridu nattiraw lejn il-Gżejjer tagħna.

Għalhekk,

Ser inkomplu naħdmu biex l-infrastruttura turistika tkompli tissaħħaħ u taġġorna ruħha maż-żminijiet tal-lum.

Ser tissokta l-ħidma b'reklamar tagħna barra minn xtutna u ser naraw li nkomplu nsostnu l-konnettività bl-ajru minn u lejn Malta.

Ser nieħdu deċiżjonijiet li permezz tagħhom intejbu s-servizz offrut fl-ispettru kollu tal-industrija tal-ospitalità.

Ser inkompli bl-impenn tagħna biex naraw l-aħjar mod ta' kif niżviluppaw is-sit ġewwa Smart City biex ikun jista' jaqdi lill-istudenti tagħna u l-industrija tat-turiżmu li hi tant importanti għalina.

F'Għawdex, il-Gvern fl-aħħar snin investa f'titjib tal-infrastruttura turistika u se jkompli jagħmel dan sabiex anke Għawdex ikollu potenzjal ta' konsolidazzjoni f'niċeċ turistiċi oħrajn. Ser inkomplu bi skemi ta' inċentivi b'aktar investiment kollettiv ħalli nsaħħu l-prodott u esperjenza li Għawdex kapaċi joffri.

Għas-sena d-dieħla l-investimenti fil-promozzjoni ser ikomplu jiżdiedu hekk kif il-brand speċifika ta' VisitGozo ser tkompli tiġġedded. Għalhekk ser inkomplu nsostnu skemi ta' Extended Stays fil-low season, appoġġ lill-operat f'reklamar diġitali u investiment fil-prodott tat-turiżmu.

## Il-Linja Nazzjonali tal-Ajru

Sur President, kif ħabbart ftit tal-ġimgħat ilu, is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħtu ħajja ġdida lil-linja nazzjonali tal-ajru tagħna. Kif spjegajt f'din il-Kamra stess, matul l-aħħar xhur konna għaddejjin b'diskussjonijiet u negozjati intensivi mal-Kummissjoni Ewropea sabiex niżguraw li l-pjan li fassalna jkun wieħed b'saħħtu, li barra li jagħti l-ħajja lil-linja nazzjonali tal-ajru tagħna, ikun finanzjarjament sostenibbli fit-tul.

Il-linja nazzjonali tal-ajru tagħna hija parti kruċjali mill-infrastruttura tal-gżejjer tagħna u l-konnettività bl-ajru li din tipprovdi hija marbuta b'mod inseparabbli mat-tkabbir ekonomiku u s-suċċess ta' pajjiżna.

Għaldaqstant, għas-sena d-dieħla se nkunu qed ninvestu l-ewwel €215 miljun kapitalizzazzjoni fil-linja nazzjonali tal-ajru l-ġdida sabiex fil-31 ta' Marzu li ġej, din tibda topera.

## Port Ħieles

Aktar kmieni din is-sena ħabbarna l-proġett tal-isquaring off li permezz tiegħu, il-freeport ser ikollu infrastruttura aħjar biex jilqa' għall-ħtiġijiet tal-lum, kif ukoll aktar flessibbiltà fl-operazzjonijiet tiegħu, u fl-istess waqt, ser inbiegħdu dawn l-operazzjonijiet lil hinn mir-residenti tal-madwar.

Dan il-ftehim se jagħti bidu għall-ewwel espansjoni tal-Freeport f'20 sena u se jestendi ż-żona tal-Freeport b'total ta' 30,000 metru kwadru ta' art ġdida, biex b'hekk jiżgura li l-faċilità ta'

rmiġġ tkun tajba għal vapuri ġodda li huma ikbar minn 400 metru u biex dawn jintrabtu aktar 'il barra miż-żona residenzjali.

Ix-xogħol preparatorju fuq dan il-proġett ta' espansjoni beda u matul is-sena d-dieħla jibda jidher ukoll ix-xogħol strutturali. Matul is-sena d-dieħla wkoll se jkompli għaddej ix-xogħol fuq il-proġett tal-onshore power supply. Dan hu proġett ta' madwar €12-il miljun kofinanzjati minn fondi Ewropej, li bih se tiġi pprovduta l-provvista tal-elettriku lil bastimenti rmiġġjati fil-Port u li allura ma jkollhomx għalfejn iżommu l-magni mixgħulin. Dan naturalment se jnaqqas it-tniġġis tal-arja u l-ħsejjes għall-benefiċċju wkoll tal-familji li jgħixu fil-madwar.

## Fondi Ewropej għan-negozji

Is-sena d-dieħla se nkomplu noffru opportunitajiet ta' cash grants b'investiment ta' madwar €40 miljun għall-intrapriżi żgħar u medji taħt l-iskemi Business Enhance.

L-iskemi tal-għotja huma maħsuba biex jindirizzaw l-oqsma tal-Istartups, tal-iżvilupp tal-intrapriżi, id-diversifikazzjoni, kif ukoll jiffaċilitaw l-intrapriżi biex jilħqu swieq ġodda.

L-istrumenti finanzjarji għan-negozji b'fondi Ewropej ser jitkomplew fis-snin li ġejjin permezz tal-istrument Finanzjarju INVEST EU li ser ikun qiegħed jestendi għajnuna offruta lil negozji Maltin żgħar u medji permezz ta' faċilitar tal-aċċess għal finanzjament minn banek lokali f'forma ta' tnaqqis ta' rati tal-interessi u rekwiżiti ta' kollaterali.  Għal dan il-għan qed jiġu allokati madwar €9.5 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Reġjonali (FEŻR) u madwar €7 miljun Fondi Nazzjonali li ġejjin minn rimborżi mill-istrument finanzjarju JEREMIE, implimentat fil-Programm preċedenti, b'total ta' madwar €16.5 miljun. Huwa mistenni li din il-faċilità ta' finanzjament tibda tiġi offruta lil negozji Maltin kmieni s-sena d-dieħla.

Is-settur privat ser ikompli jiġi inċentivat fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni permezz ta' għotjiet inklużi għas-self-employed iż-żgħir taħt il-programm Business Enhance bi €15-il miljun.

L-iskema ta' għotjiet taħt l-RRP għar-rinnovazzjoni favur il-klima ta' binjiet kummerċjali fis-settur privat b'valur ta' madwar €20 miljun ser titkompla matul is-sena li ġejja. Din il-miżura qed tiffoka fuq l-aċċessibbiltà tal-fondi allokati taħt l-RRP għar-rinnovazzjoni ta' bini tas-settur privat għat-tagħmir mill-ġdid (retrofitting) u effiċjenza fl-enerġija.

## Is-Sustainable Urban Development (SUD)

Il-Gvern qed jagħmel it-tħejjijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-Sustainable Urban Development b'fondi Ewropej, li jammonta għal madwar €58 miljun. L-inizjattivi u l-azzjonijiet meħuda ser ikunu kollha ffukati fuq Għawdex.

## Artijiet

Fix-xhur li ġejjin, l-Awtorità tal-Artijiet se testendi l-iskema pilota tal-2015 relatata mal-kirjiet kummerċjali, magħrufa bħala l-Valletta Shop Scheme, għat-territorju nazzjonali kollu.

Sa issa, ma kien hemm l-ebda mod strutturat ta' kif wieħed jista' jsolvi każijiet fejn ikun hemm xi ksur ta' kundizzjonijiet li ġejjin minn kuntratti antiki u minħabba dawn ma jkunx jista' jsir żvilupp ġdid jew trasferiment ta' proprjetà. Għalhekk, is-sena d-dieħla, il-Gvern se jniedi Avviż Legali li jittratta b'mod ġust u spedit każijiet bħal dawn, bil-ħlas ta' kumpens għal tipi diversi ta' ksur jew tibdil ta' kundizzjonijiet skont l-entità tagħhom.

## Tnedija tal-Pjan Nazzjonali għar-Riġenerazzjoni Soċjo-Ekonomika

Fl-għaxar snin li għaddew rajna ritmu ekonomiku sostnut li wassal għal progress soċjali madwar pajjiżna. Iżda filwaqt li dan il-progress kien mifrux madwar diversi żoni ta' pajjiżna, xorta kien hemm numru ta' lokalitajiet li jew ma bbenefikawx bl-istess rata tal-iżvilupp nazzjonali jew li affaċċjaw numru ta' impatti anqas pożittivi.

Għalhekk din is-sena l-Gvern ser ikun qiegħed iniedi studju soċjo-ekonomiku biex jidentifika lokalitajiet u żoni bi ħtiġijiet speċjali ta' riġenerazzjoni. Dawn il-lokalitajiet ser jingħataw prijorità fejn jidħol investiment infrastrutturali, proġetti ta' komunità u urban greening. Minbarra hekk ażjendi u negozji f'dawn iż-żoni jingħataw għotjiet aktar ġenerużi, speċjalment fejn jidħol rinnovar ta' binjiet kif ukoll ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità.

# KAPITLU 5. NINVESTU F'INFRASTRUTTURA LI TIXRAQ LIL PAJJIŻNA

Wara 10 snin ta' suċċess fil-qasam tal-enerġija, fejn raħħasna l-kontijiet b'25% u żammejna stabbiltà għax investejna fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, wasal iż-żmien illi nġeddu din il-politika enerġetika permezz ta' viżjoni ġdida għall-10 snin li ġejjin.

## L-infrastruttura tal-enerġija u d-diversifikazzjoni

Fl-aħħar 10 snin, pajjiżna mhux biss żamm il-kontijiet stabbli, imma permezz tad-diversifikazzjoni għal enerġija iktar nadifa, l-emissjonijiet f'dan is-settur naqsu b'60%. Dan ifisser li l-viżjoni għal enerġija iktar nadifa bdejna nwettquha u se nkomplu nsaħħu l-mixja f'din id-direzzjoni.

Il-viżjoni tal-enerġija ta' dan il-Gvern hija bbażata fuq ħames pilastri, li tinkludi l-affordabbilità tal-prezz tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u li nżommu l-konsumatur fiċ-ċentru tas-sistema tal-enerġija.

Dan il-pjan għandu jwassal biex nibqgħu nżommu l-prezzijiet affordabbli filwaqt li nimxu lejn ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa permezz ta' teknoloġija rinnovabbli.

Illum pajjiżna għandu kapaċità li jiġġenera madwar 800MW permezz tal-interconnector ma' Sqallija, sorsi rinnovabbli u l-impjanti tal-enerġija ta' Delimara. Jeħtieġ li din l-energy mix tkompli tiġi diversifikata.

F’Lulju rreġistrajna domanda rekord ta’ 663MW, ħafna aktar minn dak li kien previst.

Għalhekk li qed naħdmu fuq politika tal-enerġija biex inżidu l-kapaċità ta’ ġenerazzjoni, u nkomplu nsaħħu u nżidu infrastruttura ġdida ta’ distribuzzjoni, b’enfasi fuq id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli.

Żgur li l-kredibbiltà fil-qasam tas-sapport finanzjarju u l-politika tal-enerġija qiegħda fuq in-naħa tal-Gvern.

## Sorsi rinnovabbli offshore

Il-pandemija u l-Gwerra tar-Russja fuq l-Ukrajna ħolqu terremot fis-settur internazzjonali tal-enerġija.

Filwaqt li numru ta’ pajjiżi Ewropej rajniehom ireġġgħu l-arloġġ lura biex jipproduċu enerġija permezz ta’ sorsi li jniġġsu, u saħansitra għollew it-tariffi tal-enerġija, f’Malta bqajna determinati li nżidu r-rinnovabbli u nżommu l-prezzijiet stabbli.

Permezz tal-politika nazzjonali għall-iżvilupp tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli offshore wrejna d-direzzjoni ta’ kif irridu naħdmu. Is-sottomissjonijiet li saru fil-konsultazzjoni pubblika qed jiġu analizzati mill-Energy and Water Agency biex ikunu integrati fl-istrateġija finali.

Fl-istess ħin, Interconnect Malta għaddejja b’diversi studji tekniċi, finanzjarji u leġiżlattivi sabiex jiskatta l-proċess għall-iżvilupp ta’ dawn il-proġetti bil-mira tagħna tkun li fl-ewwel xhur tas-sena

d-dieħla jkun ippubblikat il-Pre-Qualification Questionnaire (PQQ).

Mill-konsultazzjoni preliminari li saret dwar iż-żona ekonomika esklussiva lil hinn mill-ibħra territorjali, kien hemm numru ta' investituri li wrew interess li jiżviluppaw proġetti f'enerġija rinnovabbli.

Fost proġetti oħra, kien hemm interess qawwi għal proġetti ta' ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa.

## It-tieni interconnector

Komplejna bix-xogħol sabiex niżguraw konnettività iktar b'saħħitha u sigura għall-pajjiż. Qed naraw li permezz tal-investiment fit-tieni Interconnector bejn Malta u Sqallija b'fondi Ewropej, inkomplu nsaħħu l-istabbilità fin-netwerk sabiex nilqgħu għal iktar investiment f'enerġija nadifa, inkluż l-enerġija rinnovabbli offshore.

Permezz ta' dan l-investiment ser inkunu qed innaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u fl-istess waqt nippermettu li jkollna biżżejjed kapaċità għad-domanda għall-enerġija elettrika li dejjem qed tiżdied.

## Ħażna tal-enerġija bl-użu ta' batteriji

Rajna li nkomplu nsaħħu r-reżiljenza tal-grid nazzjonali, u nipprovdu flessibbiltà f'termini tal-kapaċità tas-sistema li takkomoda enerġija rinnovabbli addizzjonali.

Biex inwettqu dan, il-Gvern qed jaħdem sabiex ikunu implimentati proġetti ta' ħażna tal-massa permezz tal-batteriji.

L-ewwel proġett se jkun ibbażat fil-Power Station ta' Delimara u ffinanzjat permezz ta' fondi Ewropej b'budget ta' €35 miljun u t-tieni proġett se jkun fl-istazzjon 'A' fil-Marsa, iffinanzjat mill-RRF b'budget ta' €12-il miljun.

## Strateġija għall-introduzzjoni u l-użu tal-idroġenu mill-industrija f'Malta

Il-Gvern se jibda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' strateġija għall-introduzzjoni u l-użu tal-idroġenu mill-industrija f'Malta, sabiex fejn huwa possibbli, proċessi li sal-lum għadhom jużaw diżil jew żjut oħra bħal fjuwil, u ma jistgħux jaqilbu għall-elettriku, ikollhom għażla ta' fjuwil nadif u bla emissjonijiet.

## It-tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku

Fl-2022, l-Enemalta bdiet programm ta' investiment ta' €90 miljun fuq sitt snin sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku madwar Malta u Għawdex. Fl-2024 dan l-investiment se jirdoppja biex naċċelleraw l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan sabiex insaħħu n-netwerk tad-distribuzzjoni.

Fil-fatt l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan jinsab avvanzat iktar milli ppjanat. Saru transformers u switchgears ġodda biex insaħħu distribuzzjoni miċ-ċentri ta' distribuzzjoni f'Ħal Tarxien, Wied il-Għajn u l-Imrieħel. B'hekk irduppjajna l-kapaċità ta' dawn l-akkwati.

Saru wkoll total ta' 66 substation ġdida fin-netwerk ta' distribuzzjoni, kif ukoll infurzar f'disa' ċentri ta' vultaġġ medju u 130 feeders ġodda ta' vultaġġ baxx. Saru upgrades ta' 41 substation u armajna 37 substation oħra b'sistema automated biex intejbu l-ħin ta' rispons.

Għandna wkoll pjanijiet għat-tisħiħ tas-sistema ta' distribuzzjoni permezz ta' ċentri ta' distribuzzjoni u substations, kif ukoll tisħiħ tan-network b'vultaġġ medju.

Dan il-pjan qed isir ukoll f'investiment ta' €50 miljun minn fondi Ewropej taħt il-programm ta' RePowerEU.

L-Enemalta ser tkun qed tinvesti f'aktar impjanti ta' emerġenza biex jekk tinqala' ħsara f'wieħed mis-sorsi ta' ġenerazzjoni tagħna, fl-eqqel tad-domanda, il-provvista tal-elettriku tkun tista' tiġi fornuta mis-sorsi l-oħrajn. B'mod immedjat, l-Enemalta ser tkun qiegħda temporanjament tikri kapaċità sa 60MW f'impjanti ta' emerġenza.

Permezz ta' dan l-investiment qawwi, il-Gvern qed ikompli jsaħħaħ l-infrastruttura elettrika waqt li jiffaċilita l-użu ta' teknoloġija iktar avvanzata sabiex ikollna garanzija ta' sigurtà ta' provvista tal-enerġija, li tkun affordabbli u twassal għall-oġġettiv ta' dekarbonizzazzjoni tal-pajjiż.

## L-infrastruttura tat-toroq

Matul din is-sena tlestew numru ta' proġetti li indirizzaw konġestjonijiet kbar fin-naħa tal-ajruport ta' Malta bħal Luqa

Junction Project, MFSA Junction u Mrieħel Bypass, Kirkop Tunnels u l-Airport Intersection Project, b'investiment li jilħaq l-€40 miljun fuq dawn it-tliet proġetti. M'aħniex se nieqfu hawn.

Għaddejjin bix-xogħol biex intejbu t-toroq fin-naħa ta' Triq Sant'Andrija Pembroke b'investiment ta' €5.4 miljun fejn se jsir ukoll investiment biex ikun hemm passaġġi għan-nies biex jimxu u jsuqu r-rota. Xogħol importanti li jwitti t-triq għal proġett ieħor kbir, dak ta' Paceville Junction. Proġett ieħor importanti huwa dak tal-Imsida Creek b'investiment b'saħħtu fiċ-Ċentru ta' Malta, proġett li jara l-organizzazzjoni ta' din il-junction essenzjali użata minn eluf ta' nies kuljum.

## L-infrastruttura u l-immaniġġjar tal-ilma

Il-Gvern se jkompli jinvesti fir-restawr ta' ġibjuni storiċi abbandunati fejn bdiet l-evalwazzjoni tax-xogħlijiet fuq ir-riserva tal-Berġa tal-Ingilterra b'kapaċità li taħżen mal-120,000 litru ta' ilma.

Biex inkomplu nlaħħqu mad-domanda għall-ilma tax-xorb, matul din is-sena ssoktat it-tieni fażi tat-tkabbir tal-produzzjoni tar-reverse osmosis, dan b'investiment ta' aktar minn €12-il miljun. L-għan aħħari hu li sal-2025 inżidu l-kapaċità fil-produzzjoni b'aktar minn 50% fuq il-medja tal-2020.

Issokta wkoll proċess sabiex jinbidlu mejnijiet antiki li minnhom diġà ġew implimentati madwar 9km, bi 11-il kilometru oħra li qegħdin f'fażi finali biex jiġu kkuntrattati. Dan il-proġett ser jestendi sas-sena 2025, b'nefqa totali ta' €22 miljun.

Il-proġett tat-tisħiħ tal-impjant għat-tisfija ta' drenaġġ f'Sant Antnin qiegħed jiġi kkummissjonat u mistenni jibda jopera fix-xhur li ġejjin. Din il-miżura, b'nefqa totali ta' madwar €7 miljuni, ser tkun qed iżżid il-kapaċità tat-tisfija tad-drenaġġ fin-Nofsinhar ta' Malta b'iżjed minn 20%.

Insemmi wkoll in-New Water, proġett innovattiv popolari ma' bosta bdiewa. Din is-sena, issoktat il-ħidma tal-Korporazzjoni biex testendi n-netwerk ta' dan l-ilma riċiklat fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Malta. B'iżjed minn 350 New Water dispenser points ġodda ppjanati, dan il-Gvern se jkompli jara li jwettaq wegħda politika oħra.

## L-infrastruttura u l-immaniġġjar tal-iskart

Il-viżjoni fit-tul ta' dan il-Gvern, fis-settur tal-immaniġġjar tal-iskart, qed tiġi implimentata b'mod deċiżiv u qed tikseb ir-riżultati. Din is-sena ġie rreġistrat tnaqqis rekord fil-borża s-sewda filwaqt li l-ammont ta' materjal mibgħut għar-reċiklaġġ u t-tunellaġġ ta' skart organiku li nġabar huma l-ogħla li qatt ġew irreġistrati.

Il-Proġett ECOHIVE, l-ikbar investiment li qatt sar f'Malta f'dan is-settur b'investiment ta' nofs biljun ewro, ser ibiddel il-mod li bih jiġi pproċessat l-iskart ġewwa pajjiżna. Matul din is-sena tlesta wkoll l-iskavar ta' dan is-sit. Il-Waste-to-Energy ser jilqa' fih skart li ma jistax jiġi riċiklat jew irkuprat b'modi oħra, u li qabel kien imur fil-miżbliet. L-iskart se jinbidel f'enerġija u b'hekk din il-faċilità ser tkun qed tikkontribwixxi lejn parti mid-domanda tal-elettriku ta' Malta b'enerġija ħadra.

## L-infrastruttura marittima

Fil-qasam marittimu, Malta kkonsolidat postha bħala s-sitt l-akbar reġistru ta' bastimenti fid-dinja. Is-sena d-dieħla, se nagħmlu bidliet fil-Merchant Shipping Act u se nibdew nimplimentaw il-politika l-ġdida għas-superyachts. Se nfasslu l-viżjoni ta' Malta għall-industrija marittima għall-20 sena li ġejjin.

L-industrija marittima qed tara tkabbir ukoll fejn jidħol tiswijiet ta' vapuri. Tkompliet il-ħidma ta' tindif ta' qiegħ il-baħar fil-portijiet bl-għan li jkun jista' jakkomoda firxa ta' attività aktar wiesgħa fosthom vapuri ta' ċertu daqs. Matul l-aħħar xhur tlesta xogħol tad-dredging bi spiża ta' €7 miljuni. Għas-sena d-dieħla, mistenni li jitkompla aktar xogħol b'valur ta' madwar €6 miljuni.

Se nkomplu bil-ħidma fuq l-estensjoni tal-mollijiet ta' Pinto u Lascaris b'investiment ta' €25 miljun.

Beda wkoll ix-xogħol fuq il-proġett kbir sabiex nibnu faċilità ġdida tal-merkanzija fil-parti ta' Ras Ħanżir qrib Kordin.

Għaddej ġmielu x-xogħol fuq il-proġett ambizzjuż fejn qed ninstallaw sistemi sabiex bastimenti kbar, bħal dawk tal-passiġġieri jew dawk tal-merkanzija jitfu l-magni tagħhom meta jkunu sorġuti fil-portijiet tagħna. Dan il-proġett ser inaqqas it-tniġġis fl-arja u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jgħixu fin-Nofsinhar ta' pajjiżna u madwar il-Port il-Kbir. L-ewwel fażi b'investiment ta' €33 miljun ser tkun lesta sas-sena d-dieħla. Ix-xogħol f'Boiler Wharf, Deep Water Quay, Ras Ħanżir, u Lab Wharf jinstab lest filwaqt li x-xogħol fuq il-mollijiet ta' Pinto 4 u 5 se jitlesta s-sena d-dieħla.

Tnieda wkoll ix-xogħol preparatorju relatat mat-tieni fażi li jikkonsisti fl-installazzjoni ta' sistemi ta' shore-to-ship fin-naħa t'isfel tal-Port il-Kbir ħalli nkomplu ninvestu f'arja aktar nadifa għan-nies li jgħixu fl-inħawi.

## L-avjazzjoni u l-infrastruttura

Fil-qasam tal-avjazzjoni, ir-reġistrazzjoni tal-ajruplani qiegħda dejjem tiżdied b'rata tajba fejn illum għandna mat-856 ajruplan reġistrat hawn Malta. Se nibdew nimplimentaw il-politika ġdida għall-avjazzjoni u l-att dwar in-navigazzjoni tal-ajru.

Wara li matul l-2023, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ħabbar pjan ta' investiment ta' kważi €200 miljun fuq medda ta' ħames snin, il-Gvern ukoll ser ikompli jinvesti u jagħti l-importanza li jistħoqqlu lil dan is-settur ferm importanti.

## Proġetti kapitali oħra fil-Port il-Kbir

Se nkomplu b'aktar proġetti madwar il-kosta tal-Port il-Kbir fejn ser naħdmu fuq ir-riġenerazzjoni tal-Marsa u nkomplu nsebbħu u ntejbu l-aċċessibbilità fl-Isla u l-Kalkara. Għaddej ix-xogħol ġmielu wkoll fiż-żona tal-Port ta' Marsamxett fejn ser inkomplu bir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Indipendenza, ir-restawr ta' Casa Bolino, restawr tal-binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali kif ukoll ix-xogħol fuq il-lift vertikali fejn Peacock Gardens.

## Ferry Landing Sites

Permezz ta' investiment fuq ferry landing sites f'Bormla, Buġibba u Tas-Sliema, il-Gvern qed itejjeb l-aċċessibbilità tas-servizzi

bil-baħar. Ma jonqosx ukoll l-investiment li għamel dan il-Gvern sabiex jibda jopera s-servizz tal-Fast Ferry bi skeda bejn Malta u Għawdex. Dan l-investiment qed juri l-frott għaliex sa nofs din is-sena, mal-255,406 passiġġiera għamlu użu minn dan is-servizz li qed jiffaċilita traġitt bejn Malta u Għawdex mingħajr l-użu tal-karozza.

Din is-sena nbeda x-xogħol fuq il-moll ta' Buġibba bl-għan li tiżdied il-konnettività bil-baħar. B'investiment ta' madwar €14-il miljun ser nibnu breakwater ġdid kif ukoll terminal aċċessibbli għall-pubbliku għall-użu tal-ferry.

## Reklamazzjoni tal-art

Fl-aħħar xhur bdejna nesploraw numru ta' proġetti li mhux biss jirrispettaw u jtejbu l-ambjent iżda jagħtu lil dik iż-żona u fl-aħħar nett lil pajjiżna l-valur miżjud li jixraqlu. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq numru ta' siti fejn flimkien ma' esperti, qed nanalizzaw l-aħjar interventi li jistgħu jsiru sabiex inkunu nistgħu noħorġu bi proposti għal aktar diskussjoni u eventwalment jiskattaw numru ta' applikazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti.

## Gozo Airfield

Il-Gvern qed jaħdem fuq l-iżvilupp tal-Gozo Airfield. Wara l-proċess tal-konsultazzjoni pubblika, qegħdin jiġu ffinalizzati l-istudji bħala parti mill-proċess biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iżvilupp. Permezz ta' dan il-proġett ser inkomplu intejbu l-konnettività ta' Għawdex u niftħu l-bibien għal niċeċ ġodda fosthom l-ittestjar ta' drones u sky diving.

## Agrikoltura, biedja u sajd

Kif wegħedna fil-Manifest Elettorali, dan il-Gvern indirizza l-problemi marbuta mal-liġijiet tal-qbiela sabiex inserrħu moħħ il-bdiewa ħalli jibqgħu jaħdmu l-art, filwaqt li jingħata kumpens xieraq lis-sidien. Issa mmorru għall-parti oħra tar-riforma f'dan il-qasam billi nwaqqfu Aġenzija responsabbli mill-art agrikola, nirreġistraw il-kirjiet agrikoli u nistabbilixxu miżuri għall-ħarsien tar-raba'. Se nibdew il-proċess sabiex nagħtu l-opportunità lil bdiewa żgħażagħ jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji li jgħinuhom jixtru art agrikola. Barra minn hekk, se noħolqu ġustizzja mas-sidien tar-raba' billi nneħħu t-taxxa tas-suċċessjoni fuq art agrikola mikrija jew maħduma mill-bdiewa professjonali.

Se nintroduċu tikketti li jidentifikaw prodotti lokali u jipprovdu traċċabbilità għall-ħaxix, frott u ħut frisk sabiex nippromwovu użu tal-prodotti lokali.

Wasal ukoll iż-żmien li Malta jkollha prodotti Maltin irreġistrati bħala Product Designated of Origin. Bħalma wegħedna, is-sena d-dieħla se naraw l-ewwel prodotti rreġistrati. Sabiex nesponu l-prodott Malti, is-sena d-dieħla se nerġgħu norganizzaw mill-ġdid il-Malta AgriFair.

Sabiex inkomplu nsostnu s-settur agrikolu, kif ukoll inżommu l-prezz tal-ikel bażiku stabbli, bħall-ħobż, is-sena d-dieħla se nkomplu nnaqqsu l-għoli tal-prezzijiet tal-ġwież u d-dqiq. Barra minn hekk, se nkunu qed nallokaw fondi għar-ristrutturar tas-settur tal-ħalib.

Dan il-Gvern jemmen fir-riġenerazzjoni tas-settur tas-sajd billi nattiraw u niffaċilitaw id-dħul ta' sajjieda żgħażagħ f'dan is-settur. Permezz ta' skema se nkunu qed nagħtu inċentivi lis-sajjieda li għandhom aktar minn bastiment wieħed sabiex jimpjegaw magħhom sajjieda żgħażagħ li jkunu jixtiequ jibdew jaħdmu f'dan is-settur. Mis-sena d-dieħla wkoll se nintroduċu strumenti finanzjarji li jkunu aċċessibbli għal sajjieda li jridu jixtru l-ewwel bastiment tagħhom.

Fl-2024 mistennija jibdew l-istudji tekniċi biex jiġu mtejba l-landing sites ta' Ħondoq ir-Rummien u Daħlet Qorrot f'Għawdex. Dan l-investiment ser jara li jiġu rranġati l-faċilitajiet tas-sajjieda, bil-bini mill-ġdid tal-mollijiet u l-islipways kif ukoll l-installazzjoni ta' vinċijiet aktar moderni, effiċjenti u siguri.

Nemmnu li l-kompetittività u l-futur tal-industrija tas-sajd u l-akwakultura jiddependu mill-użu tar-riċerka u l-innovazzjoni. Għalhekk se nkunu qegħdin inwaqqfu Aġenzija li tkun responsabbli mir-riċerka u l-iżvilupp u timplimenta proġetti fl-akwakultura u s-sajd.

Fil-ġimgħat li ġejjin, il-Gvern ser joħroġ sejħa għall-interess sabiex jiġi attirat investiment tal-akwakultura fiż-żona ekonomika esklussiva ta' pajjiżna.

## Drittijiet tal-annimali

Wara li kkonsultajna mal-istakeholders fil-qasam tad-drittijiet tal-annimali, is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nippubblikaw l-istrateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-

annimali, kif ukoll indaħħlu fis-seħħ tibdil leġiżlattiv. Fl-aħħar snin għinna lis-santwarji tal-annimali permezz ta' skemi finanzjarji. Is-sena d-dieħla se nkomplu nsostnu din l-għajnuna, kif ukoll se nibdew ngħinu b' mod dirett f'xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fis-santwarji.

# KAPITLU 6. NINVESTU F'AMBJENT AĦJAR BI ŻVILUPP SOSTENIBBLI

L-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima hija prijorità għal dan il-Gvern. Il-pożizzjoni ambizzjuża u kuraġġuża ta' dan il-Gvern hija li tilħaq in-newtralità tal-klima sal-2050. Biex tgħin f'din it-transizzjoni, se titwaqqaf l-Awtorità għall-Azzjoni fil-Klima (Climate Action Authority).

## Skemi għall-enerġija rinnovabbli

Għas-sena 2024, se jkun hemm numru ta' skemi biex jinċentivaw l-investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex l-enerġija tintuża b'modi aktar effiċjenti. Dawn jinkludu skemi għall-installazzjoni ta' pannelli solari u batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli, l-installazzjonijiet ta' heat pump water heaters u solar water u inċentivi biex bjar ta' djar antiki jiġu restawrati.

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Gvern ser ikompli l-proċess sabiex investituri privati jitfgħu l-offerti għall-iżvilupp ta' installazzjonijiet kbar ta' enerġija rinnovabbli. L-allokazzjoni ta' kapaċità, għal installazzjonijiet ta' bejn l-40kWp u 1MWp hija mistennija li tilħaq l-10MWp, li jissarrfu f'għajnuna ta' madwar €44.8 miljun fuq medda ta' 20 sena. Jekk l-allokazzjonijiet ta' din l-iskema jittieħdu kollha, huwa stmat li din twassal għal ġenerazzjoni ta' elettriku għal madwar 3,650 residenza.

Matul l-2024, se tkun qed toħroġ sejħa għal allokazzjoni ta' sistemi akbar minn 1MWp.

Għat-tisħiħ tal-effiċjenza fil-qasam imprenditorjali, se jkomplu l-energy audits b'xejn għall-intrapriżi żgħar u medji. L-intrapriżi li jidħlu għal dan l-audit u jkomplu jibnu fuq dak li jiġi rrakkomandat lilhom, jiġu ggwidati għal skemi applikabbli.

## Għotja għal tagħmir ta' purifikazzjoni tal-ilma

Barra minn hekk, sabiex inkomplu ngħinu lil familji jnaqqsu l-użu tal-plastik, se tiġġedded l-iskema ta' tagħmir ta' purifikazzjoni tal-ilma għas-sena d-dieħla.

## L-infrastruttura għaċ-Charging Points

Għaddej ix-xogħol biex pajjiżna jkollu 1,200 punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Sal-lum, il-Gvern investa f'372 punt tal-iċċarġjar pubbliku mxerrda f'186 sit madwar Malta u Għawdex. Għaddej ukoll proġett sabiex il-Gvern jinvesti fi pjattaforma diġitali unika nazzjonali, biex il-punti tal-iċċarġjar pubbliċi jkunu amalgamati f'sistema waħda, għal servizz komplut u aħjar.

## Spazji urbani ħodor

Ix-xogħol fuq spazji miftuħa u ħodor huwa mifrux f'diversi entitajiet tal-Gvern. Illum dan hu ċentrali fil-mod kif naħdmu u naraw kif anke proġetti li jkunu telqu għal għan differenti, jinkludu aspetti ta' dan it-tip.

Fl-Imsida, biex nagħti eżempju wieħed, għandna proġett infrastrutturali li se jagħti lil-lokalità pjazza li sal-lum m'għandhiex.

Fil-bidu ta' din is-sena, twaqqfet l-aġenzija Project Green. L-Aġenzija bdiet diversi proġetti fuq skali differenti, bir-riżultat li ġew introdotti jew riġenerati aktar minn 45,000 metru kwadru ta' spazji ħodor. Dawn jinkludu l-ewwel fażi tal-Park tal-Familja f'Bengħajsa, Ġnien iż-Żgħażagħ fil-Gudja, id-Dog Park f'Ħal Safi, il-Green Campus f'Milbrae Grove l-Mosta, l-estensjoni tal-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar u r-riġenerazzjoni ta' Ġnien Spencer, fost oħrajn.

Wara t-tnedija tal-grant b'valur ta' €10 miljuni għat-tħaddir fil-komunità, bħalissa għaddejja l-evalwazzjoni, sabiex jibda x-xogħol f'Santa Venera, l-Imtarfa, il-Mosta, il-Mellieħa, Ħal Għaxaq, Għajnsielem, l-Imsida, San Pawl il-Baħar, Marsaxlokk, il-Gżira, il-Għargħur, il-Birgu, Raħal Ġdid, iż-Żurrieq, il-Pietà u Birkirkara. Flimkien, se nkunu qed nirriġeneraw mat-80,000 metru kwadru, b'aktar minn 5,000 siġra li se jkunu qed jitħawlu.

Għaddejja wkoll il-ħidma preparatorja fuq proġetti ta' skala akbar, bħalma huma l-proġetti tas-Siċċa, il-Proġett ta' Bormla u l-Proġett ta' Vjal ir-Riħan f'San Ġwann. Hawn ukoll ikkonsultajna mal-komunità.

Fis-snin li ġejjin mistennija jitwettqu proġetti addizzjonali, bħal fis-Serenity Gardens, Santa Luċija, u fil-Park tal-Familja ta' Sant'Antnin f'Marsaskala.

F'Ta' Qali baqa' u se jibqa' għaddej ix-xogħol fuq il-park nazzjonali u l-familji li jgawduh jistgħu jaraw id-differenza. Se nkomplu ninvestu fih.

Bħalma se ninvestu fi proġetti oħra bħal dak li qed tmexxi Heritage Malta fil-Kalkara, fejn Villa Portelli wkoll se tiftaħ il-bibien biex fost oħrajn tagħti spazju miftuħ ieħor lin-nies biex igawduh.

## Il-konservazzjoni ambjentali

Għaddej ix-xogħol dedikat għall-konservazzjoni tal-widien, b'enfasi fuq l-ilqugħ, digi u strutturi, rijabilitazzjoni tal-habitat, tneħħija ta' sediment, u ħolqien ta' passaġġi għall-mixi b'sinjali edukattivi.

B'kollaborazzjoni bejn Ambjent Malta u Heritage Malta, ser jibdew xogħlijiet u jkomplu matul is-sena d-dieħla relatati mar-restawr u rikostruzzjoni ta' iktar minn 6,000 metri kubi ta' ħitan tas-sejjieħ ġewwa żona ta' protezzjoni tas-siġar li tinsab fil-Bidnija.

## Tkomplew ix-xogħlijiet ta' żbir u tindif ġewwa l-Victoria Lines.

Il-Gvern se jkun qed jinvesti fi proġett ta' restawr u rijabilitazzjoni ta' strutturi dilapidati li jmorru lura għall-epoka Ingliża. Hu maħsub li dan is-sit ġewwa l-Marfa se jinbidel f'Visitors' Centre u se jiġi żviluppat f'belvedere.

Wara t-tlestija tax-xogħlijiet fl-inħawi tal-Ħamri, fix-Xewkija tkomplew ix-xogħlijiet f'tal-Barmil fl-istess raħal fejn qiegħed isir xogħol ta' tisbiħ b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

Fl-2023, ġew ikkummissjonati studji ġeoloġiċi biex tiġi kkonsolidata l-faċċata tal-irdum li tinsab biswit il-Kappella

tal-Lunzjata f'Ta' Kerċem. Dan l-intervent jagħmel parti minn proġett ambizzjuż biex jiġi rijabilitat dan il-post ta' valur storiku u ekoloġiku għoli, kif ukoll jiġi stabbilit spazju miftuħ ieħor għar-residenti Ta' Kerċem u r-Rabat Għawdex.

## Trasport pubbliku, sostenibbli, attiv u alternattiv

Il-Gvern għaddej bir-reviżjoni tal-Masterplan għat-Trasport li se jkopri l-investimenti u l-miżuri meħtieġa sabiex tkun realizzata l-viżjoni tal-Gvern għal dan il-qasam sal-2030.

Din is-sena ħabbarna li se nibdew naħdmu fuq proġett b'investiment ta' €35 miljun fuq medda ta' ħames snin fejn se noħolqu passaġġi għar-roti kif ukoll passaġġi pedonali u żoni ta' tisbiħ f'żoni urbani. Għaddej ix-xogħol fuq l-abbozz tat-tender tal-ewwel fażi li mistenni jkun lest sal-aħħar tas-sena.

Għamilna konsultazzjoni mal-istakeholders biex naslu għal miżuri li jnaqqsu t-traffiku fir-rush hour. Qegħdin niffinalizzaw il-pjan biex numru ta' servizzi fit-toroq tagħna ma jingħatawx qabel id-9:00 ta' filgħodu.

## Inkomplu ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jħammġu anqas

Sur President, bi pjaċir ngħid li sal-lum, l-ammont ta' vetturi reġistrati li jaħdmu bl-elettriku jew plug-in hybrid jeċċedi t-13,000 vettura.

L-iskemi għax-xiri ta' vetturi ġodda, inkluż muturi, li jaħdmu bl-elettriku ser jiġu estiżi, kif ukoll l-għotja għall-iskrappjar ta' vetturi

antiki, l-iskema li tinċentiva x-xiri ta' roti u pedelecs elettriċi u l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gas minflok bil-petrol. L-iskema għall-vetturi (bħal Taxis) li jkunu aċċessibbli b'wheelchair u li jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri bil-kiri jew b'kumpens ser tiġġedded ukoll.

Ser nagħtu għall-ewwel darba għajnuna finanzjarja għal min jixtri ekick scooter personali u li għalhekk iċ-ċans hu li jużah b'għaqal u b'rispett lejn ħaddieħor.

Vetturi elettriċi u dawk plug-in hybrid b'awtonomija elettrika ta' 50km jew iktar ser jibqgħu eżentati mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenti mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta' 5 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

Se jkunu estiżi wkoll l-iskemi għall-vetturi li fuqhom jiġu installati l-pannelli fotovoltajċi, dawk li jiżdidulhom il-filtru tal-partikuli tad-diżil (DPF) u s-sistemi ta' tnaqqis katalitiku selettiv (SCR) u anke dawk li jinqelbu minn vetturi ICE għal vetturi elettriċi.

## Sfidi u soluzzjonijiet

Huwa evidenti li l-konġestjoni tat-traffiku u l-użu tal-karozza privata huma żewġ sfidi ewlenin li għandu quddiemu l-pajjiż. Għalhekk qegħdin ninvestu f'numru ta' mezzi differenti ta' trasport sabiex ikun hemm għażla kif wieħed jasal minn post għall-ieħor.

Is-sena d-dieħla ser isir studju u potenzjalment implimentazzjoni sa mis-sena d-dieħla għal żoni ġodda ta' parkeġġ f'mudell ta'

public-private partnerships li jkunu jinkludu magħhom servizzi għall-komunità bil-għan li tali servizzi jiġu ċċentralizzati f'hubs u li jservu bħala destinazzjoni waħda.

Se tiġi esplorata l-possibilità ta' żoni ta' park and ride għall-istudenti tal-Università bi qbil mal-Kunsill Studenti Universitarji.

Se jibda wkoll studju u eventwalment konsultazzjoni pubblika bil-għan aħħari jkun li niffaċilitaw u nsaħħu l-mobilità lejn il-Belt Valletta.

Sena ilu daħħalna trasport pubbliku b'xejn lil kull min għandu tallinja card. Matul l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, kien hemm madwar 428,000 li bbenefikaw minn dan is-servizz li jissarraf f'aktar minn 51.5 miljun vjaġġ. Ser issir analiżi tal-impatt ta' din l-iskema, u se jkun qed isir studju dwar kif nistgħu nkomplu ntejbu s-servizz.

Għadna kemm varajna mat-30 vettura elettrika ġdida li żdiedet mal-flotta tat-trasport pubbliku biex naqdu dawk ir-rotot fejn hemm l-aktar bżonn. Qegħdin nistudjaw ukoll partijiet min-netwerk fejn jista' jkun hemm priority lanes għal karozzi tal-linja sabiex innaqqsu l-ħin tat-traġitt u niżguraw aktar effiċjenza fis-servizz.

## Żvilupp sostenibbli

L-introduzzjoni tal-Liċenzjar tal-Kuntratturi li qed issir din is-sena, se tkun qed tiġi segwita b'aktar inizjattivi biex tiġi sostnuta aktar responsabbiltà, aktar serjetà u kwalità ogħla fis-settur tal-

kostruzzjoni. Se tkompli l-ħidma biex, jitkomplew jiġu introdotti skill cards għal min jaħdem f'dan is-settur filwaqt li mistenni jitkompla x-xogħol biex jibdew jiġu introdotti l-kodiċi tal-bini f'pajjiżna.

Fil-qasam tal-ippjanar qed naħdmu sabiex naslu għal reviżjoni ta' policies marbuta mal-estetika f'pajjiżna. Din ir-reviżjoni għandha l-għan li jiġu promossi prattiċi tajba, jiġu mħarsa streetscapes u l-aspett tal-estetika jkun aktar integrat fil-proċess tal-ippjanar.

Għawdex se jingħata attenzjoni partikolari bil-għan li jitwettqu inizjattivi fid-dawl tal-istrateġija li ġiet imħabbra għal Għawdex.

Qed nimplimentaw ukoll il-wegħda li nserrħu ras kulħadd darba għal dejjem li Ħondoq ir-Rummien, fil-Qala Għawdex, jibqa' fl-istat naturali tiegħu.

Ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali fiż-żona magħrufa bħala Inner Harbour Region se sservi għal pjan ta' riġenerazzjoni li jagħti ħajja ġdida li din iż-żona b'tant potenzjal.

It-tħejjijiet dwar l-iStrategic Plan for the Environment and Development (SPED) komplew għaddejjin matul din is-sena u huwa mistenni li dan il-proċess ikun finalizzat matul is-sena d-dieħla. L-Awtorità ħa tkun qed toħroġ għal konsultazzjoni pubblika, l-istudji li saru għal dan id-dokument strateġiku li huwa l-pjan ta' pajjiżna għall-qasam tal-iżvilupp għas-snin li ġejjin.

## Kontinwazzjoni tal-inċentivi fiskali għal proprjetà isbaħ

Is-sena d-dieħla se jkomplu l-inċentivi fiskali għal dawk il-persuni li qed jixtru jew ibigħu proprjetà li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u ilha vakanti għal aktar minn 7 snin jew proprjetà li tinsab f'żona ta' UCA. B'hekk dawn se jibqgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni tat-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-Boll b'mod komplut fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà u jiffrankaw VAT sa massimu ta' €54,000 fuq l-ewwel €300,000 fi spejjeż ta' restawr u rfinar. Il-first-time buyers jieħdu għotja ta' €15,000 f'Malta u kif diġà semmejt €40,000 f'Għawdex.

## Restawr tad-djar

Għal darb'oħra, ser jerġgħu joħorġu l-iskemi biex l-Awtorità tagħti għajnuna finarzjarja biex wieħed jirrestawra l-faċċati u anke l-proprjetajiet li għandhom ċertu valur biex b'hekk inkunu qed nippriservaw dak il-bini li għandu ċertu valur.

Id-diskussjoni li għaddejja dwar is-sistema tal-appelli minn permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għandha twassal għal riforma li tibda titħaddem matul is-sena d-dieħla.

## L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà

Irridu nsaħħu l-ħidma b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk se nressqu abbozz ta' liġi biex jagħti qafas legali ġdid lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-investiment fir-riżorsi ta' din l-Awtorità se jkompli jissaħħaħ b'investiment kemm fir-riżorsa umana kif ukoll f'sistemi aġġornati tal-informatika.

## Tibdil fl-Att li jirregola l-kondominji

Is-sena d-dieħla ser issir ukoll ħidma biex is-settur tal-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà f'Malta jopera b'mod iktar serju b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-liċenzjar ta' aġenti li joperaw f'dan l-istess settur. Għadha kif tnediet konsultazzjoni pubblika dwar tibdil għall-qafas regolatorju li jirregola s-settur tal-kondominji u fis-sena li ġejja rridu naraw tibdil fl-Att li jirregola l-kondominji.

# KAPITLU 7. NINVESTU F’PAJJIŻ ĠUST, SIGUR U UGWALI

## Lejn ġustizzja effiċjenti

Matul din is-sena ssoktat il-ħidma fuq diversi riformi leġiżlattivi bil-għan li nassiguraw li l-liġijiet ta’ pajjiżna u kif ukoll il-proċeduri adottati fis-settur tal-ġustizzja jirriflettu l-bżonnijiet tas-soċjetà tal-lum u jindirizzaw l-isfida tal-effiċjenza.

Din il-ħidma kienet ikkumplimentata minn investiment bla preċedent fir-riżorsi umani u fl-infrastruttura kemm dik diġitali, kif ukoll dik tal-bini. Il-Korp tal-Ġudikatura, li llum huwa l-akbar wieħed fl-istorja, sal-aħħar ta’ din is-sena se jkun qiegħed ikompli jissaħħaħ b’total ta’ 5 Imħallfin u 6 Maġistrati ġodda. Komplejna ninvestu fl-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali fejn f’dan tal-aħħar, fl-aħħar sena żied in-numru ta’ prosekuturi fi ħdanu bi 13.

F’dak li għandu x’jaqsam ma’ infrastruttura, matul is-sena mhux biss żidna Awla oħra fil-Qorti tal-Familja, imma rajna wkoll kif inkomplu nimmassimizzaw l-ispazju fil-binja tal-Qorti prinċipali b’uffiċini ġodda, kemm għall-membri tal-ġudikatura, kif ukoll għall-ħaddiema li jassistuhom f’xogħolhom u l-professjonisti fis-settur. Dan ix-xogħol se jkun qiegħed iwassal biex ikollna Awla oħra tal-Ġurijiet għad-dispożizzjoni tal-Ġudikanti, flimkien mal-bidu tax-xogħol fuq binja ġdida intiża li tinkludi numru ta’ Awli fis-settur tal-Kriminal.

Fiż-żmien li ġej is-settur tal-ġustizzja se jkompli jesperjenza riformi sostanzjali. Dan anke wara li l-Gvern iffinalizza l-proċess

ta’ konsultazzjoni pubblika marbut mal-proċedura tal-kumpilazzjonijiet u r-rinviji u issa jmiss il-proċess leġiżlattiv.

Riforma importanti oħra hija dik fl-inkjesti maġisterjali, bis-sejħa għal maġistrati ġodda biex iservu għal dan il-għan, u anke bil-ħidma li qed issir biex fiż-żmien li ġej issir konsultazzjoni pubblika għal riforma ħolistika f’dan is-settur. Bl-istess mod se nkunu qed nimxu f’setturi oħrajn inkluż dak importanti ħafna marbut mal-familja biex nassiguraw li kemm jista’ jkun ikollna liġijiet u proċeduri li jirriflettu r-realtajiet tal-lum.

Qed inħarsu ’l quddiem għall-ħolqien tal-Qorti Kummerċjali. Din il-ħidma lejn aktar speċjalizzazzjoni bdiet titwettaq mhux biss bit-tħejjija għall-aspett leġiżlattiv, imma wkoll bl-assenjazzjoni ta’ mħallef ieħor biex jittratta dan is-suġġett. Dan kollu jgħaqqad flimkien xogħol relatat mal-infrastruttura neċessarja biex tassew ikollna qorti kummerċjali speċjalizzata.

## Sigurtà

Is-sigurtà tibqa’ pilastru ewlieni fil-ħidma li ta’ kuljum titwettaq fil-qalba tal-komunità. Dan huwa l-Gvern li emmen bis-sħiħ fil-ħaddiema li jservu s-setturi tas-sigurtà, u għamel investiment fihom bla preċedent permezz mhux biss ta’ kundizzjonijiet aħjar, iżda wkoll ta’ drittijiet ġodda.

## Korp tal-Pulizija

Matul din is-sena, il-Korp tal-Pulizija kompla jġib riżultati importanti, b’mod speċjali kontra l-kriminalità organizzata.

Filwaqt li jibqa' jiffoka aktar fuq intelligence-led policing, fil-Korp tal-Pulizija ser naħdmu fuq l-introduzzjoni ta' rwol ġdid ta' Police Patrol and Community Support Officer (PCSO). L-irwol tal-PCSO's ser ikun ta' highly visible patrols kontinwi primarjament f'żoni l-aktar ta' sfida, jieħdu azzjoni fejn hemm bżonn skont il-liġi li tkun tirregolahom u jiġbru informazzjoni, filwaqt li jservu ta' link bejn il-pubbliku inkluż in-neighbourhood watch, il-Pulizija u msieħba strateġiċi oħrajn.

Is-servizz tal-Pulizija tal-Komunità li issa nfirex mal-maġġorparti tal-pajjiż, ser ikun qed jopera mal-pajjiż kollu.

Roads Policing ser tkun skwadra speċjalizzata ġdida fil-Korp tal-Pulizija, iffukata sabiex tassisti fis-sigurtà tat-toroq tagħna. Din l-iskwadra ser tassisti wkoll sabiex, wara li jsiru l-emendi legali meħtieġa, jitnaqqas id-dewmien tal-ftuħ mill-ġdid tat-toroq wara xi inċident tat-traffiku.

## Forzi Armati ta' Malta

Fl-2024 se jissokta l-investiment biex is-suldati jkollhom għodod moderni u tal-ogħla livell li jkunu jistgħu jaħdmu bihom, flimkien mat-tisħiħ fil-kundizzjonijiet tax-xogħol.

B'investiment massiv, ser jibda jopera b'mod sħiħ iċ-Ċentru Operattiv ġdid fil-Bażi Militari ta' Ħal Luqa, liema binja se tkun tista' topera f'kull eventwalità hekk kif hija wkoll anti-sismika. Ser jibda jopera wkoll il-Hangar għall-flotta tal-ajru tal-Forzi Armati ta' Malta ġewwa l-ajruport. Dawn iż-żewġ proġetti bejniethom

jammontaw għal investiment ta' madwar €12-il miljun filwaqt li huma l-ewwel tax-xorta tagħhom fis-setturi tal-Forzi Armati.

Wara l-investiment fl-ikbar lanċa li qatt kellha l-Forzi Armati ta' Malta - OPV P71, b'nefqa kofinanzjata minn fondi Ewropej ta' €53 miljun, ser jibda x-xogħol biex issa tkun imsaħħa l-iskwadra tal-ajru.

## Sistemi korrettivi

Tkompla r-rinnovar tal-binjiet eżistenti, kif ukoll miexi x-xogħol fil-binja l-ġdida li se sservi bħala l-ewwel ċentru rijabilitattiv tax-xorta tiegħu f'pajjiżna.

Fi sħubija ma' msieħba li jaħdmu fis-setturi rijabilitattivi tal-priġunieri, prinċiparjament l-organizzazzjonijiet RISE u mid-Dlam għad-Dawl, il-Gvern se jkompli jassisti fl-investiment sabiex jinfetħu żewġ half way houses oħra, sabiex hekk kif tkun skontata sentenza ta' priġunerija, tkun faċilitata r-riintegrazzjoni lura fis-soċjetà.

## Protezzjoni Ċivili

Matul is-sena li ġejja ser tissokta l-ħidma sabiex isir investiment f'żewġ fire engines industrijali, żewġ vetturi Hazmat bi trailer kull wieħed li jintuża f'każi ta' inċidenti kbar ta' kimika, materjal radjuattiv, jew ta' periklu bijoloġiku, kif ukoll erba' fire engines domestiċi għal nirien fi djar jew uffiċini. Dan minbarra li beda l-proċess biex jinxtraw għaxar vetturi żgħar biex ikomplu jgħinu fi grass fires li qed ikunu ta' intensità akbar kawża tat-tibdil fil-

klima. Bdiet il-ħidma fuq vetturi ta' kontra t-tifi tan-nar f'vetturi elettriċi.

Se jibqa' għaddej ix-xogħol ukoll fl-irrinnovar tal-istazzjonijiet u l-bini ta' stazzjonijiet ġodda, filwaqt li ser tkompli tissaħħaħ ir-riżorsa umana fil-Protezzjoni Ċivili.

## Sigurtà megħjuna mit-teknoloġija

L-Aġenzija LESA ser tinvesti fi proġetti teknoloġiċi, inkluż bl-użu ta' cameras imqabbdin mal-control room tal-aġenzija u l-Korp tal-Pulizija, sabiex iservu mhux biss ta' deterrent iżda wkoll ta' azzjoni kontra l-abbuż u l-azzjonijiet kriminali. L-ewwel proġetti ser ikunu fil-lokalitajiet ta' San Ġiljan (inkluż Paceville), San Pawl il-Baħar (inkluż Buġibba u l-Qawra), il-Marsa u Raħal Ġdid.

## Vittmi tal-kriminalità

Din is-sena kompliet tkun imsaħħa l-Victim Support Agency, bl-irwol li sservi bħala punt ewlieni ta' riferiment għall-vittmi tal-kriminalità. Fl-ewwel ftit snin mit-twaqqif riċenti, din l-Aġenzija assistiet 'il fuq minn 3,000 vittma tal-kriminalità.

Fl-aħħar sena, bit-twaqqif taċ-ċentri reġjonali f'Santa Luċija, il-Qawra u fix-Xewkija, l-aġenzija setgħet tkompli tkun viċin il-vittmi u minn dawn iċ-ċentri sar mat-300 intervent ta' sapport.

Is-servizz kompla jersaq iżjed qrib in-nies bl-introduzzjoni tal-linja nazzjonali tas-Sapport 116 006 għall-vittmi tal-kriminalità.

Matul is-sena li ġejja, ser naraw li din il-linja tkun estiża għal 24 siegħa kuljum.

## Moniteraġġ elettroniku u riformi fil-ġustizzja riparattiva

Fis-sena 2024 se tkun qed issir riforma fil-ġustizzja riparattiva, kif ukoll fl-oqsma tal-probation u l-parole, bl-għan li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-vittmi u li jitkissru ċ-ċrieki tal-kriminalità.

Se tkompli għaddejja l-ħidma biex tidħol fis-seħħ il-liġi l-ġdida tal-Moniteraġġ Elettroniku, filwaqt li jkun konkluż il-proċess miftuħ ta' xiri tal-apparat li jħaddem din il-liġi.

## Sostnuta l-ġlieda kontra l-pjaga soċjali tal-vjolenza domestika

Fl-aħħar xhur beda jopera s-servizz ta' prevenzjoni għal persuni f'riskju ta' Vjolenza Domestika, fejn dawn il-persuni għandhom il-possibbiltà li jiksbu informazzjoni jekk is-sieħeb jew sieħba tal-persuna ta' interess kinux instabu ħatja ta' Vjolenza Domestika.

Kompliet tissaħħaħ l-iskwadra tal-vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru tal-Korp tal-Pulizija, u fiż-żmien li ġej ser jibda jopera l-ewwel ċentru li jinkludi uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija u professjonisti oħra f'Santa Luċija, filwaqt li jkompli x-xogħol fuq ċentru ieħor fit-Tramuntana tal-pajjiż.

Ser tkun introdotta għodda ġdida li tintuża minn persuni li possibbilment ikunu vittmi ta' vjolenza domestika. Dan ikun fil-forma ta' panic alarms, apparat teknoloġiku li jinżamm fuq il-

persuna, li immedjatament kif ikun magħfus jaqbad direttament mas-sistema ta’ emerġenza ċentrali tal-Korp tal-Pulizija, u b’hekk tkun tista’ tingħata informazzjoni immedjata, li tkun segwita permezz ta’ azzjoni immedjata.

## Immigrazzjoni

Pajjiżna jipprattika politika ta′ immigrazzjoni ġusta u sodisfatti li llum l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra jitkellmu fuq il-ħtieġa ta’ politika li fl-immigrazzjoni illegali tkun ibbażata fuq il-pilastri tal-prevenzjoni, ir-ritorn u r-rilokazzjoni.

Nemmnu li biex wieħed jgħix f’pajjiżna jrid jagħmel dan b’mod legali u skont ir-regoli ta’ pajjiżna. Il-kontroll għandu jkun dejjem f’idejn l-awtoritajiet Maltin.

Aħna nemmnu fid-dinjità ta’ kulħadd. Iżda, nemmnu wkoll li kulħadd irid jirrispetta s-soċjetà tagħna. Fejn sibna min dan m’għamlux ma ddejjaqniex ninforzaw u nirritornaw lejn il-pajjiżi tal-oriġinu mijiet ta’ persuni.

Din il-ħidma se tibqa’ tkun sostnuta anke fil-qalba tal-komunitajiet tagħna kif sar fl-aħħar xhur. Ix-xogħol se jibqa’ jkun koordinat mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni, bl-assistenza tas-Servizzi tad-Detenzjoni, Identità u entitajiet oħra tal-infurzar.

## Ħaddiema barranin

Nifhmu li hawn setturi li jirrikjedu l-użu ta’ ħaddiema barranin.

Imma se nħaddmu sistemi li dawn jiġu fejn tassew hemm bżonn u jiġu biss dawk li verament bżonjużi. Qed isir sforz biex jittejbu l-ħiliet ta' dawn il-ħaddiema.

Hawn ukoll il-punt ta' tluq irid ikun wieħed b'saħħtu kontra l-isfruttament, u l-ħtieġa li s-soċjetà tagħna tħares l-interess tal-ħafna u mhux tal-ftit.

F'dan il-kuntest qed naraw li permess għal tiġdid ta' single work permit u permess ta' ħaddiem ġdid minn barra jkollhom ħlas differenti. Jiġifieri permess għall-ħaddiema ġodda se jkun ogħla minn tiġdid.

## Regolarizzar u trasparenza

Fix-xhur li ġejjin, ser naraw li jiġu rregolati dawk li jissejħu outsourcing u temping agencies. Bħala parti minn din il-miżura, dawn l-aġenziji se jiġu liċenzjati, b'dawk li ma jkollhomx liċenzja ma jkunux jistgħu jġibu aktar ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, il-ħaddiema ta' dawn l-aġenziji li ser ikunu ppostjati ma' negozji oħrajn, ser jitħallsu daqs il-ħaddiema l-oħrajn li jagħmlu l-istess xogħol li jkunu ingaġġjati mal-istess negozji abbażi ta' paga bażika, u bonuses statutorji, fost l-oħrajn.

Apparti hekk, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, qed jiġu ppreparati regolamenti biex kull ħaddiem jibda jirċievi s-salarju tiegħu f'kont bankarju. Din il-miżura hija maħsuba sabiex tnaqqas ir-riskju ta' sfruttament filwaqt li żżid il-kontabilità u t-trasparenza ta' min iħaddem. Fl-istess waqt ser inkunu qegħdin

naraw li niddiskutu u ndaħħlu regolamenti biex kull impjegat ikun jaf il-pay bracket tiegħu.

## Wage Regulation Orders

Matul din is-sena, kompla x-xogħol fir-rigward tal-Wage Regulation Orders, fejn flimkien mal-imsieħba soċjali qed isir studju biex issir reviżjoni u armonizzazzjoni tal-istess WROs. Ix-xogħol ser ikompli matul din is-sena, bl-għan ikun li jitneħħew l-anomaliji li ilhom is-snin jeżistu rigward intitolamenti bħal leave għal mard, fost oħrajn.

## Drittijiet tal-Bniedem

Dan il-Gvern kompla jaħdem sabiex niżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jibqgħu dejjem jissaħħu. Din is-sena beda l-implimentazzjoni tal-ewwel Strateġija u Pjan ta' Azzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u gender mainstreaming. Din is-sena, Malta organizzat b'suċċess l-EuroPride u ġiet imnedija wkoll it-tielet Strateġija dwar LGBTIQ+, li ser twassal sal-2027. Kburi li Malta kklassifikat fl-ewwel post fl-Indiċi ta' ILGA tal-Ewropa għal tmien snin konsekuttivi u se tkompli taħdem biex iżżomm din il-pożizzjoni.

## Il-Gvern Lokali

Is-sena 2024 ser tkun waħda sinifikanti fil-qasam tal-Gvern Lokali għal diversi raġunijiet prinċipali, fosthom: it-tkomplija tat-twettiq tal-Viżjoni Strateġika għall-Gvern Lokali; l-Elezzjonijiet Lokali; it-twettiq tal-Miżura Elettorali li permezz tagħha nirrispettaw l-għażla tal-elettorat anke jekk ikun għażel Sindku ta' bejn is-

sittax u t-tmintax-il sena; l-użu ta' applikazzjonijiet li jkunu fuq pjattaforma diġitali komuni; u t-tisħiħ tal-Unit tat-Taħriġ fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u t-tisħiħ tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali maċ-Ċentru ta' Eċċellenza tal-Kunsill tal-Ewropa.

## Servizz Pubbliku

Dan il-Gvern jemmen f'Servizz Pubbliku effiċjenti, viċin in-nies u li jilħaq l-aspettattivi dejjem jogħlew tal-klijenti tiegħu.

Huwa għalhekk li għal darba'oħra se nsostnu lis-Servizz Pubbliku f'numru ta' inizjattivi fosthom dak li għandu x'jaqsam ma' taħriġ tal-uffiċjali pubbliċi, skemi ta' traineeship, u inizjattivi ta' well being. Fuq kollox qed nerġgħu naffermaw investiment b'saħħtu fl-aġenzija ewlenija servizz.gov kif ukoll voti b'saħħithom f'inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni, il-MITA, u teknoloġiji emerġenti.

## Politika barranija effettiva

L-aħħar xhur kienu xhieda qawwija ta' kemm Malta għandha politika barranija b'saħħitha u kredibbli.

Nibqgħu nemmnu fil-paċi u fil-Mediterran.

Għalhekk din is-sena ġew Malta kontinwament Ministri minn disa' pajjiżi Mediterranji jiddiskutu fost l-iktar temi importanti, bil-qofol jintlaħaq meta taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru tagħna ġew flimkien Prim Ministri mid-disa' pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li jmissu mal-Mediterran sabiex il-vuċi tal-pajjiżi tal-Mediterran tkun waħda koordinata tul il-laqgħat li jsiru fuq livell Ewropew.

Sa fl-aħħar jiem Malta reġgħet intgħażlet biex torganizza u tilqa' taħditiet importanti ħafna dwar il-paċi fid-dinja u għalhekk kif jikkonfermaw il-laqgħat ta' livell għoli li qed isiru f'pajjiżna, Malta llum hija meqjusa b'mod pożittiv ħafna fil-qasam internazzjonali, u ser nkomplu nseddqu din ir-reputazzjoni fis-snin li ġejjin.

## Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda

Fi Frar li għadda Malta presediet fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda b'mod ammirevoli tant li l-ħidma mwettqa kisbet l-ammirazzjoni ta' bosta pajjiżi, kif ukoll tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda. Malta se tibqa' tokkupa dan l-irwol sa Diċembru tas-sena d-dieħla u matul ix-xahar ta' April li ġej se tkun qed terġa' tippresiedi fuq dan il-Kunsill.

# KAPITLU 8. NINVESTU FIL-WIRT KULTURALI, L-ARTI U L-ISPORT

Il-Gvern jemmen li l-investiment fil-kultura u l-patrimonju tagħna mhux biss jissalvagwardja l-identità nazzjonali tagħna u jippreserva l-istorja u t-tradizzjonijiet għall-ġenerazzjonijiet futuri iżda jsawwar fina l-għaqda.

## Is-Settur kulturali u kreattiv

Sabiex inkomplu nsaħħu s-settur kulturali u kreattiv, permezz tal-Kunsill Malti għall-Arti, se jitniedu skemi ġodda għas-sena 2024, li jinkludu l-Iskema tal-Apprendistat u l-Programm għall-Kooperazzjoni Reġjonali Kulturali.

Fl-aħħar xhur tkompla x-xogħol ta' restawr fil-Palazz tal-Gran Mastru. Fit-totalità tiegħu, dan ir-restawr hu stmat li se jiswa aktar minn €30 miljun. Kompla x-xogħol ta' rinnovar ta' Villa Gwardamanġa, matul din is-sena, filwaqt li għaddejjin fl-aqwa tagħhom it-tħejjijiet fuq il-Biennale ta' Malta, avveniment, li ser jittella' bejn Marzu u Mejju 2024, taħt il-patrunaġġ tal-UNESCO.

Il-Valletta Design Cluster is-sena d-dieħla se tniedi programm ġdid ta' residenza ġdid għad-disinjaturi u r-riċerkaturi biex ikomplu jesploraw soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi urbani.

Billi Għar Gerduf f'Għawdex jinsab fi stat ħażin ħafna ta' preservazzjoni u f'riskju ta' kollass strutturali, hemm bżonn li jsiru interventi mill-aktar fis possibbli. Għalhekk inħarġet tender ħalli jsir studju ġeoloġiku. Bħalissa għaddej studju ġeoloġiku ieħor dwar is-swar taċ-Ċittadella, u beda xogħol ta' manutenzjoni

u restawr tal-ħitan ta' barra li jdawru ċ-Ċentru Kulturali taċ-Ċittadella.

Se tkompli l-ħidma fuq ir-restawr tat-Teatru Manoel, il-MICAS u l-Mużew ta' Għawdex, ir-restawr ta' knejjes u parroċċi u r-restawr fl-akkwati tal-Linji tal-Kottonera u ta' Santa Margherita. Se jingħata bidu wkoll għar-restawr tal-Batterija ta' Vendomme ġewwa Marsaxlokk.

## Sport

Jekk kien hemm sena sabiħa għall-isport kienet din li qegħdin fiha meta rbaħna l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Għax investejna fl-atleti daqskemm investejna fl-infrastruttura. L-investiment f'dawn l-oqsma se jkompli.

Fil-qasam sportiv, matul din is-sena kien hemm ir-rinnovar meħtieġ f'diversi faċilitajiet sportivi u ġie finalizzat ix-xogħol fuq il-korsa tal-Atletika u l-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet estensivi fuq l-ikbar ċentru sportiv f'Għawdex, iċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv fir-Rabat, għaddejjin b'ritmu mgħaġġel u dan il-proġett wasal fl-aħħar fażi tiegħu.

Il-Partit Laburista fil-Gvern minn dejjem ta prijorità lis-settur tal-isports u l-attività sportiva f'pajjiżna. F'Budgets preċedenti naqqasna l-VAT fuq attivitajiet sportivi, inkluż gym memberships, fitness centres, football nurseries u attivatijiet oħra minn 18% għal 7%. Naqqasna wkoll ir-rata ta' taxxa għall-plejers, kowċis liċenzjati u atleti għal 7.5%.

Sur President, aħna nixtiequ nħeġġu aktar nies jagħżlu karriera fl-isport u allura ser nestendu r-rata ta' taxxa fuq id-dħul ta' 7.5%, li bħalissa tapplika għal plejers, kowċis u atleti, għal aktar persuni impjegati f'attivitajiet sportivi.

## Proġetti kapitali fl-isport

Is-sena d-dieħla, se nkomplu naraw iktar faċilitajiet ta' kwalità li jagħtu spinta oħra 'l quddiem f'dan il-qasam. Għalhekk, se naraw li tibda l-ewwel fażi tax-xogħol ta' preparazzjoni tal-Marsascala Waterpolo Pitch. Apparti minn hekk, se naraw ukoll li jibda l-ewwel xogħol preparatorju biex ikollna Indoor Shooting Range li tkompli tikkumplimenta l-faċilitajiet tax-Shooting Range eżistenti.

Ix-xogħol biex pajjiżna jkollu trakka tal-karozzi baqa' għaddej, fejn mhux biss komplew il-proċessi tal-ippjanar, iżda saret ukoll ir-rilokazzjoni ta' ċerti attivitajiet bil-għan li meta jkun hemm il-permessi approvati, ix-xogħol ikun jista' jibda minnufih.

Permezz tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti se naraw li jingħataw korsijiet f'livelli differenti li għandhom iżidu l-professjonalità fil-coaching u t-tmexxija tal-klabbs. Se jitwaqqaf ukoll tribunal nazzjonali indipendenti biex jipprovdi riżoluzzjonijiet f'waqthom għal tilwim dwar kwistjonijiet relatati mal-isports. Ser jitħarrġu wkoll professjonisti legali bħala medjaturi u arbitri fis-settur tal-isports.

## Konklużjoni

Dan il-pajjiż huwa l-iktar pajjiż li għen u pproteġa lill-poplu tiegħu fl-enerġija.

Għalhekk Malta Ġusta.

B'Ewropa sħiħa togħtor taħt il-prezzijiet għoljin tad-dawl, aħna konna hemm u għadna b'saħħitna.

Kien hawn ħafna li xtaqu li llum niġi u ngħidilkom se ngħollu t-taxxi jew il-kontijiet tad-dawl, jew li se nnaqqsu l-ispiża tas-saħħa jew tal-edukazzjoni. Imma dan ma ġarax.

Ma kien hemm l-ebda pajjiż li għen lill-poplu tiegħu daqskemm dan il-Gvern għen lill-poplu Malti u Għawdxi.

U mhux talli hekk.

Pajjiżi oħra għenu inqas minna u kellhom jaqtgħu l-investiment fl-ekonomija tagħhom b'għexieren ta' biljuni biex ipattu ta' din in-nefqa.

Konsegwenza ta' hekk l-ekonomija tistaġna.

Mhux kumbinazzjoni li hemm pajjiżi li għandhom kontijiet tal-enerġija ogħla u għandhom l-inqas rata ta' tkabbir għas-sena d-dieħla.

Mela ħaddieħor għen inqas u kellu jaqta' l-flus minn oqsma importanti, imbagħad aħna għinna iżjed minnhom u komplejna nżidu l-ispiża u l-investiment fil-budget.

Mhux talli ma qtajniex imma talli qed niġu għandkom u qed ngħidulkom.

iva - se ngħinukom iżjed fiċ-children's allowance,

iva se ngħollulkom iżjed il-pensjonijiet,

iva se nonfqu iżjed biex ngħinu liż-żgħir,

qed ngħidulkom iva min jinvesti b'mod onest u dinjituż f'dan il-pajjiż se jsib il-Gvern ta' spalla.

Basta toffru valur miżjud. Basta tkunu onesti u tħallsu dak dovut.

Appoġġ totali lejn in-negozjant li jittratta lill-ħaddiema u l-konsumatur sew u li jħallas it-taxxi.

Appoġġ totali lejn in-negozjant li jibbaża l-mudell mhux fuq x'se jieħu mill-pajjiż jew mill-Gvern imma fuq l-ideat u l-innovazzjoni.

Kemm hemm bżonn ngħinuhom lil dawn in-nies, għax joħolqu x-xogħol u jikkontribwixxu lejn il-pajjiż.

B'hekk biss dan il-pajjiż jinbidel.

Dan il-Gvern qed jibgħat messaġġ ċar.

Għax irridu Malta Ġusta.

Iva - għandna ninvestu iżjed fl-ekonomija li tipproduċi valur ogħla.

Fejn ħaddieħor inaqqas il-budgets, aħna qed naraw budget espansjonarju.

Iżjed investiment fl-edukazzjoni, fis-saħħa u iva, fuq kollox fuq is-soċjal għax aħna mhux persentaġġi u ċifri biss, imma rridu naraw li dawk l-inqas fostna li jifilħu jibqgħu jingħataw l-iktar appoġġ.

Ma ddejjaqtx ngħidha s-sena l-oħra u mhux se niddejjaq illum, dan budget ieħor soċjalista.

Dan budget ieħor li jipproteġi ż-żgħir u jgħin lill-middle class, dan budget ieħor li jkabbar l-ekonomija u jinvesti dak il-ġid fis-soċjal.

Għamilna dan għax konna bil-għaqal, saħħaħna d-dixxiplina fin-nefqa tal-Gvern u rajna li l-ġbir tat-taxxa jsir sew u minn kulħadd.

Dan il-pajjiż għandu ħafna sfidi iżda f'nofs il-maltemp u l-instabbiltà internazzjonali, aħna bqajna l-vapur stabbli.

Ma biddilniex il-pożizzjoni darba. Dejjem konna konsistenti sa mill-ewwel ġurnata.

L-għaqal għamel dan kollu possibbli.

Mhux dejjem kien hemm Gvern li għamel hekk.

Għalhekk dan il-Gvern jibqa' l-unika garanzija politika li għandu l-poplu Malti fuq l-enerġija.

U permezz ta' din il-politika fuq l-enerġija nistgħu nħarsu lejn bidliet importanti li jridu jsiru fl-ekonomija Maltija. Ma jistax ikollok ekonomija differenti qabel ma tassigura l-istabbiltà fl-enerġija.

Iktar kmieni din is-sena tkellimt fuq li l-pajjiż ma jistax jibqa' jġib ħaddiema barranin b'din ir-rata minħabba s-sostenibbiltà.

Mill-Gvern ma nibżgħux inkunu aħna li nqajmu d-diskussjonijiet importanti u llum il-frame of mind tal-istakeholders kollha huwa wieħed allinjat. Dan il-pajjiż qed jaġġorna l-mod kif iħaddem l-ekonomija tiegħu.

Il-messaġġ tan-nies hemm barra huwa ċar u aħna nifhmuh. Għax jekk dan il-Gvern għandu xi ħaġa li żammitu miexi 'l quddiem hi dik li jifhem ir-realtajiet u ma jistaġnax.

Din il-Kamra għandha responsabbiltà li tnaqqas il-politika partiġġjana u żżid il-politika riformista.

Dan il-pajjiż għandu ftit wisq riżorsi biex jaħli l-enerġija tiegħu f'battibekki politiċi partiġġjani.

In-nies ma jridux iżjed il-politika tal-aħna u l-intom.

Tal-Laburist u n-Nazzjonalist.

Ma twassalna mkien.

U jekk ma nitkellmux fuq politika riformista u moderata f'dan il-Parlament se naraw tikber il-politika populista li tagħmel ħsara kbira lill-ekonomija u l-futur tagħna lkoll.

Nifhem li ċertu differenzi fl-ideat jibqgħu.

Iżda hemm barra l-poplu jrid ukoll ħidma magħquda fl-interess tal-pajjiż fuq temi importanti.

Waħda ma teskludix lill-oħra.

Illum pajjiżna għandu quddiemu bżonn jaġġorna l-mod kif inħaddmu l-ekonomija.

Id-dinja hemm barra qed tinbidel u jekk dan il-pajjiż ma jaċċettax ir-realtajiet ta' hemm barra se naqgħu lura.

L-opportunitajiet qegħdin hemm u rridu noħduhom.

Mit-turiżmu sas-settur finanzjarju.

Mill-manifattura li nesportaw, sal-ħaddiema li jiġu jaħdmu f'Malta.

Dan il-pajjiż irid jaqleb fuq il-kwalità u mhux kwantità.

Fuq il-valur tax-xogħol tagħna, mhux kemm naħdmu.

Hekk biss nistgħu niggarantixxu l-futur tagħna.

Dik għandha tkun il-mira ta' pajjiż ġust.

Dik se tkun il-mira għas-snin li ġejjin.

# Tabella A.1

## IL-QAGĦDA FISKALI 2022 - 2026

| | 2022 Attwali € '000 | | 2023 Rivedut € '000 | | 2024 Estimi € '000 | | 2025 Estimi € '000 | | 2026 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 5,314,012 | | 5,832,843 | | 6,251,975 | | 6,583,445 | | 7,009,180 | |
| Dħul Ieħor | 533,170 | | 643,949 | | 504,313 | | 520,839 | | 518,284 | |
| Dħul Totali | | 5,847,182 | | 6,476,792 | | 6,756,288 | | 7,104,284 | | 7,527,464 |
| Nefqa Rikurrenti | | 5,839,892 | | 6,176,731 | | 6,572,156 | | 6,729,616 | | 6,938,510 |
| Nefqa Kapitali | | 739,310 | | 1,059,818 | | 904,515 | | 1,006,822 | | 1,113,742 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) qabel l-Imgħax | (732,020) | | (759,757) | | (720,383) | | (632,154) | | (524,788) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 173,610 | | 209,184 | | 271,700 | | 300,700 | | 348,700 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | (166,320) | | 90,877 | | (87,568) | | 73,968 | | 240,254 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(905,630)** | | **(968,941)** | | **(992,083)** | | **(932,854)** | | **(873,488)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(468,963)* | | *(445,636)* | | *(489,145)* | | *(459,469)* | | *(958,679)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(6,873)* | | *(6,014)* | | *(4,685)* | | *(4,041)* | | *(3,044)* | |
| *Ħlas lura ta' Self Barrani* | - | | - | | - | | *(80,000)* | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(50)* | | *(30)* | | *(30)* | | *(30)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Fund Specjali MGS* | *(25,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(28,044)* | | *(18,226)* | | *(215,000)* | | *(100)* | | *(100)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,708* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(522,333)* | | *(496,253)* | | *(735,187)* | | *(569,967)* | | *(988,180)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,427,963)* | | *(1,465,194)* | | *(1,727,270)* | | *(1,502,821)* | | *(1,861,668)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(713,329)* | | *(1,096,636)* | | *(961,830)* | | *(989,100)* | | *(991,921)* | |
| *Self Lokali* | *1,044,656* | | *1,600,000* | | *1,700,000* | | *1,500,000* | | *1,800,000* | |
| | | *331,327* | | *503,364* | | *738,170* | | *510,900* | | *808,079* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(1,096,636)* | | *(961,830)* | | *(989,100)* | | *(991,921)* | | *(1,053,589)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(905,630)** | | **(968,941)** | | **(992,083)** | | **(932,854)** | | **(873,488)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(76,534)** | | **32,941** | | **72,083** | | **59,854** | | **56,488** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(982,164)** | | **(936,000)** | | **(920,000)** | | **(873,000)** | | **(817,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **17,212,471** | | **18,889,831** | | **20,286,163** | | **21,618,138** | | **23,019,029** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-5.7%** | | **-5.0%** | | **-4.5%** | | **-4.0%** | | **-3.5%** | |

## Tabella A.2

### IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

€'000

| | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 6,861,027 | 7,979,230 | 9,303,731 | 10,435,531 | 11,393,106 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 375,170 | 352,025 | 254,495 | 162,393 | 66,854 |
| *Bills* tat-Teżor | 801,895 | 653,252 | 658,449 | 659,326 | 718,416 |
| Self minn Barra | 420,591 | 420,464 | 420,344 | 340,231 | 340,117 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 150,542 | 151,762 | 151,762 | 151,762 | 151,762 |
| Munita | 98,815 | 111,034 | 116,711 | 122,955 | 129,825 |
| *ESA Rerouted Debt* | 295,329 | 301,851 | 304,686 | 302,466 | 300,190 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **9,003,369** | **9,969,618** | **11,210,178** | **12,174,664** | **13,100,270** |
| Prodott Domestiku Gross | 17,212,471 | 18,889,831 | 20,286,163 | 21,618,138 | 23,019,029 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **52.31%** | **52.78%** | **55.26%** | **56.32%** | **56.91%** |

# Tabella A.3

**IL-QAGĦDA FISKALI 2022 - 2023**

| | 2022 | | 2023 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 5,314,012 | | 5,756,763 | | 5,832,843 | |
| Dħul Ieħor | 533,170 | | 611,357 | | 643,949 | |
| Dħul Totali | | 5,847,182 | | 6,368,120 | | 6,476,792 |
| Nefqa Rikurrenti | | 5,839,892 | | 6,206,817 | | 6,176,731 |
| Nefqa Kapitali | | 739,310 | | 922,224 | | 1,059,818 |
| Bilanc / Żbilanċ qabel l-Imgħax | (732,020) | | (760,921) | | (759,757) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 173,610 | | 219,000 | | 209,184 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | (166,320) | | (57,697) | | 90,877 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(905,630)** | | **(979,921)** | | **(968,941)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(468,963)* | | *(445,637)* | | *(445,636)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(6,873)* | | *(5,598)* | | *(6,014)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Barrani* | - | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(25,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(28,044)* | | *(12,510)* | | *(18,226)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,708* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(522,333)* | | *(490,122)* | | *(496,253)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,427,963)* | | *(1,470,043)* | | *(1,465,194)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(713,329)* | | *(1,012,590)* | | *(1,096,636)* | |
| *Self Lokali* | *1,044,656* | | *1,600,000* | | *1,600,000* | |
| | | *331,327* | | *587,410* | | *503,364* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(1,096,636)* | | *(882,633)* | | *(961,830)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(905,630)** | | **(979,921)** | | **(968,941)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(76,534)** | | **7,921** | | **32,941** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(982,164)** | | **(972,000)** | | **(936,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **17,212,471** | | **17,537,380** | | **18,889,831** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-5.7%** | | **-5.5%** | | **-5.0%** | |

## *STATEMENT* A

## DĦUL 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 2,309,000,000 | 2,382,000,000 | 73,000,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| | Sigurtà Soċjali | 1,363,000,000 | 1,419,000,000 | 56,000,000 | - | B'riżultat tal-qagħda fl-impjiegi mistenni jimmaterjalizza dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 325,000,000 | 313,000,000 | - | 12,000,000 | Dħul anqas mistenni sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst taħt *Machine-made Cigarettes, Spirits, Petroleum* u *Cement*. Mistenni dħul akbar taħt *Import Duty - Ad Valorem*. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 383,763,000 | 375,843,000 | - | 7,920,000 | Mistenni dħul anqas taħt *Gaming Taxes,* mit-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vetturi u *Annual circulation licence fees*. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 1,376,000,000 | 1,343,000,000 | - | 33,000,000 | . |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **5,756,763,000** | **5,832,843,000** | **76,080,000** | | |

**_STATEMENT_ A**

**DĦUL 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 77,510,000 | 86,044,000 | 8,534,000 | - | Mistenni dħul nett akbar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut taħt *Land Registry Fees u Residency Malta Agency* . |
| Bejgħ | 98,843,000 | 87,575,000 | - | 11,268,000 | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena taħt *Homes/Institutions for the Elderly* u mill-Bejgħ ta' Artijiet tal-Gvern. Mistenni dħul anqas taħt *Services to Third Parties u Premium receivable from sale of MGSs.* |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 2,678,000 | 4,367,000 | 1,689,000 | - | Dħul akbar mistenni sal-aħħar tas-sena prinċipalment minn rimborż mixxellanju. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 33,000,000 | 0 | - | 33,000,000 | Konsiderazzjonijiet kawti infurmaw bid-deċiżjoni li ma jgħaddux dħul sal-aħħar tas-sena. |
| Kera | 35,860,000 | 33,865,000 | - | 1,995,000 | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena taħt *Temporary and Perpetual Leases,* filwaqt li mistenni dħul anqas taħt kirjiet kummerċjali. |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR (ikompli)** | | | | | |
| Profitti minn Investimenti | 55,850,000 | 70,850,000 | 15,000,000 | - | L-istima riveduta għas-sena tirrifletti d-dħul mistenni minn *Dividends fil-Fond Konsolidat* . |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 276,000 | 1,006,000 | 730,000 | - | Mistenni dħul akbar mill-interessi fuq self lir-Repubblika Ellenika. |
| Għotjiet Barranin | 298,252,000 | 349,175,000 | 50,923,000 | - | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena ġejja mir-rimborż mill-Unjoni Ewropea taħt il-programmi varji. |
| Dħul Mixxellanju | 9,088,000 | 11,067,000 | 1,979,000 | - | Mistenni dħul akbar minn kreditu ta' interessi fil-kont pubbliku. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **611,357,000** | **643,949,000** | **32,592,000** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **6,368,120,000** | **6,476,792,000** | **108,672,000** | | |

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Self Lokali | 1,600,000,000 | 1,600,000,000 | - | - | |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,784,000 | 2,784,000 | - | - | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 889,000 | 889,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **1,603,673,000** | **1,603,673,000** | | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **7,971,793,000** | **8,080,465,000** | **108,672,000** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 4,931,000 | 5,807,000 | 876,000 | - | Fondi addizzjonali huma pprovduti taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Travel* u *Contractual Services*) minħabba bżonnijiet ta' safar, kiri ta' karozzi u tindif. |
| 2 Kamra tad-Deputati | 11,500,000 | 11,500,000 | - | - | |
| 3 Uffiċċju tal-Ombudsman | 1,549,000 | 1,549,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 4,200,000 | 4,200,000 | - | - | |
| 5 Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika | 450,000 | 450,000 | - | - | |
| 6 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 43,040,000 | 140,145,000 | 97,105,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments,* kif ukoll fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Hosting of International Conferences*). Hija mistennija żieda taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* biex jitħallsu skemi tal-irtirar taħt *Resource Support and Services Ltd.* |
| 7 Informazzjoni | 1,540,000 | 1,463,000 | - | 77,000 | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,862,000 | 1,940,000 | 78,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 Ufficċju Elettorali | 3,195,000 | 3,656,000 | 461,000 | - | |
| 10 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 778,000 | 770,000 | - | 8,000 | |
| 11 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 2,160,000 | 2,030,000 | - | 130,000 | |
| 12 Ministeru għas-Saħħa | 930,408,000 | 955,823,000 | 25,415,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries & Wages*, *Allowances* u *Overtime*), taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Transport* u *Contractual Services*) kif ukoll fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Specialised Treatment by Foreign Experts*, *Pharmacy of Your Choice*, *Mater Dei Hospital Non-Medical Equipment*, *Maintenance of Medical Equipment*, *Compensation Payments* u *Long Term Beds*). Dan se jkun ikkumpensat bi spiża anqas taħt l-istess kategorija (*Covid-19 Supplies*, *New Medicines* u *Chief Medical Officer Medicines*). |
| 13 Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 64,209,000 | 66,613,000 | 2,404,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services*), fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Risk Mitigation in Communities u Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija*) kif ukoll fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities*. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 Gvern Lokali | 55,082,000 | 55,181,000 | 99,000 | - | |
| 15 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej | 52,530,000 | 56,298,000 | 3,768,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Rent* u *Travel*) minħabba żieda fis-safar u kirjiet tal-ambaxxati. |
| 16 Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 62,348,000 | 61,867,000 | - | 481,000 | Fondi supplimentari huma mistennija sal-aħħar tas-sena taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Food Items to Distribution Centres* u *Administration of the Meeting Place*) u tal-*Contributions to Government Entities* (*Office of the Commissioner for Children*). |
| 17 Politika Soċjali | 450,550,000 | 481,650,000 | 31,100,000 | - | L-i*State Contribution* fil-kategorija *Programmes and Initiatives* se tkun ogħla bħala riżultat ta' dħul akbar mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. |
| 18 Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali | 1,335,560,000 | 1,321,233,000 | - | 14,327,000 | Mistenni nfiq anqas sal-aħħar tas-sena skont in-numru ta' benefiċjarji. |
| 19 Pensjonijiet | 103,800,000 | 103,800,000 | - | - | |
| 20 Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali | 47,476,000 | 64,995,000 | 17,519,000 | - | Fondi supplimentari huma meħtieġa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Temporary Price Stabilization Schemes* u *Management of Farm Waste).* |
| 21 Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 43,136,000 | 45,474,000 | 2,338,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt il-*Housing Programmes.* |

## NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet | 58,885,000 | 68,117,000 | 9,232,000 | - | Mistenni li jkun hemm żieda fil-fondi prinċipalment fl-*Allowances*, fil-*Contractual Services*, fil-*Malta B2B Expo,* fl-*E-Sport Policy,* fil-*Malta Government Investments Debt Servicing*, fil-*Lands Authority* kif ukoll fil-*Malta Crafts Foundation,* skont l-attività li saret matul is-sena, taħt l-Items imsemmija. |
| 23 Kummerċ | 1,895,000 | 1,957,000 | 62,000 | - | |
| 24 Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur | 58,536,000 | 58,163,000 | - | 373,000 | |
| 25 Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 107,411,000 | 138,443,000 | 31,032,000 | - | L-ispiża relatata mal-pagi u salarji hija mistennija li tkun anqas minn dik oriġinali. Antiċipata żieda fin-nefqa taħt l-i*Scrappage Scheme to Purchase Motor Cycle*, il-PSO's tat-Trasport Pubbliku u *Inter-Island*, u *Tallinja Card*. |
| 26 Ministeru għal Għawdex | 59,942,000 | 60,381,000 | 439,000 | - | L-ispiża relatata mal-pagi u salarji mistennija tkun iżjed minn dik oriġinali kif ukoll dik relatata mal-attivitajiet kulturali, filwaqt li l-ispiża fuq servizzi residenzjali għall-anzjani hija antiċipata li tkun anqas. |

## NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza | 72,294,000 | 73,816,000 | 1,522,000 | - | Meta wieħed jipparaguna mal-istimi oriġinali hija mistennija nefqa anqas taħt il-kategoriji ta' *Programmes and Initiatives* u *Contributions to Government Entities* . Aktar fondi huma meħtieġa taħt il-Kategorija tal-*Personal Emoluments* , speċjalment taħt is-*Salaries and Wages* u *Allowances* , kif ukoll fil-kategorija ta' *Operational and Maintenance Expenses* , l-aktar taħt *International Memberships* u *Contractual Services* . |
| 28 Forzi Armati ta' Malta | 68,949,000 | 71,997,000 | 3,048,000 | - | L-ispiża taħt *Salaries and Wages* u *Transport* mistennija tkun aktar mill-istima oriġinali, skont il-bżonnijiet attwali. |
| 29 Pulizija | 85,591,000 | 90,131,000 | 4,540,000 | - | Qed tiġi mbassra nefqa akbar taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , b'mod speċjali taħt *Salaries and Wages* , *Allowances* u *Overtime* . Spiża ogħla mistennija wkoll taħt l-*Operational and Maintenance Expenses* . |
| 30 Probation and Parole | 1,609,000 | 1,447,000 | - | 162,000 | Mistenni li jkun hemm anqas infiq fil-*Personal Emoluments* , l-aktar taħt *Salaries and Wages* . |
| 31 Protezzjoni Ċivili | 10,797,000 | 10,946,000 | 149,000 | - | L-ispiża taħt *Salaries and Wages* u *Allowances* mistennija tkun aktar mill-istima oriġinali. |
| 32 Ministeru għat-Turiżmu | 154,273,000 | 158,549,000 | 4,276,000 | - | Mistenni li jkun hemm żieda fil-fondi għall-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances* ) u l-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*Malta Film Commission* ). |

## NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża | 814,190,000 | 500,987,000 | - | 313,203,000 | Nefqa anqas mistennija taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* taħt *Salaries and Wages*, *Social Security Contributions* u *Allowances*, kif ukoll taħt l-*Energy Support Measures* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, skont il-bżonnijiet attwali. |
| 34 Ambjent Malta | 15,553,000 | 16,984,000 | 1,431,000 | - | Qed tiġi mbassra żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Contractual Services* sal-aħħar tas-sena. |
| 35 Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 311,253,000 | 288,149,000 | - | 23,104,000 | Spiża mnaqqsa mistennija taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, prinċipalment bħala kontribuzzjonijiet netti fl-*EU Own Resources*. |
| 36 Politika Ekonomika | 2,044,000 | 1,996,000 | - | 48,000 | Spiża mnaqqsa mistennija taħt il-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*). |
| 37 It-Teżor | 51,391,000 | 52,832,000 | 1,441,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-*Programmes and Initiatives* (*Expenses linked to the issuance of Malta Government Stocks*) li parti minnha tkun ikkumpensata minn nuqqas ta' spiża fil-*Compensation Payment by Government,* skont il-bżonnijiet attwali. |
| 38 Ħlasijiet fuq Self | 700,285,000 | 690,469,000 | - | 9,816,000 | L-ispiża taħt l-item *Local Borrowing - Interest (MGS)* mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 39 Kummissarju tat-Taxxi | 25,218,000 | 40,084,000 | 14,866,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-*Programmes and Initiatives* (*Refunds under the VAT/CET Acts* u *Expenditure Reporting Schemes*). |
| 40 Dwana | 15,385,000 | 14,969,000 | - | 416,000 | Spiża anqas mistennija taħt il-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*). |

## NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 41 Kuntratti | 3,569,000 | 3,294,000 | - | 275,000 | Spiża anqas mistennija taħt il-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*). |
| 42 Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 394,321,000 | 394,837,000 | 516,000 | - | Żieda fl-ispiża taħt il-*Personal Emoluments* u *Contributions to Government Entities* ġiet parzjalment ikkumpensata bi tnaqqis fi spiża taħt il-*Programmes and Initiatives*. |
| 43 Edukazzjoni | 369,840,000 | 405,102,000 | 35,262,000 | - | Varjazzjoni hija maħsuba taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* speċifikament biex tkopri l-ispiża għat-trasport offrut lill-iskejjel tal-gvern, tal-knisja u dawk privati, kif ukoll żieda fil-*Personal Emoluments.* |
| 44 Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar | 37,312,000 | 40,180,000 | 2,868,000 | - | Żieda hija mistennija prinċipalment fl-*Allowances,* fil-*Professional Services*, fil-*Maintenance of the Ta' Qali National Park*, fil-*Building and Construction Initiatives* kif ukoll fil-*Maintenance of Public Fountains*, skont l-attività taħt dawn l-Items matul is-sena. |
| 45 Ministeru għall-Ġustizzja | 43,263,000 | 51,888,000 | | | Spiża ogħla mistennija fil-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Professional Services*) kif ukoll żieda fis-*Summoning and Expenses of Witnesses, Jurors and Experts in Criminal Court Trials* taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*. Mistennija wkoll żieda fl-infiq fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*Attorney General's Office*). |

**NEFQA RIKORRENTI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 Ministeru għall-Anzjanità Attiva | 222,992,000 | 245,138,000 | 22,146,000 | - | Nefqa akbar hija mistennija fil-kategorija tal-*Personal Emoluments*, u taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services*), kif ukoll żieda fir-*Residential Care in Private Homes* li parti minnha se tkun ikkumpensata b'nefqa anqas taħt *Homes for the Elderly* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **6,907,102,000** | **6,867,300,000** | **313,993,000** | **362,420,000** | |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-President | 348,000 | 698,000 | 350,000 | - | Spiża akbar hija mistennija taħt *Property, Plant and Equipment* fuq diversi proġetti. |
| II | Kamra tad-Deputati | 2,709,000 | 1,709,000 | - | 1,000,000 | Spiża anqas hija antiċipata primarjament taħt *Property, Plant and Equipment*. |
| III | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 45,219,000 | 45,724,000 | 505,000 | - | Spiża netta akbar hija antiċipata taħt il-*Property, Plant and Equipment* (*Ministry* u *Industrial and Employment Relations*). |
| IV | Ministeru għas-Saħħa | 75,538,000 | 86,250,000 | 10,712,000 | - | Spiża akbar hija antiċipata taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020, *National Recovery and Resilience Plan* u *Property, Plant and Equipment* (*Ministry* u *Institutional Health Care*), *ICT Support, REACT EU* u f'*Construction Works in Government Cemeteries* (*Public Health Regulation*). |
| V | Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 28,490,000 | 38,297,000 | 9,807,000 | - | Mistennija żieda fil-fondi prinċipalment taħt *Culture and the Arts* kif ukoll f'*Heritage Malta*. |
| VI | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej | 4,223,000 | 8,487,000 | 4,264,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt dan il-Vot minħabba diversi proġetti fuq Ambaxxati (*Washington*, *Beijing* u *New York*) u rinnovar tal-Ambaxxata f'Canberra u dik ta' Palazzo Spinola. |
| VII | Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 3,992,000 | 3,670,000 | - | 322,000 | Hija antiċipata spiża anqas prinċipalment taħt *ICT - Software*. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VIII | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali | 75,617,000 | 78,775,000 | 3,158,000 | - | Spiża akbar hija antiċipata pimarjament taħt proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. |
| IX | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 5,088,000 | 4,688,000 | - | 400,000 | Hija antiċipata spiża anqas taħt il-Fondi Strutturali. |
| X | Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet | 73,890,000 | 107,905,000 | 34,015,000 | - | Spiża akbar hija mistennija taħt il-*Lands Authority*, *INDIS Malta Ltd*, u mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. |
| XI | Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur | 8,582,000 | 13,108,000 | 4,526,000 | - | Spiża akbar hija antiċipata taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020. |
| XII | Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 176,619,000 | 197,812,000 | 21,193,000 | - | In-nefqa mistennija tkun akbar taħt il-proġetti relatati mat-toroq u l-marittimu, il-kumpless tar-*Rugby* ta' Kordin, il-fondi ta' Koeżjoni 2014-2020 filwaqt li nefqa anqas hija mistennija taħt il-*European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020*. |
| XIII | Ministeru għal Għawdex | 22,219,000 | 20,848,000 | - | 1,371,000 | Minkejja li mistennija spiża akbar relatata ma' xogħlijiet strutturali fil-Ministeru, in-nefqa netta mistennija tkun anqas taħt il-*Gozo Museum*, il-*Gozo Aquatic Centre* u riġenerazzjoni tal-bajja tax-Xlendi. |
| XIV | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza | 49,394,000 | 50,521,000 | 1,127,000 | - | Minkejja li mistennija spiża akbar relatata ma' *Property, Plant and Equipment* tal-Ministeru u *Direct Management Funds*, in-nefqa mistennija tkun anqas taħt *Property, Plant and Equipment* [Pulizija] u *Research and Development [Equipment]*. |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2023: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XV | Ministeru għat-Turiżmu | 23,900,000 | 37,158,000 | 13,258,000 | - | Żieda netta fl-ispiża hija mistennija taħt il-*Malta Film Commission* u l-*Institute of Tourism Studies.* |
| XVI | Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża | 116,758,000 | 166,741,000 | 49,983,000 | - | Nefqa akbar hija antiċipata prinċipalment taħt il-*Cohesion Funds 2014 - 2020* u l-*Waste Management* . |
| XVII | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 105,462,000 | 72,501,000 | - | 32,961,000 | Il-fondi allokati taħt dan il-Ministeru mhumiex se jintefqu minn taħt dan il-Vot sal-aħħar tas-sena. |
| XVIII | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 82,440,000 | 103,141,000 | 20,701,000 | - | Spiża akbar hija antiċipata pimarjament taħt proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea kif ukoll taħt l-MCST u l-Isport. |
| XIX | Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar | 23,062,000 | 26,309,000 | 3,247,000 | - | Żieda fin-nefqa mistennija taħt l-*Upgrading of Existing Storm - Water Systems* minħabba ħlasijiet dovuti f'dan il-qasam. |
| XX | Ministeru għall-Ġustizzja | 6,321,000 | 8,989,000 | 2,668,000 | - | Żieda fin-nefqa mistennija taħt l-i*State Advocate Capital Programme.* |
| XXI | Ministeru għall-Anzjanità Attiva | 4,863,000 | 4,713,000 | - | 150,000 | |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **934,734,000** | **1,078,044,000** | **143,310,000** | - | |